# FTEHIM DWAR SERVIZZI TA’ PJATTAFORMA TAT-TRASPORT FUQ L-ART

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 **Dokumenti tal-Ftehim:** Dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali jiffurmaw parti mill-Ftehim. Dan il-**“Ftehim”** huwa magħmul mill-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt, dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali, mid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb u minn kwalunkwe dokument ieħor mehmuż mad-dokumenti msemmija hawn fuq jew inkorporat b’referenza fihom. Jekk ikun hemm kunflitt bejn kwalunkwe minn fost dawn id-dokumenti, dan għandu jiġi solvut billi jiġu applikati d-dokumenti fl-ordni ddikjarata (bid-dokument prevalenti l-ewwel).

## 2. DEFINIZZJONIJIET U INTERPRETAZZJONI

2.1 **Definizzjonijiet**: Id-definizzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt u f’dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali:

| TERMINU | DEFINIZZJONI |
|---|---|
| **Klijent Akkwiżit** | ifisser Klijent li ma jkunx daħal f’relazzjoni kuntrattwali mas-Sieħeb li jipprovdi s-Servizzi ta’ Trasport, li fir-rigward tiegħu Booking.com (i) tkun diġà ġiet remunerata; u/jew (ii) tkun intitolata għal remunerazzjoni (jiġifieri l-Kummissjoni ta’ Booking.com) għall-forniment tas-Servizzi ta’ Booking.com. |
| **Munita Miftiehma Addizzjonali** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Affiljat** | ifisser, fir-rigward ta’ parti, kwalunkwe entità oħra li direttament jew indirettament ikollha Kontroll, tkun taħt il-Kontroll ta’ dik il-parti, jew tkun taħt Kontroll komuni dirett jew indirett ma’ dik il-parti minn żmien għal żmien. |
| **Sieħeb Affiljat** | ifisser l-Affiljati ta’ Booking.com u sħab terzi ta’ distribuzzjoni bil-quddiem u white label ta’ Booking.com jew tal-Affiljati tagħha. |
| **Munita Miftiehma** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Ftehim** | ifisser dan il-ftehim deskritt fil-Klawżola 1.1 (*Dokumenti tal-Ftehim*) ta’ dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali. |
| **Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*** | ifisser il-UK General Data Protection Regulation u l-UK Data Protection Act 2018 (kif jistgħu jiġu emendati, estiżi jew jerġgħu jiġu promulgati minn żmien għal żmien), ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* 2016/679 (kif jista’ jiġi emendat, estiż jew jiġi promulgat minn żmien għal żmien u hekk kif jifforma parti mil-liġi Ingliża bis-saħħa tal-European Union (Withdrawal) Act 2018), u kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli simili fir-rigward tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-*data*, tal-Privatezza elettronika u/jew tal-kummerċjalizzazzjoni li tapplika għall-Partijiet jew għall-ipproċessar tad-*data* li dan il-Ftehim jista’ jimplika. |
| **Liġi Applikabbli** | tfisser kwalunkwe liġi applikabbli għat-twettiq ta’ dan il-Ftehim fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni rilevanti minn żmien għal żmien, inklużi dawn kollha li jkunu applikabbli: (a) il-leġiżlazzjonijiet, ir-regolamenti jew id-direttivi; (b) l-ordnijiet vinkolanti jew is-sentenzi tal-qrati; u (c) r-regolamenti, il-kodiċijiet, il-politiki, il-prattiki jew l-istandards tal-industrija infurzabbli mil-liġi. |
| **Kont Bankarju** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fir-Rekwiżiti ta’ Konformità ta’ Booking.com. |
| **Prenotazzjoni** | ifisser:<br>(i) prenotazzjoni għal Vjaġġ, inkluż kwalunkwe Ekstra, magħmula minn Klijent fuq Pjattaforma ta’ Booking.com li hija kkonfermata minn Booking.com u aċċettata jew meqjusa bħala aċċettata mis-Sieħeb (u/jew mis-Sieħeb f’isem il-Flotta Finali u/jew is-Sewwieq) f’konformità mad-Dokument Operattiv tas-Sieħeb; jew<br>(ii) prenotazzjoni mitluba minn Prenotazzjoni f’isem Klijent bħala Rikba ta’ Rkupru. |
| **Booking.com** | ifisser il-kumpanija Booking.com identifikata fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Kanċellazzjoni minn Booking.com** | meta Booking.com tikkanċella Prenotazzjoni u tagħti lura l-Prezz tal-Kuntratt lill-Klijent meta tidentifika jew ikollha raġuni biex tissuspetta li: (i) tkun twettqet attività frawdolenti minn jew f’isem is-Sieħeb, Sewwieq jew, meta applikabbli, il-Flotta Finali; (ii) il-Prenotazzjoni għal Servizzi ta’ Trasport jew it-twettiq ta’ Servizzi ta’ Trasport ma jkunux konformi mal-Liġi Applikabbli; jew (iii) fl-opinjoni raġonevoli ta’ Booking.com, il-Prenotazzjoni tal-Klijent mhux se tkun tista’ titwettaq bis-sħiħ f’konformità mal-Ftehim u/jew mat-Termini u l-Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta’ Booking.com għal kwalunkwe raġuni. |
| **Kompetitur ta’ Booking.com** | ifisser kwalunkwe kompetitur ta’ Booking Holdings Inc. jew tal-Affiljati tagħha li joffri servizzi ta’ tqabbil u/jew ta’ prenotazzjoni (eż. aġent tal-ivvjaġġar online, operatur turistiku, metapjattaforma) fir-rigward tal-ivvjaġġar (eż. inventarju, akkomodazzjoni, titjiriet, karozzi tal-kiri, attrazzjonijiet, taksis jew trasport ieħor fuq l-art). |
| **Rekwiżiti ta’ Konformità ta’ Booking.com** | ifisser l-appendiċi li huwa mehmuż ma’, u jifforma parti minn, dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet obbligatorji ta’ Booking.com relatati mal-konformità mal-liġijiet kontra t-tixħim u l-korruzzjoni, mal-liġijiet kontra l-ħasil tal-flus, kummerċ u sanzjonijiet, il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-prevenzjoni tal-iskjavitù moderna (fost affarijiet oħrajn). |
| ***Data* ta’ Booking.com** | ifisser informazzjoni dwar il-Klijenti miġbura minn Booking.com jew minn Sieħeb Affiljat minn kwalunkwe sors għajr is-Sieħeb direttament (inkluż mingħajr limitazzjoni, pereżempju: l-ismijiet tal-Klijenti; in-numri tat-telefown; id-destinazzjonijiet (inklużi l-postijiet, il-ħinijiet u d-dati ta’ ġbir u ta’ tniżżil); in-numri ta’ referenza tal-prenotazzjonijiet; indirizzi; l-indirizzi tal-posta elettronika jew kwalunkwe informazzjoni oħra) li tippermetti lill-Klijenti jiġu identifikati direttament jew indirettament. |
| **PI ta’ Booking.com** | ifisser il-PI kollha li hija proprjetà ta’ Booking.com jew tas-Sħab Affiljati tagħha, jew żviluppata jew liċenzjata minnhom (jew f’isimhom), inkluża l-PI identifikata fil-Klawżola 12.1 (Sjieda tal-PI ta’ Bookin.com). |
| **Materjali ta’ Booking.com** | ifisser tali *data*, kontenut u informazzjoni oħra magħmula disponibbli minn Booking.com jew mis-Sħab Affiljati tagħha jew f’isimhom fit-tħejjija u fl-eżekuzzjoni tal-Ftehim, inkluż permezz tal-Portal tas-Sħab jew l-API għas-Sħab ta’ Booking.com (eskluż kwalunkwe Kontenut iżda inkluż l-editjar jew il-modifiki jew traduzzjonijiet ta’ Kontenut jew ta’ materjali maħluqa ġodda relatati mal-Kontenut, kif magħmula jew maħluqa minn Booking.com jew mis-Sħab Affiljati tagħha jew f’isimhom). |

| | |
|---|---|
| **API għas-Sħab ta’ Booking.com** | ifisser interfaċċa elettronika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (API) f’tali format li Booking.com tindika minn żmien għal żmien għall-forniment tal-Kontenut mis-Sieħeb għal Booking.com biex tiffaċilita l-Prenotazzjoni tas-Servizzi ta’ Trasport skont dan il-Ftehim. |
| **Pjattaforma ta’ Booking.com** | ifisser is-sistema/i ta’ prenotazzjoni tal-ivvjaġġar online kkontrollata/i minn Booking.com jew minn Sieħeb Affiljat ta’ Booking.com, li permezz ta’ din/dawn il-Materjal ta’ Booking.com, is-Servizzi ta’ Booking.com u s-Servizzi ta’ Trasport jistgħu jsiru disponibbli għall-Klijenti. |
| **Politiki ta’ Booking.com** | ifisser, sa fejn rilevanti għal dan il-Ftehim u/jew għan-negozju tas-Sieħeb, il-politiki u l-istandards ta’ Booking.com ipprovduti jew magħmula disponibbli għas-Sieħeb minn żmien għal żmien, inkluż il-Kodiċi ta’ Kondotta tal-Fornitur u l-Istandards u l-Linji Gwida tal-Kontenut (disponibbli fuq https://www.booking.com/content-moderation-policy/overview-page.en-gb.html). Is-Sieħeb jitqies ukoll li ġie pprovdut bil-politiki kollha disponibbli fuq is-sit web li ġej: https://partner.booking.com/en-us/help/legal-security/terms-local-laws. |
| **Rekwiżiti tas-Sigurtà ta’ Booking.com** | ifisser l-appendiċi li huwa mehmuż ma’ dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali u li jifforma parti minnhom, li jistabbilixxi l-miżuri obbligatorji tas-sigurtà tal-informazzjoni ta’ Booking.com li s-Sieħeb u, sa fejn applikabbli, is-Sewwieqa u l-Flotta Finali jrid ikollhom fis-seħħ u jridu jikkonformaw magħhom. |
| **Servizzi ta’ Booking.com** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 3.2 (*Servizzi ta’ Booking.com*). |
| **Termini u Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta’ Booking.com** | ifisser it-termini u l-kundizzjonijiet standard tal-klijent ta’ Booking.com (kif emendati, aġġornati jew sostitwiti minn Booking.com minn żmien għal żmien) li jistgħu jinstabu fuq https://www.booking.com/content/terms.en-gb.html. |
| **Booking Holdings Group** | ifisser Booking Holdings Inc., u l-Affiljati tagħha minn żmien għal żmien. |
| **Jum ta’ Xogħol** | ifisser jum għajr is-Sibt, il-Ħadd jew festa pubblika fir-Renju Unit. |
| **Kanċellazzjoni** | ifisser Kanċellazzjoni mill-Klijent jew Kanċellazzjoni mis-Sieħeb jew Kanċellazzjoni minn Booking.com, kif applikabbli. |
| **Kummissjoni** | ifisser il-kummissjoni pagabbli mis-Sieħeb lil Booking.com fir-rigward ta’ kull Prenotazzjoni, ikkalkulata u ddefinita kif stabbilit fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Vjaġġ Komplut** | ifisser Vjaġġ mhux ikkanċellat imwettaq mis-Sieħeb u mis-Sewwieq. |
| **Informazzjoni Kunfidenzjali** | ifisser l-informazzjoni kollha (irreġistrata jew iddivulgata bi kwalunkwe mod) relatata ma’ parti (jew ma’ Sieħeb Affiljat) li hija mmarkata bħala kunfidenzjali jew li kieku titqies bħala kunfidenzjali minn persuna raġonevoli fin-negozju, inkluża iżda mhux limitata għal, informazzjoni relatata mal-affarijiet tan-negozju, klijenti, fornituri, impjegati, persunal, opportunitajiet tas-suq, operazzjonijiet, informazzjoni dwar il-prodott, għarfien espert, disinji, sigrieti kummerċjali jew software ta’ dik il-parti, *Data* ta’ Booking.com u Materjali ta’ Booking.com (fil-każ ta' Booking.com). |
| **Kontenut** | ifisser it-test u l-kontenut grafiku kollu (jekk ikun hemm), id-*data* dwar l-ipprezzar (inklużi r-Rati), id-dettalji tal-Vettura, id-dettalji tas-Sewwieq, ritratti u kwalunkwe materjal ieħor li jkun proprjetà tas-Sieħeb u/jew tal-Flotta Finali u/jew ta’ kwalunkwe Sewwieq, jew użat minnhom, minn żmien għal żmien fir-rigward tan-negozju tiegħu jew tagħhom u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni mis-Sieħeb għal Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) permezz tal-API għas-Sħab ta’ Booking.com jew il-Portal tas-Sħab jew inkella għall-inklużjoni fuq il-Pjattaforma ta’ Booking.com. |
| **Prezz tal-Kuntratt** | huwa l-ammont gross effettivament imħallas mill-Klijent lil Booking.com li jinġabar f’isem is-Sieħeb fir-rigward ta’ Prenotazzjoni li jinkludi t-Taxxi, it-tariffi, is-supplimentazzjonijiet u kwalunkwe tariffa ta’ prenotazzjoni speċifika għas-Sieħeb jew għall-Flotta Finali applikabbli kollha). |
| **Kontroll** | ifisser is-setgħa diretta jew indiretta li jiġu ddeterminati l-immaniġġjar u l-politiki ta’ entità jew il-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi jew ta’ korp ekwivalenti tagħha, kemm jekk permezz tas-sjieda tal-ishma, b’kuntratt, jew mod ieħor. |
| **Irkupru tal-Ispejjeż** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Klijent** | ifisser persuna li tista’ taċċessa s-Servizzi ta’ Trasport permezz tal-Pjattaforma ta’ Booking.com jew persuna li tkun klijent ta’ Booking.com jew ta’ Sieħeb Affiljat li tkun għamlet Prenotazzjoni. |
| **Kanċellazzjoni mill-Klijent** | ifisser meta l-Klijent jissottometti talba għall-kanċellazzjoni tal-Prenotazzjoni għal kwalunkwe raġuni għajr Kanċellazzjoni minn Booking.com jew Kanċellazzjoni mis-Sieħeb. |
| **Inċentiv għall-Klijent** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 3.9a. |
| **Klijent Assenti** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Data Limitu** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 7.10 (*Breakage*). |
| **Ammonti ta’ Tnaqqis** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Sewwieq** | ifisser individwu li jew ikun impjegat mis-Sieħeb jew sottokuntrattat minnu jew mill-Flotta Finali applikabbli li se jkun qed isuq (u/jew jikkontrolla) il-Vettura f’isem il-Klijent għall-Vjaġġ u “**Sewwieqa**” għandu jiġi interpretat skont dan. |
| **Avveniment tas-Sewwieq** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Sewwieq Assenti** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Post ta’ Tniżżil** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Data Effettiva** | ifisser id-data effettiva ta’ dan il-Ftehim kif stabbilita fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Flotta Finali** | ifisser fornituri terzi indipendenti ta’ servizzi ta’ trasport fuq l-art li jippermettu li s-Servizzi ta’ Trasport tagħhom jiġu inklużi fuq il-pjattaforma tas-Sieħeb. |

| | |
|---|---|
| **Rapport dwar il-Prezz tal-Bejgħ Finali** | ifisser ir-rapport ipprovdut jew magħmul disponibbli minn Booking.com jew f’isimha permezz tal-API għas-Sħab ta’ Booking.com jew posta elettronika lis-Sieħeb li jagħti dettalji dwar il-Vjaġġi Kompluti tal-ġimgħa jew tax-xahar ta’ qabel (kif applikabbli), flimkien man-numri ta’ referenza tal-Prenotazzjoni u r-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut. |
| **Ekstras** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Avveniment ta’ Forza Maġġuri** | ifisser, għal kwalunkwe parti, avveniment jew ċirkostanza li ma tkunx fil-kontroll raġonevoli ta’ dik il-parti u li ma jippermettulhiex twettaq l-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim. Għaċ-ċarezza, Avveniment ta’ Forza Maġġuri ma jinkludux avvenimenti jew ċirkostanzi kkawżati minn:<br>a. nuqqas ta’ fondi, ta’ xogħol, ta’ materjali jew ta’ riżorsi oħra;<br>b. żieda fl-ispejjeż operazzjonali;<br>c. in-nuqqas ta’ sottokuntrattur jew ta’ kwalunkwe parti terza oħra li jipprovdu oġġetti jew servizzi; jew<br>d. ċirkostanzi li setgħu ġew evitati minn parti billi teżerċita attenzjoni raġonevoli (inkluż, fil-każ tas-Sieħeb, strajks jew tilwim tal-impjegati) jew billi tikkonforma mal-obbligi tagħha relatati mal-irkupru minn diżastri u mal-kontinwità tal-operat.<br>Din id-definizzjoni mhijiex maħsuba biex tillimita jew teskludi kwalunkwe definizzjoni statutorja ta’ forza maġġuri li tista’ tapplika skont il-Liġi Applikabbli. |
| **Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali** | ifisser dawn it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali. |
| **Indennizzati** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fi Klawżola 18.5 (*Indennizz tas-Sieħeb*). |
| **Terminu tal-Bidu** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Avveniment ta’ Insolvenza** | ifisser l-okkorrenza ta’ kwalunkwe wieħed mill-avvenimenti li ġejjin fir-rigward ta’ parti:<br>a. tinbeda kwalunkwe proċedura għall-istralċ jew għar-riorganizzazzjoni tal-parti (għajr għal amalgamazzjoni jew rikostruzzjoni ta’ solventi) li ma tiġix miċħuda fi żmien erbatax-il (14) jum;<br>b. tinbeda kwalunkwe proċedura għall-ħatra ta’ amministratur, riċevitur, riċevitur amministrattiv jew fiduċjarju f’falliment fir-rigward tal-parti jew tal-assi kollha jew sostanzjalment kollha tagħha li ma tiġix miċħuda fi żmien erbatax-il (14) jum;<br>c. id-detentur ta’ titolu fuq l-assi kollha jew sostanzjalment kollha tal-parti jieħu passi biex jinforza t-titolu;<br>d. il-parti ma tistax jew titqies li ma tistax tħallas id-djun tagħha hekk kif ikunu dovuti jew tidħol f’kompożizzjoni jew f’arranġament mal-kredituri tagħha b’mod ġenerali jew ma’ kwalunkwe klassi minnhom, inkluż arranġament volontarju ta’ kumpanija jew att ta’ arranġament; jew<br>e. kwalunkwe ħaġa analoga għall-avvenimenti deskritti f’(a) sa (d) isseħħ fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni fir-rigward tal-parti. |
| **Pagament Rateali** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 7.2a. |
| **Perjodu ta’ Żmien tal-Pagament Rateali** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 7.2a. |
| **Proprjetà Intellettwali jew PI** | ifisser id-drittijiet, it-titoli u l-interessi kollha f’dawn: (a) privattivi, trademarks, marki ta’ servizz, ismijiet kummerċjali, avvjament, disinji reġistrati, drittijiet tad-disinn, drittijiet tal-bażi tad-*data*, drittijiet tal-awtur u forom oħra ta’ proprjetà intellettwali jew industrijali (f’kull każ fi kwalunkwe parti tad-dinja, kemm jekk reġistrati jew reġistrabbli jew le għall-perjodu sħiħ ta’ reġistrazzjoni tagħhom bl-estensjonijiet, bit-tiġdid u bir-rilanċi kollha, u inklużi l-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni jew xort’oħra); (b) invenzjonijiet, formuli, Informazzjoni Kunfidenzjali (inklużi l-għarfien espert jew il-proċessi sigrieti); (c) drittijiet fis-software tal-kompjuter; u (d) kwalunkwe dritt jew assi simili li issa jew fil-futur jistgħu jibqgħu jeżistu fi kwalunkwe post fid-dinja. |
| **Vjaġġ** | ifisser li Klijent jittieħed mill-Post ta’ Ġbir u fil-Ħin ta’ Ġbir sal-Post ta’ Tniżżil indikat fil-Prenotazzjoni. |
| **Telf** | ifisser it-telf, l-obbligazzjonijiet, id-danni, il-kostijiet, l-ispejjeż kollha (inklużi tariffi legali raġonevoli) u l-kostijiet ta’ investigazzjonijiet, litigazzjoni, saldu, imgħax, penali u multi. |
| **Munita Ewlenija Miftiehma** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Klassifikazzjoni Minima** | ifisser il-klassifikazzjoni minima aċċettabbli għat-Territorju tas-Sieħeb, kif stabbilita minn Booking.com minn żmien għal żmien. |
| **Ammont Nett** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Fuq Talba** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Fil-Ħin** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Regolament P2B** | ifisser ir-Regolament (UE) 2019/1150 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online. |
| **Kanċellazzjoni mis-Sieħeb** | ifisser Rifjut tas-Sieħeb jew Sewwieq Assenti. |
| **Rifjut tas-Sieħeb** | ifisser meta s-Sieħeb jirrifjuta Prenotazzjoni għal kwalunkwe raġuni qabel il-Ħin ta’ Ġbir jew Sewwieq ma jkunx ġie assenjat f’konformità mal-Livell ta’ Servizz rilevanti. |
| **Ċentru tal-Għajnuna għas-Sħab** | ifisser is-sistema online li jaraw is-Sħab u pprovduta minn Booking.com biex tipprovdi aġġornamenti, aħbarijiet, gwida u gwidi għall-mistoqsijiet frekwenti u informazzjoni ta’ kuntatt fuq taxisuppliers-support.booking.com u tinkludi l-formola ta’ kuntatt aċċessibbli għall-użu mis-Sieħeb fuq: https://taxisuppliers-support.booking.com/hc/en-us/requests/new kif emendata, aġġornata jew issostitwita minn żmien għal żmien. |

| | |
|---|---|
| **Portal tas-Sħab** | ifisser is-sistema online għas-Sħab ipprovduta minn Booking.com għall-immaniġġjar tal-prenotazzjonijiet, għall-assenjament tas-Sewwieqa, għat-tlugħ, għall-emendar jew għall-verifika tar-Rati, għaż-żieda, għat-tneħħija jew għall-istabbiliment tal-kategoriji ta' Vetturi, għall-viżwalizzazzjoni tal-metriki tal-prestazzjoni tal-kwalità, għall-forniment tal-Materjali ta' Booking.com jew għall-forniment ta' kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġu ssodisfati s-Servizzi tas-Sħab u s-Servizzi ta' Booking.com fuq portal.taxi.booking.com kif emendata, aġġornata jew issostitwita minn żmien għal żmien. |
| **Dokument Operattiv tas-Sieħeb** | ifisser id-dokument ipprovdut jew magħmul disponibbli għas-Sieħeb minn Booking.com dwar iċ-Ċentru tal-Għajnuna għas-Sħab (kif emendat, aġġornat jew issostitwit minn żmien għal żmien) li jagħti dettalji dwar il-proċeduri operattivi u l-Livelli ta' Servizz applikabbli u li jifforma parti minn dan il-Ftehim. |
| **Servizzi tas-Sħab** | ifisser is-Servizzi ta' Trasport u/jew is-Servizzi ta' Aggregatur tal-Pjattaforma, kif jirrikjedi l-kuntest. |
| **Persunal** | ifisser l-impjegati, l-uffiċjali, il-ħaddiema, l-aġenti u l-kuntratturi ta' kwalunkwe parti, u dawk tas-sottokuntratturi tagħha (ta' kwalunkwe livell) u (fir-rigward tas-Sieħeb) ta' kull Flotta Finali u s-Sewwieqa. |
| **Post ta' Ġbir** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Ħin ta' Ġbir** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Servizzi ta' Aggregatur tal-Pjattaforma** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 3.1b. |
| **Servizzi ta' Wara t-Terminazzjoni** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 21.1c. |
| **Rati** | ifisser ir-rati (jew fil-każ ta' Fuq Talba, ir-rati stmati) li għandhom jiġu pprovduti mis-Sieħeb għall-Vjaġġ u/jew għall-Ekstras (kif applikabbli) permezz tal-API għas-Sħab jew tal-Portal tas-Sħab (meta applikabbli) ta' Booking.com, li jridu jinkludu kwalunkwe u kull imposta obbligatorja u/jew tariffa fissa u t-Taxxi u dejjem ikunu soġġetti għal-Liġi Applikabbli fit-Territorju. |
| **Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 16.1 (*Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet*). |
| **Rekords** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 24.2 (*Kotba u rekords*). |
| **Rikba ta' Rkupru** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Ammont Rimborżat** | ifisser kwalunkwe ammont imħallas lura lil Klijent (inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe Telf imġarrab minn Klijent skont talba jew ilment rigward il-Prenotazzjoni u/jew il-Vjaġġ tiegħu). |
| **Regolatur** | ifisser dipartiment tal-gvern jew korp regolatorju, statutorju jew korp ieħor li, skont il-Liġi Applikabbli, huwa intitolat jirregola jew jinvestiga l-kwistjonijiet trattati f'dan il-Ftehim jew il-partijiet f'dan il-Ftehim, inkluż kwalunkwe awtorità pubblika indipendenti kompetenti inkarigata mill-monitoraġġ u mill-infurzar tal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. |
| **Partijiet Relatati** | ifisser il-Persunal, is-sottokuntratturi (ta' kwalunkwe livell), il-Flotta Finali, is-Sewwieqa tas-Sieħeb u kwalunkwe persuna jew entità oħra li tipprovdi kwalunkwe parti mis-Servizzi tas-Sieħeb u "**Parti Relatata**" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq. |
| **Talba għall-Ħlas** | ifisser it-talba tas-Sieħeb għall-bilanċ tal-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb, imressqa minn Booking.com f'isem is-Sieħeb f'konformità ma' dan il-Ftehim. |
| **SCCs** | ifisser il-Klawżoli Kuntrattwali Standard għat-trasferimenti minn Kontrollur għal Kontrollur approvati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE tal-4 ta' Ġunju 2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard għat-trasferiment ta' personali lil pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif issostitwiti, aġġornati jew emendati minn żmien għal żmien. |
| **Livelli ta' Servizz** | ifisser il-livelli obbligatorji ta' servizz meħtieġa mis-Sieħeb, kif stabbiliti fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **Kodiċi ta' Kondotta tal-Fornituri** | ifisser il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Forrnituri ta' Booking.com disponibbli fuq is-sit web li ġej: https://partner.booking.com/en-us/help/legal-security/terms-local-laws. |
| **Taxxi** | ifisser kwalunkwe taxxa nazzjonali, governattiva, provinċjali, statali, muniċipali jew lokali, imposta, importazzjoni, dazju, u imposta (soprataxxa), tariffa u taxxa f'ras il-għajn ta' kwalunkwe natura imposta minn kwalunkwe awtorità governattiva, fiskali jew awtorità oħra, inklużi l-VAT, il-GST, it-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali (DST), it-taxxa fuq il-bejgħ u l-użu, l-ITBIS jew taxxi simili oħra u "**Taxxa**" għandha tiġi interpretata skont dan. |
| **Terminu** | ifisser it-terminu ta' dan il-Ftehim. |
| **Territorju** | ifisser it-territorju jew it-territorji kif speċifikati fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt. |
| **Stimi tal-Ħin** | ifisser il-Ħin Stmat ta' Stennija u l-ETA Inizjali tas-Sewwieq, kif iddefiniti fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb (li għandu jiġi pprovdut permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com, meta applikabbli). |
| **Leġiżlazzjoni dwar it-Trasferiment** | ifisser liġijiet jew regolamenti li jimplimentaw id-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet Miksuba, inklużi t-Transfer of Undertakings (Protection of Employment) Regulations 2006 u kwalunkwe leġiżlazzjoni jew regolament simili ieħor li jeħtieġ it-trasferiment, jew jopera għat-trasferiment, tal-impjieg jew tal-involviment tal-impjegati u/jew it-talbiet tagħhom. |
| **Servizzi ta' Trasport** | ifisser is-servizzi ta' trasport fuq l-art li jinvolvu l-ġbir ta' Klijent minn Sewwieq f'Vettura minn Post ta' Ġbir u t-tniżżil ta' Klijent fid-destinazzjoni finali tiegħu f'konformità mal-Prenotazzjoni tal-Klijent (inkluż kwalunkwe Ekstra miżjuda mal-Prenotazzjoni). |
| **Addendum Approvat tar-Renju Unit** | ifisser il-mudell tal-addendum tat-trasferiment tad-*data* internazzjonali għall-Klawżoli Kuntrattwali Standard tal-Kummissjoni tal-UE verżjoni B.1.0 maħruġ mill-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit u ppreżentat quddiem il-Parlament f'konformità mal-s119A tad-Data Protection Act 2018 fit-2 ta' Frar 2022, kif rivedut taħt it-Taqsima 18 tal- |

| | |
|---|---|
| | Addendum Approvat tar-Renju Unit, kif stabbilit bħalissa fuq: https://ico.org.uk/media/for-organisations/documents/4019539/international-data-transfer-addendum.pdf. |
| **Vettura ta' Grad Għola** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb. |
| **VAT** | ifisser fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit, kwalunkwe taxxa fuq il-valur miżjud jew kwalunkwe Taxxa indiretta simili oħra li tista' tiġi imposta f'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE, u barra mill-Unjoni Ewropea, kwalunkwe Taxxa fuq Oġġetti u Servizzi (GST) jew kwalunkwe Taxxa indiretta simili oħra imposta b'referenza għall-valur miżjud u/jew għall-konsum. |
| **Dettalji tal-Vettura u tas-Sewwieq** | għandu t-tifsira mogħtija lilu fil-Klawżola 3.4e. |
| **Vetturi** | ifisser il-vetturi li huma misjuqa, operati, proprjetà, mikrija, immaniġġjati, ipprovduti u/jew ikkontrollati minn Sewwieqa li jkunu ġew miftiehma ma' Booking.com sabiex jintużaw fil-forniment tas-Servizzi ta' Trasport u "**Vettura**" tfisser tip speċifiku ta' vettura miftiehem li jintuża meta jiġu pprovduti s-Servizzi ta' Trasport. |
| **Ribass tal-Volum** | ifisser ir-ribass kummerċjali li s-Sieħeb għandu jħallas lil Booking.com, kif ikkalkulat u definit fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt. |

2.2 **Interpretazzjoni**: F'dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali:

a. ir-referenzi għal liġi speċifika jinkludu dik il-liġi kif emendata minn żmien għal żmien, jew kwalunkwe liġi li tissostitwiha jew li temendaha;

b. il-kliem "inkluż" jew "pereżempju" (jew simili) ma għandux jingħata tifsira restrittiva minħabba li jiġi segwit minn eżempji partikolari; u

c. sakemm il-kuntest ma jkunx jeħtieġ mod ieħor, ir-referenzi għal avviż jew approvazzjoni tfisser avviż jew approvazzjoni mogħtija bil-miktub.

## 3. IS-SERVIZZI

3.1 **Servizzi tas-Sħab:** Is-Sieħeb għandu jipprovdi hu nnifsu, jew jikseb permezz tal-Partijiet Relatati tiegħu:

a. il-konsenja tas-Servizzi ta' Trasport lill-Klijenti ta' Booking.com; u/jew

b. servizzi ta' aggregatur ta' pjattaformi teknoloġiċi li jiffaċilitaw: (i) l-abilitazzjoni tal-forniment ta' Servizzi ta' Trasport mill-Flotta Finali u/jew mis-Sewwieqa, (ii) it-trażmissjoni u l-kollazzjoni ta' Kontenut permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com biex ikunu jistgħu jiġu pprenotati s-Servizzi ta' Trasport, (iii) it-twettiq ta' Prenotazzjonijiet u l-immaniġġjar tagħhom bil-Flotta Finali u s-Sewwieqa tiegħu, u (iv) il-ġbir ta' pagamenti f'isem il-Flotta Finali jew is-Sewwieqa tiegħu u d-distribuzzjoni sussegwenti tal-pagamenti lill-Flotta Finali jew lis-Sewwieqa tiegħu bi skambju għas-Servizzi ta' Trasport ipprovduti (is-"**Servizzi ta' Aggregatur tal-Pjattaforma**").

3.2 **Servizzi ta' Booking.com:** Is-Sieħeb b'dan jaħtar lil Booking.com u/jew lis-Sħab Affiljati tagħha biex jaġixxu bħala l-aġent mhux esklużiv tas-Sieħeb biex:

a. jikkummerċjalizzaw u jiffaċilitaw il-prenotazzjoni ta' Servizzi ta' Trasport lill-Klijenti permezz ta' Pjattaforma ta' Booking.com;

b. jirċievu u jaċċettaw ordnijiet u jikkonkludu kuntratti mal-Klijenti f'isem is-Sieħeb (jew is-Sieħeb li jaġixxi bħala aġent għall-Flotta Finali u/jew għas-Sewwieqa skont il-każ) f'konformità mal-Klawżola 3.3 (*Termini Standard tal-Klijenti ta' Booking.com*) biex jipprovdu s-Servizzi ta' Trasport;

c. jiġbru l-Prezz tal-Kuntratt għal u f'isem is-Sieħeb (jew f'isem is-Sieħeb li jaġixxi bħala aġent għall-Flotta Finali u/jew għas-Sewwieqa tiegħu skont il-każ); u

d. jipprovdu appoġġ għas-servizzi tal-klijenti tal-ewwel linja lill-Klijenti,

flimkien, is-"**Servizzi ta' Booking.com**".

3.3 **Termini Standard tal-Klijenti ta' Booking.com:** Bid-dħul f'dan il-Ftehim, is-Sieħeb jawtorizza lil Booking.com (u, skont il-każ, is-Sħab Affiljati tagħha) tippermetti lill-Klijenti jidħlu f'relazzjoni kuntrattwali mas-Sieħeb u/jew mal-Flotta Finali u/jew mas-Sewwieq (skont kif is-Sieħeb jistruttura n-negozju tiegħu fit-Territorju) għall-forniment ta' Servizzi ta' Trasport lill-Klijent, permezz tal-Pjattaforma ta' Booking.com. Il-partijiet jaqblu li fit-twettiq ta' dan il-Ftehim, Booking.com (u, skont il-każ, is-Sħab Affiljati tagħha) tippermetti biss il-laqgħa tal-provvista u tad-domanda għas-Servizzi ta' Trasport fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com, il-konklużjoni tal-Prenotazzjoni hija fid-diskrezzjoni unika tas-Sieħeb (u/jew il-Flotta Finali u/jew is-Sewwieq) u l-Klijent. Għas-Servizzi ta' Trasport kollha, huwa s-Sieħeb u/jew il-Flotta Finali u/jew is-Sewwieq (skont kif is-Sieħeb jistruttura n-negozju tiegħu fit-Territorju), u mhux Booking.com jew is-Sieħeb Affiljat tagħha li għandu r-relazzjoni kuntrattwali mal-Klijent għall-eżekuzzjoni tal-Prenotazzjoni tagħhom. Il-kuntratti għas-Servizzi ta' Trasport bejn is-Sieħeb (u/jew is-Sewwieqa tiegħu u/jew il-Flotta Finali, skont kif is-Sieħeb jistruttura n-negozju tiegħu fit-Territorju) u l-Klijent għandhom ikunu soġġetti għat-Termini u l-Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta' Booking.com (jew tali verżjonijiet modifikati jew aġġornati ta' dawk it-termini u l-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien) li għandhom jiġu inkorporati fit-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawk il-kuntratti u jiffurmaw parti minnhom u s-Sieħeb għandu jkun marbut bihom u għandu jikkonforma mat-termini u mal-kundizzjonijiet kollha ta' dawk il-kuntratti u s-Sieħeb għandu jiżgura, meta applikabbli, li l-Flotta Finali u s-Sewwieqa jikkonformaw mat-termini u mal-kundizzjonijiet kollha ta' dawk il-kuntratti. Booking.com għandha taġixxi bħala l-aġent u s-Sieħeb (jew is-Sewwieqa jew il-Flotta Finali tiegħu, skont kif is-Sieħeb jistruttura n-negozju tiegħu fit-Territorju) għandu jaġixxi bħala l-prinċipal fir-rigward tal-kuntratt magħmul mal-Klijent.

3.4 **Responsabbiltajiet tas-Sieħeb**: Is-Sieħeb għandu jwettaq l-obbligi tiegħu f'konformità ma' dan il-Ftehim u:

a. f'konformità mal-Politiki ta' Booking.com;

b. b'tali mod li jinżamm l-avvjament u r-reputazzjoni għolja ta' Booking.com (u tas-Sħab Affiljati tagħha);

c. f'konformità mad-Dokument Operattiv tas-Sieħeb, il-Livelli ta' Servizz u kwalunkwe metodu, livelli ta' servizz jew proċeduri addizzjonali li l-partijiet jistgħu jaqblu bil-miktub minn żmien għal żmien;

d. għandu jipprovdi lil Booking.com (jew lis-Sieħeb Affiljat rilevanti tagħha) bir-Rati u, fil-każ ta' Fuq Talba, bl-Istimi tal-Ħin, permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com jew il-Portal tas-Sħab (kif miftiehem ma' Booking.com);

e. ladarba Prenotazzjoni tiġi aċċettata, is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com b'informazzjoni preċiża u aġġornata permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com jew tal-Portal tas-Sħab, kif miftiehem ma' Booking.com, dwar is-Sewwieq u, meta applikabbli, il-Flotta Finali inkluż l-isem, l-informazzjoni ta' kuntatt (in-numru tat-telefown ċellulari), ir-ritratt u l-lokalizzazzjoni tas-Sewwieq kif ukoll il-marka, il-kulur u n-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni tal-Vettura u kwalunkwe dettall ieħor meħtieġ mitlub mill-API għas-Sħab ta' Booking.com jew iddikjarat fil-Portal tas-Sħab ("**Dettalji tal-Vettura u tas-Sewwieq**"). B'tali mod li, Booking.com (jew Sieħeb Affiljat) tista' tipprovdi d-Dettalji tal-Vettura u tas-Sewwieq u d-dettalji tas-Sieħeb, lill-Klijent li jkun għamel il-Prenotazzjoni;

f. ma jużax jew ma jaċċessax l-API għas-Sħab ta' Booking.com jew il-Portal tas-Sħab għal kwalunkwe skop ieħor għajr li jipprovdi s-Servizzi tas-Sieħeb f'konformità ma' dan il-Ftehim;

g. jissodisfa r-rekwiżiti tal-onboarding u dawk tekniċi tal-API għas-Sħab ta' Booking.com u/jew tal-Portal tas-Sħab (inkluż kwalunkwe ttestjar meħtieġ qabel it-tnedija f'ambjent ta' produzzjoni biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda difett) kif innotifikat minn Booking.com lis-Sieħeb, u jkompli jagħmel dan matul it-Terminu kollu;

h. jimplimenta kwalunkwe bidla teknika obbligatorja meħtieġa minn verżjonijiet ġodda tal-API għas-Sħab ta' Booking.com u/jew il-Portal tas-Sħab kif deżinjat minn Booking.com minn żmien għal żmien;

i. ma għandux u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali ma għandhomx (u lanqas jippruvaw) jitolbu, jattiraw jew jipperswadu lil kwalunkwe Klijent li ma jkunx Klijent Akkwiżit biex jikkuntratta direttament miegħu jew ma' kwalunkwe wieħed minnhom jew b'mod ieħor jiddevja l-Prenotazzjonijiet għal Servizzi ta' Trasport mill-Klijenti lil hinn minn Booking.com (jew Sieħeb Affiljat) (bħal sollecitazzjoni jew devjazzjoni tal-Prenotazzjonijiet minn Klijent li ma jkunx Klijent Akkwiżit, bl-intenzjoni li jiġi evitat il-ħlas tal-Kummissjoni);

j. ma għandux u għandu jara li l-Affiljati tiegħu, is-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali ma għandhomx imaqdru, jagħtu isem ħażin u/jew jitkellmu b'mod li jagħmel ħsara lil Booking.com jew lil kwalunkwe membru tal-Booking Holdings Group jew lil kwalunkwe Sieħeb Affiljat, jew jikkawża u/jew iwettaq kwalunkwe attività li tista' tikkawża ħsara lill-isem, lill-marka, lir-reputazzjoni, lill-avvjament, lin-negozju ta' Booking.com (jew ta' kwalunkwe membru tal-Booking Holding Group jew ta' kwalunkwe Sieħeb Affiljat) jew lir-relazzjonijiet ta' Booking.com ma' kwalunkwe sieħeb, klijent u/jew parti terza oħra. Sabiex jiġu evitati dubji, xejn f'din il-klawżola ma għandu jipprevjeni lis-Sieħeb, lill-Affiljati, lis-Sewwieqa u/jew lill-Flotta Finali milli jqajmu kwalunkwe kwistjoni relatata mal-konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jew mal-liġijiet nazzjonali ta' Stat membru tal-Unjoni Ewropea;

k. għandu jiżgura li kull Vettura (u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali jiżguraw li kull Vettura) tkun f'kundizzjoni tajba, nadifa, f'kundizzjoni sikura għas-sewqan, bit-taxxi u bl-assigurazzjoni sħaħ imħallsin u jkoollha l-benefiċċju ta' kwalunkwe MOT jew ċertifikazzjonijiet simili tas-sikurezza tal-vetturi li huma meħtieġa mil-Liġi Applikabbli fit-Territorju biex jiġu pprovduti s-Servizzi ta' Trasport u għandu jipprovdi, fuq talba, dettalji jew kopji ta' kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti biex jagħti prova ta' dan lil Booking.com hekk kif din tista' titlob;

l. fil-każ li l-klassi jew it-tip ta' Vettura prenotata mill-Klijent ma jkunux disponibbli biex jitwettaq il-Vjaġġ, is-Sieħeb għandu jipprovdi, jew għandu jara li s-Sewwieq jew, meta applikabbli, il-Flotta Finali jipprovdu lill-Klijent b'Vettura ta' Grad Għola bl-istess rata u mingħajr ebda imposta żejda bħall-klassi jew it-tip ta' Vettura li kienet oriġinarjament fuq il-Prenotazzjoni; u

m. is-Sieħeb għandu jinnotifika minnufih lil Booking.com bil-miktub jekk ikun se jgħaddi minn jew ikun għadda minn bidla fil-Kontroll tas-Sieħeb.

3.5 **Sħab Affiljati ta' Booking.com:** Is-Sieħeb jirrikonoxxi u jaqbel li Booking.com tista' tgħaddi mis-Servizzi tas-Sħab u tagħmel il-Kontenut disponibbli għas-Sħab Affiljati tagħha. Kwalunkwe Sieħeb Affiljat li Booking.com tagħmel il-Kontenut disponibbli għalih għandu jkun benefiċjarju terz tad-drittijiet ta' Booking.com skont dan il-Ftehim u għandu jkollu d-dritt li jinvolvi ruħu f'distribuzzjoni bil-quddiem f'konformità mat-termini ta' dan il-Ftehim.

3.6 **Responsabbiltajiet ta' Booking.com:** Booking.com taqbel matul it-Terminu ta' dan il-Ftehim li tagħmel l-isforzi raġonevoli tagħha biex:

a. tipprovdi lis-Sieħeb b'aċċess għal u użu tal-API għas-Sħab ta' Booking.com u/jew tal-Portal tas-Sħab bl-għan li s-Sieħeb ikun jista' jimmaniġġja s-Servizzi tas-Sħab;

b. tikkummerċjalizza s-Servizzi ta' Trasport lill-Klijenti; u

c. tiżgura li l-Klijenti kollha jsiru konxji li l-kuntratt tagħhom għas-Servizzi ta' Trasport huwa mas-Sieħeb (u/jew mal-Flotta Finali u/jew mas-Sewwieq tiegħu) u mhux ma' Booking.com jew ma' kwalunkwe Sieħeb Affiljat.

3.7 **Responsabbiltajiet Reċiproċi:** Iż-żewġ partijiet jaqblu li jwettqu l-obbligi tagħhom f'konformità ma' dan il-Ftehim u:

a. b'mod etiku;

b. f'konformità ma' kull Liġi Applikabbli; u

c. bl-użu ta' ħila u ta' attenzjoni raġonevoli.

3.8 **Disponibbiltà, Rati u Imposti:** Is-Sieħeb għandu u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali għandhom:

a. jipprovdu lil Booking.com b'Rati li:

   i. jinkludu l-imposti obbligatorji u t-tariffi fissi kollha assoċjati mas-Servizzi ta' Trasport (pereżempju, ħlasijiet addizzjonali tal-ajruport, tariffi ta' żoni ta' konġestjoni, pedaġġi jew tariffi għall-ġbir mill-ajruport) u jippermettu lill-Klijenti jħallsu għal dawn minn qabel; u

   ii. jinkludu Taxxi preċiżi u, meta jintalab minn Booking.com, is-Sieħeb għandu jipprovdi tqassim ta' dawn it-Taxxi b'mod ċar u preċiż, b'*data* mqassma f'punti li turi l-ammont rilevanti li Booking.com (jew Sieħeb affiljat) tista' tgħaddi lil kull Klijent;

b. sakemm ma jkunx permess espliċitament minn dan il-Ftehim, ma jitolbux ħlas direttament mill-Klijenti b'rabta mas-Servizzi ta' Trasport.

3.9 **Offerti u Promozzjonijiet:**

a. Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha huma intitolati li joffru inċentivi lill-Klijenti biex jagħmlu Prenotazzjonijiet bi spejjeż ta' Booking.com jew tas-Sħab Affiljati, billi jħallsu parti mir-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut jew kollha kemm hi f'isem Klijent ("**Inċentiv għall-Klijent**").

b. Fil-każ li kwalunkwe Vettura jew kwalunkwe terminu, offerta jew promozzjoni oħra jiġu offruti esklużivament lil Booking.com u/jew lis-Sħab Affiljati tagħha b'rabta ma' dan il-Ftehim, dawn għandhom jibqgħu esklużivi għal Booking.com u għas-Sħab Affiljati tagħha matul it-Terminu sakemm u sa meta l-partijiet ma jaqblux mod ieħor bil-miktub.

c. Sabiex imexxi negozju aħjar għas-Sieħeb u għal Booking.com u għas-Sħab Affiljati tagħha, is-Sieħeb jista' jiftiehem ma' Booking.com minn żmien għal żmien biex jipparteċipa fi promozzjonijiet, f'offerti għal gruppi ta' utenti magħluqa jew f'rati esklużivi oħra u/jew jara li l-Flotta Finali tipparteċipa f'dawn.

## 4. PARTIJIET RELATATI

4.1 **Partijiet Relatati:** Booking.com taqbel li s-Sieħeb jista' jissottokuntratta s-Servizzi ta' Trasport u/jew l-obbligi rilevanti skont dan il-Ftehim lill-Partijiet Relatati tiegħu u/jew jimpenja lill-Partijiet Relatati tiegħu biex iwettqu s-Servizzi ta' Trasport, dment li:

a. f'kull ħin juża livell għoli ta' attenzjoni u ta' ħila fl-għażla, fil-ħatra u fl-onboarding ta' kull Parti Relatata;

b. għandu jwettaq verifiki xierqa tal-isfond, tas-sanzjonijiet, verifiki kontra l-ħasil tal-flus, kontra t-tixħim u kontra l-korruzzjoni, kontra l-iskjavitù moderna, kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u verifiki oħrajn tal-konformità kif meħtieġ skont il-Liġi Applikabbli u kif mitlub b'mod raġonevoli minn Booking.com fir-rigward ta' kull Parti Relatata u jiżgura li tali verifiki jkunu u jibqgħu ċari u sodisfaċenti matul it-Terminu kollu;

c. meta l-Parti Relatata tkun kumpanija, huwa għandu jivverifika u jivvalida d-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija u ċ-ċertifikat ta' inkorporazzjoni tal-Parti Relatata;

d. għandu jivverifika u jiżgura li kull Parti Relatata jkollha u żżomm l-assigurazzjonijiet, il-liċenzji tal-operat, il-liċenzji tas-sewqan, id-drittijiet għax-xogħol u permessi oħra kollha meħtieġa biex is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom f'konformità ma' dan il-Ftehim;

e. għandu jirrepeti l-kontrolli u l-validazzjonijiet skont il-Klawżoli 4.1 b, c u d ta' hawn fuq mhux anqas minn darba kull sitt (6) xhur kontra kull Parti Relatata u minnufih malli jirċievi kwalunkwe talba minn Booking.com biex jagħmel dan;

f. għandu jżomm u jmantni rekords preċiżi tal-verifiki kollha u r-riżultati ta' tali verifiki mwettqa skont din il-Klawżola 4.1 u, meta mitlub minn Booking.com, is-Sieħeb għandu jipprovdi minnufih lil Booking.com b'kopja ta' kwalunkwe rekord mitlub bħal dan;

g. għandu jara li kull Parti Relatata twettaq is-Servizzi ta' Trasport f'konformità ma' dan il-Ftehim, inklużi l-Livelli ta' Servizz;

h. għandu jiżgura li jidħol fi ftehim bil-miktub ma' kull Parti Relatata li jinkludi l-istess obbligi, drittijiet u protezzjonijiet għal Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha) kif stabbilit hawnhekk sa fejn dawn japplikaw għall-Parti Relatata u għandu jiżgura li tali Parti Relatata tikkonforma mal-obbligi tagħha u ma' termini u kundizzjonijiet oħra kif stabbiliti fi ftehimiet bħal dawn;

i. is-Sieħeb ma għandux jinvolvi jew, meta diġà tkun involuta, is-Sieħeb għandu jneħħi lil kwalunkwe Parti Relatata li tonqos milli tikkonforma ma' xi wieħed mir-rekwiżiti fid-dispożizzjonijiet ta' din il-Klawżola 4.1 milli twettaq is-Servizzi ta' Trasport u kwalunkwe obbligu ieħor b'rabta ma' dan il-Ftehim; u

j. is-Sieħeb għandu jibqa' unikament responsabbli għall-atti u għall-ommissjonijiet ta' kull Parti Relatata daqslikieku kienu l-atti u l-ommissjonijiet tas-Sieħeb stess inklużi iżda mhux limitati għal kwalunkwe ksur tat-termini jew tal-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u għandu jkun unikament responsabbli għall-ħlas tal-Parti Relatata għas-servizz li tipprovdi.

## 5. DOKUMENT OPERATTIV TAS-SIEĦEB

5.1 **Dokument Operattiv tas-Sieħeb:** Is-Sieħeb għandu jikkonforma (u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali jikkonformaw) mad-Dokument Operattiv tas-Sieħeb li japplika għal dan il-Ftehim u jifforma parti minnu.

## 6. GARANZIJI

6.1 **Garanziji Reċiproċi:** Kull parti tiddikjara u tiggarantixxi lill-oħra fuq bażi kontinwa li għat-Terminu ta' dan il-Ftehim:

a. **Approvazzjonijiet u Kunsensi:** għandha l-awtorità, id-drittijiet, l-approvazzjonijiet, il-permessi u l-kunsensi neċessarji kollha biex tidħol f'dan il-Ftehim u twettqu, u biex tagħti d-drittijiet u l-liċenzji msemmija fih.

b. **Awtorità**:

i. għandha s-setgħa u l-awtorità korporattivi sħaħ li tidħol f'dan il-Ftehim u twettaq l-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim;

ii. ħadet l-azzjoni korporattiva kollha meħtieġa minnu biex tawtorizza l-eżekuzzjoni u l-eżekuzzjoni ta' dan il-Ftehim; u

iii. dan il-Ftehim jikkostitwixxi obbligi legali validi u vinkolanti ta' dik il-parti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu.

6.2 **Garanziji tas-Sħab**: Is-Sieħeb jiddikjara, jiggarantixxi u jimpenja ruħu ma' Booking.com fuq bażi kontinwa li:

a. għandu, u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali għandhom jipprovdu s-Servizzi tas-Sieħeb f'konformità ma' kull Liġi Applikabbli inkluż mingħajr limitazzjoni l-leġiżlazzjoni applikabbli kollha dwar is-saħħa u s-sikurezza;

b. għandu, u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lil Booking.com (jew lis-Sieħeb Affiljat rilevanti tagħha) biex il-Prenotazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu, inkluż iżda mhux limitat għar-Rati, l-Istimi tal-Ħin (fil-każ ta' Fuq Domanda), id-disponibbiltà, id-Dettalji tal-Vettura u tas-Sewwieq, l-Avvenimenti tas-Sewwieq u/jew kwalunkwe informazzjoni oħra, li f'kull ħin għandha tkun kompluta, aġġornata, preċiża, mhux qarrieqa u konformi ma' kull Liġi Applikabbli;

c. ma għandux, u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali ma jagħmlu l-ebda bidla fir-Rati jew fi kwalunkwe terminu jew kundizzjoni oħra wara li tkun saret Prenotazzjoni minn kwalunkwe Klijent, ħlief jekk u sakemm dan ma jkunx meħtieġ li jsir mil-Liġi Applikabbli u dment li l-Klijent jiġi nnotifikat b'tali bidliet b'avviż bil-miktub malajr kemm jista' jkun, kif permess mil-Liġi Applikabbli;

d. huwa għandu, u għandu jara li s-Sewwieqa u, meta applikabbli, il-Flotta Finali għandu jkollhom u jżommu l-awtorità, id-drittijiet, il-permessi, il-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet neċessarji kollha għat-twettiq tan-negozju tiegħu u tagħhom, filwaqt li jipprovdu s-Servizzi tas-Sieħeb u jikkonformaw mal-obbligi tiegħu skont dan il-Ftehim;

e. huwa għandu (jew, meta applikabbli, għandu jara li l-Flotta Finali) jwettaq (twettaq) kontrolli xierqa regolari fuq is-Sewwieqa fuq bażi kontinwa matul it-Terminu kollu biex jiġi żgurat li s-Sewwieqa jkollhom l-awtorità, id-drittijiet, il-permessi, il-liċenzji, l-assigurazzjoni u l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-għoti tas-Servizzi ta' Trasport f'konformità mal-Liġi Applikabbli fit-Territorju u għandu jwettaq verifiki tal-isfond xierqa (inklużi iżda mhux limitati għal verifiki mediċi u kriminali u verifiki mill-ġdid kontinwi) fuq is-Sewwieqa biex jiżguraw is-sikurezza tal-Klijenti. Is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com minnufih, fuq talba, kwalunkwe dettall u/jew kopja ta' kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti biex juri l-konformità tas-Sieħeb ma' din id-dispożizzjoni u meta ma jkunx ipprovdut biżżejjed mis-Sieħeb, Booking.com għandu jkollha d-drittijiet kif stabbiliti fil-Klawżola 20.4a (*Terminazzjoni għal Ksur Materjali*) u l-Klawżola 20.7 (*Sospensjoni u Restrizzjoni minn Booking.com*);

f. għandu jkun responsabbli biex jiżgura, u għandu jara li s-Sewwieqa (jew, meta applikabbli, il-Flotta Finali) għandhom jiżguraw il-forniment garantit ta' Vetturi u Ekstras sikuri u ta' kwalità tajba u li l-Klijenti jiġu pprovduti b'servizzi professjonali f'kull ħin; u

g. għandu, u għandu jara li s-Sewwieqa (jew, meta applikabbli, il-Flotta Finali) ma jagħmlu l-ebda Prenotazzjoni permezz tal-Pjattaforma ta' Booking.com bl-għan li jerġgħu jbigħu Prenotazzjonijiet bħal dawn.

6.3 **Ebda Garanzija Impliċita:** Ħlief kif espressament previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, Booking.com ma tagħmel l-ebda rappreżentazzjoni jew garanzija, espressa jew impliċita, b'rabta mas-suġġett ta' dan il-Ftehim u b'dan tirrinunzja kwalunkwe u kull garanzija impliċita, inkluż ta' kummerċjabilità jew idoneità għal skop partikolari fir-rigward ta' tali suġġett. Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha joperaw il-Pjattaforma ta' Booking.com u s-Servizzi ta' Booking.com fuq bażi "talikwali" u "kif disponibbli".

## 7. OBBLIGI TA' PREZZ U TA' ĦLAS

7.1 **Kummissjoni:** Il-Kummissjoni pagabbli mis-Sieħeb lil Booking.com għall-forniment tas-Servizzi ta' Booking.com għandha tiġi kkalkulata u titnaqqas mill-flejjes miġbura minn Booking.com mingħand il-Klijenti f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt jew kif miftiehem mod ieħor bil-miktub mill-partijiet minn żmien għal żmien.

7.2 **Ribass tal-Volum:** Wara t-tmiem ta' kull sena kalendarja, Booking.com tikkonferma bil-miktub lis-Sieħeb ir-Ribass tal-Volum (jekk ikun hemm) dovut lil Booking.com fir-rigward ta' tali sena kalendarja. Booking.com tibgħat lis-Sieħeb fattura tal-VAT valida fil-Munita Ewlenija Miftiehma tas-Sieħeb għall-ammont totali tar-Ribass tal-Volum pagabbli mis-Sieħeb, li għandha tiġi kkalkulata u titħallas f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt u:

a. sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mas-Sieħeb, Booking.com għandha tieħu l-ħlas tar-Ribass tal-Volum f'pagamenti rateali fuq ċertu perjodu ta' żmien kif innotifikat minn Booking.com lis-Sieħeb mas-sottomissjoni tal-fattura (kull waħda "**Pagament Rateali**" u l-perjodu ta' żmien u l-kadenza li huma l-"**Perjodu ta' Żmien tal-Pagament Rateali**") mill-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb kull xahar; u

b. jekk ir-Ribass tal-Volum totali ma jkunx tħallas kollu sa tmiem il-Perjodu ta' Żmien tal-Pagament Rateali (pereżempju, minħabba li l-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb kien anqas mir-Ribass tal-Volum), allura jew:

i. l-ammont li jifdal jitnaqqas mill-bilanċ tal-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb matul ix-xhur ta' wara sakemm ir-Ribass tal-Volum jitħallas kollu; jew

ii. Booking.com titlob li l-ammont li jifdal jitħallas permezz ta' trasferiment bankarju u tipprovdi d-dettalji tal-kont bankarju tagħha biex is-Sieħeb iħallas lil Booking.com l-ammont tar-Ribass tal-Volum li jifdal fi żmien tletin (30) jum minn talba bħal din.

7.3 **Ribass tal-Volum wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza:** Jekk dan il-Ftehim jittermina jew jiskadi matul sena kalendarja, Booking.com għandha tikkonferma bil-miktub lis-Sieħeb ir-Ribass tal-Volum (jekk ikun hemm) dovut lil Booking.com fir-rigward tal-perjodu ta' dik is-sena kalendarja sad-data ta' skadenza jew ta' terminazzjoni, li għandu jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt. Booking.com tibgħat lis-Sieħeb fattura fil-Munita Ewlenija Miftiehma tas-Sieħeb għar-Ribass tal-Volum pagabbli mis-Sieħeb u s-Sieħeb għandu jħallas fil-kont bankarju nominat ta' Booking.com tali ammont tar-Ribass tal-Volum fi żmien tletin (30) jum mill-fattura.

7.4 **Ammonti ta' Tnaqqis:** Meta Booking.com ma tkunx tista' żżomm, tikkumpensa, tpaċi u/jew tnaqqas kwalunkwe Ammont ta' Tnaqqis mill-Ammont Nett (pereżempju, minħabba li l-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb ikun anqas mill-Ammonti ta' Tnaqqis), Booking.com tipprovdi lis-Sieħeb b'talba għall-ħlas għall-Ammonti ta' Tnaqqis rilevanti u bid-dettalji tal-kont bankarju tagħha u s-Sieħeb għandu jħallas lil Booking.com l-Ammonti ta' Tnaqqis rilevanti fi żmien tletin (30) jum mit-talba għall-ħlas.

7.5 **Ammont Nett**:

a. Mhux anqas minn tnejn u sebgħin (72) siegħa wara Vjaġġ Komplut matul it-Terminu, is-Sieħeb għandu jkun jista' jirrieżamina d-dettalji tal-Prenotazzjoni ta' dak il-Vjaġġ permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com jew il-Portal tas-Sħab (meta applikabbli) jew mezz ieħor bħal dawn li Booking.com tista' tiddeċiedi minn żmien għal żmien u tinnotifika lis-Sieħeb. Id-dettalji tal-Prenotazzjoni għandu jkun fihom id-dettalji tar-referenza tal-prenotazzjoni ta' Booking.com (jew tas-Sieħeb Affiljat tagħha), it-tip ta' Vettura, id-dati u l-ħinijiet ta' ġbir u ta' tniżżil tal-Vjaġġ u l-Ammont Nett dovut fir-rigward ta' dan.

b. Booking.com tagħmel Talba għall-Ħlas għall-Ammont Nett nieqes kwalunkwe Ammonti ta' Tnaqqis f'isem is-Sieħeb f'arretrati f'konformità mat-termini ta' ħlas miftiehma fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt.

7.6 **Pagament:** Booking.com tħallas l-Ammont Nett nieqes kwalunkwe Ammont ta' Tnaqqis fil-Munita Miftiehma fil-kont bankarju tas-Sieħeb f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt. Il-pagamenti kollha dovuti kif xieraq hawn taħt għandhom isiru (sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-partijiet bil-miktub) permezz ta' trasferiment bankarju telegrafiku fil-kont bankarju ta' Booking.com jew fil-Kont Bankarju tas-Sieħeb, kif applikabbli, u d-dettalji preċiżi tagħhom għandhom jiġu pprovduti lill-parti l-oħra f'konformità ma' dan il-Ftehim minn żmien għal żmien.

7.7 **Kanċellazzjonijiet tal-Klijenti u Klijenti Assenti:** Jekk Klijent ta' Booking.com iħassar Prenotazzjoni fil-perjodu bejn il-Ħin Allokat għall-Kanċellazzjoni u l-Ħin ta' Ġbir (jiġifieri barra mill-perjodu ta' kanċellazzjoni mingħajr ħlas) u/jew ma jlestix il-Vjaġġ għal xi raġuni (inkluż Klijent Assenti) li ma tkunx relatata ma' rtirar tas-Sewwieq jew tas-Sieħeb jew Kanċellazzjoni minn Booking.com, il-Prezz tal-Kuntratt jista' jinżamm fid-diskrezzjoni raġonevoli ta' Booking.com f'konformità mat-Termini u l-Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta' Booking.com u t-tranżazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala Vjaġġ Komplut, b'tali mod li s-Sieħeb jirċievi l-pagament tal-Ammont Nett u Booking.com tikkalkula u titlob il-Kummissjoni f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt. Meta Klijent iħassar Prenotazzjoni f'ħin li jkun aktar mill-Ħin Allokat għall-Kanċellazzjoni lil hinn mill-Ħin ta' Ġbir (jiġifieri fil-perjodu ta' kanċellazzjoni mingħajr ħlas), il-Klijent jingħata rifużjoni tal-Prezz tal-Kuntratt f'konformità mat-Termini u l-Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta' Booking.com u l-ebda Ammont Nett ma jkun pagabbli lis-Sieħeb għal dik il-Prenotazzjoni.

7.8 **Irkupri tal-Ispejjeż**: Il-Livelli ta' Servizz fid-Dokument Operattiv tas-Sieħeb jiddeskrivu l-Irkupri tal-Kostijiet l-oħrajn li jistgħu jsiru dovuti lil Booking.com, li lkoll għandhom jitnaqqsu mill-Ammont Nett għall-Vjaġġi kompluti kollha f'konformità mal-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt, fil-każ li s-Sieħeb jonqos milli jilħaq il-miri applikabbli fil-Livelli ta' Servizz, jew inkella rkuprati minn Booking.com f'konformità ma' dan il-Ftehim.

7.9 **Ħlas Tard**: Jekk Booking.com tonqos milli tħallas bilanċ mhux ikkontestat tal-Ammont Nett dovut lis-Sieħeb sad-data ta' skadenza rilevanti, allura:

a. is-Sieħeb irid jinnotifika minnufih lil Booking.com bil-miktub permezz taċ-Ċentru tal-Għajnuna għas-Sħab dwar l-ammont ta' arretrati u jipprovdi kopja tat-Talba għall-Ħlas rilevanti;

b. jekk Booking.com tonqos milli tħallas l-ammont arretrat fi żmien għoxrin (20) Jum ta' Negozju minn meta tirċievi l-avviż tas-Sieħeb, is-Sieħeb jista' jitlob l-imgħax fuq l-ammont arretrat b'rata ta' tnejn fil-mija (2%) fis-sena 'l fuq mir-rata bażi tal-Bank Ċentrali Ewropew ippubblikata fid-data li fiha tkun inħarġet it-Talba għall-Ħlas; u

c. l-imgħax jakkumula fuq bażi ta' kuljum mid-data ta' skadenza sal-ħlas attwali kollu, kemm jekk qabel kif ukoll wara sentenza.

7.10 **Breakage:** Il-bilanċ kollu tal-Ammonti Netti dovuti jrid jintalab mingħand is-Sieħeb fi żmien tnax-il (12) xahar mill-Vjaġġ Komplut ("**Data Limitu**"). L-ammonti mitluba wara dan il-perjodu ma jiġux onorati. Jekk is-Sieħeb jonqos milli jitlob il-bilanċ tal-Ammont Nett dovut jew ta' kwalunkwe porzjon minnu, fid-Data Limitu jew qabel din, allura, mid-Data Limitu 'l quddiem: (i) id-drittijiet u l-pretensjonijiet tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu fir-rigward ta' tali ammont jieqfu jeżistu b'mod awtomatiku; u (ii) Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) għandu jkollha d-dritt, it-titolu u l-interess sħiħ fi kwalunkwe ammont bħal dan u għalih. Il-Partijiet jaqblu espressament li l-bilanċ ta' kwalunkwe Ammont Nett (jew kwalunkwe porzjon minnu) miżmum minn Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) wara d-Data Limitu ma jikkostitwixxix Kummissjoni jew korrispettiv ieħor imħallas mis-Sieħeb lil Booking.com (jew lis-Sieħeb Affiljat tagħha) għall-forniment ta' kwalunkwe Servizz ta' Booking.com skont dan il-Ftehim.

## 8. FATTURAZZJONI U TAXXA

8.1 **Taxxi**: Is-Sieħeb huwa responsabbli għall-ħlas u għar-rimessa (jew għall-kisba tal-ħlas u għar-rimessa mis-Sewwieqa u/jew mill-Flotta Finali) ta' kwalunkwe VAT jew Taxxa simili fit-Territorju fir-rigward tar-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut, tar-Rati u tal-Ammont Nett. Is-Sieħeb jaqbel u jirrikonoxxi li Booking.com u l-ebda Sieħeb Affiljat ma għandhom jiġbru l-ebda Taxxa fuq ir-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut, ir-Rata jew l-Ammont Nett għar-rimessa minn Booking.com jew mis-Sieħeb Affiljat lill-awtoritajiet tat-taxxa applikabbli. Madankollu, jekk il-Liġi Applikabbli tirrikjedi mod ieħor, is-Sieħeb għandu jħallas lil Booking.com kwalunkwe ammont ta' Taxxa fuq ir-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut, ir-Rata jew l-Ammont Nett li Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) titqies responsabbli għalih minn kwalunkwe awtorità tat-taxxa li jkun ġie trażmessa lis-Sieħeb għar-rimessa mis-Sieħeb (jew rimessa minn kwalunkwe Flotta Finali u/jew Sewwieq skont il-każ). Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha) għandhom id-dritt li jżommu u jpaċu ammonti mis-Sieħeb għal dan l-għan.

8.2 **Fatturazzjoni lill-Klijent:** Ir-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut hija kondiviża mas-Sieħeb permezz tar-Rapport dwar il-Prezz tal-Bejgħ Finali jew l-API għas-Sħab ta' Booking.com. Is-Sieħeb huwa responsabbli għal u għandu jipprovdi lill-Klijenti b'fattura jew b'irċevuta valida tal-VAT (meta meħtieġ) (jew, meta applikabbli, is-Sieħeb għandu jara li tali fattura jew irċevuta tinħareġ f'isem il-Flotta Finali jew is-Sewwieq lill-Klijent) fir-rigward tar-Rata tal-Bejgħ bl-Imnut.

8.3 **Fatturazzjoni tal-Kummissjoni**: F'konformità mat-termini ta' ħlas miftiehma stabbiliti fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt, Booking.com għandha fl-intervalli miftiehma, tibgħat lis-Sieħeb fattura tal-VAT għall-ammont totali tal-Kummissjoni pagabbli f'arretrati mis-Sieħeb, fil-Munita Miftiehma u kkalkulata skont l-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt, li kienet tapplika fid-data li fiha saret il-Prenotazzjoni.

8.4 **Il-Kummissjoni u r-Ribass tal-Volum ma jinkludux it-Taxxi**: Meta kwalunkwe provvista minn Booking.com skont dan il-Ftehim tkun jew issir soġġetta għat-Taxxi u Booking.com tkun meħtieġa tagħti rendikont ta' tali Taxxi lil awtorità tat-taxxa, is-Sieħeb għandu jħallas it-Taxxi rilevanti lil Booking.com kontra l-provvista ta' fattura li telenka t-Taxxi rilevanti. Booking.com għandu jkollha d-dritt li żżomm u tpaċi l-ammonti mis-Sieħeb għal dan l-għan. L-ammonti dovuti lil Booking.com skont dan il-Ftehim (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-Kummissjoni u għar-Ribass tal-Volum) ma jinkludux it-Taxxi. Kwalunkwe Taxxa applikabbli għal dawn l-ammonti għandha tiżdied mal-ammont dovut mis-Sieħeb.

## 9. AMMONTI RIFUŻI, ĊAĦDIET TAD-DEBITU U TPAĊIJA

9.1 **Ammonti Rifużi:** Meta Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) tagħmel pagament lil Klijent f'konformità mat-Termini u l-Kundizzjonijiet Standard għall-Klijenti ta' Booking.com jew inkella tagħixxi b'mod raġonevoli bħala riżultat ta' lment jew ta' pretensjoni magħmula mill-Klijent, Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha) għandha tkun intitolata tħallas l-Ammont Rimborżat f'isem is-Sieħeb (jew is-Sewwieq tiegħu jew il-Flotta Finali tiegħu, kif applikabbli) lill-Klijent.

9.2 **Ċaħdiet tad-Debitu**: Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha għandhom ikunu responsabbli għat-tariffi kollha tan-negozjanti tal-kards tal-ħlas u għall-irkupri tal-kards tal-ħlas assoċjati mal-Prenotazzjonijiet kollha. Is-Sieħeb għandu jibqa' responsabbli u obbligat għal kwalunkwe ċaħda

tad-debitu u kwalunkwe tali ċaħda tad-debitu tista' titnaqqas mill-Ammonti Netti minn Booking.com jew tiġi rkuprata minn Booking.com bl-istess mod bħal kwalunkwe Ammont Rimborżat. Is-Sieħeb jawtorizza lil Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha, meta dawn jinħatru bħala aġenti għall-ġbir tal-ħlasijiet) tagħżel il-metodi ta' ħlas li tixtieq tappoġġa għall-ħlas tal-Prezz tal-Kuntratt mill-Klijenti u s-Sieħeb għandu jiffaċilita u jappoġġa dawk il-metodi ta' ħlas meta jkun meħtieġ.

9.3 **Tpaċija**: Booking.com hija intitolata żżomm jew tpaċi kwalunkwe ammont dovut lilha (jew lil kwalunkwe Sieħeb Affiljat) mis-Sieħeb kontra kwalunkwe ammont pagabbli lis-Sieħeb skont dan il-Ftehim.

## 10. MUNITA BARRANIJA U KONT BANKARJU TAS-SIEĦEB

10.1 **Munita barranija:** Jekk il-Munita Miftiehma ma tkunx l-istess bħall-munita li biha l-Klijent ikun ħallas il-Prezz tal-Kuntratt, is-Sieħeb jaqbel u jirrikonoxxi li Booking.com tikkonverti l-ammont għall-Munita Miftiehma bl-użu tal-parametru referenzjarju tar-rata tal-kambju ta' 16:00 London mid-WMR, jew parametru referenzjarju simili kif magħżul minn Booking.com fid-diskrezzjoni tagħha minn żmien għal żmien.

10.2 **Kont Bankarju tas-Sieħeb:** Il-kont bankarju tas-Sieħeb irid jinżamm fl-isem legali tas-Sieħeb. Is-Sieħeb huwa responsabbli biex jipprovdi dettalji preċiżi u aġġornati tal-Kont Bankarju lil Booking.com. Is-Sieħeb għandu jiżgura li kwalunkwe bidla fid-dettalji tal-Kont Bankarju tas-Sieħeb tiġi nnotifikata bil-miktub lil Booking.com tal-anqas għaxart (10) ijiem qabel ma jkun jeħtieġ li l-bidla tiddaħħal fis-seħħ minn Booking.com għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, tali avviż għandu jintbagħat billi ssir talba permezz tal-formola ta' kuntatt fiċ-Ċentru ta' Għajnuna għas-Sħab. Fir-rigward tal-Kont Bankarju tas-Sieħeb u kwalunkwe bidla fih, is-Sieħeb għandu jikkonforma mar-Rekwiżiti ta' Konformità ta' Booking.com. Kwalunkwe imposta mġarrba għat-trasferimenti bankarji telegrafiċi għandha tiġġarrab mis-Sieħeb.

## 11. TRANŻAZZJONIJIET JEW ATTIVITAJIET FRAWDOLENTI JEW ILLEGALI

11.1 Il-ħlas tal-Ammont Nett dovut minn Booking.com lis-Sieħeb fir-rigward ta' tranżazzjoni frawdolenti (jew tranżazzjoni raġonevolment maħsuba li hija frawdolenti minn Booking.com), jew tranżazzjoni li ma tikkonformax mal-Liġi Applikabbli (jew tranżazzjoni li hija raġonevolment maħsuba li ma tikkonformax mal-Liġi Applikabbli) jista' jiġi sospiż minn Booking.com mingħajr avviż.

11.2 Fil-każ ta': (a) attivitajiet frawdolenti mis-Sieħeb jew mill-Partijiet Relatati tiegħu; (b) attivitajiet raġonevolment issuspettati minn Booking.com li huma frawdolenti, (c) tranżazzjoni li tinstab li ma tikkonformax mal-Liġi Applikabbli jew li hija raġonevolment issuspettata minn Booking.com li ma tikkonformax mal-Liġi Applikabbli; jew (d) Booking.com jew kwalunkwe Sieħeb Affiljat ikunu meħtieġa mil-liġi, minn ordni tal-qorti, minn struzzjoni jew ordnijiet governattivi, minn deċiżjoni ta' arbitraġġ (jew deċiżjoni simili) biex jirrimborżaw il-Prezz tal-Kuntratt kollu jew parti minnu lill-Klijent, Booking.com għandu jkollha d-dritt li titlob u tirkupra mingħand is-Sieħeb ħlas lura ta' tali ammont imħallas lura lill-Klijent, iżda diġà mħallas lis-Sieħeb (liema ħlas għandu jsir mis-Sieħeb lil Booking.com fi żmien erbatax-il (14) jum wara talba minn Booking.com jew inkella rkuprat minn Booking.com f'konformità ma' dan il-Ftehim).

## 12. PROPRJETÀ INTELLETTWALI

12.1 **Sjieda tal-PI ta' Booking.com**: Booking.com, is-Sieħeb Affiljat tagħha (jew il-liċenzjaturi rispettivi tagħhom) għandhom iżommu s-sjieda tal-PI kollha fil-Materjali ta' Booking.com, il-Portal tas-Sħab, it-trademarks tagħha u kwalunkwe *data* tagħha, li tinkludi iżda mhix limitata għad-*Data* ta' Booking.com, id-*data* tal-Prenotazzjonijiet u l-PI ta' Booking.com, li tipprovdi lis-Sieħeb permezz tal-API għas-Sħab ta' Booking.com, il-Portal tas-Sħab, iċ-Ċentru ta' Għajnuna għas-Sħab jew mod ieħor.

12.2 **Sjieda tal-PI tas-Sieħeb:** Is-Sieħeb għandu jżomm is-sjieda tal-Kontenut u tal-PI fil-Kontenut. Is-Sieħeb jiggarantixxi li r-riċevuta, l-użu u l-forniment suċċessiv tal-Kontenut (u l-PI fil-Kontenut) minn Booking.com, mis-Sħab Affiljati tagħha u mis-sottoliċenzjatarji permessi tagħha/tagħhom ma jiksrux id-drittijiet, inkluż kwalunkwe dritt tal-PI, ta' kwalunkwe parti terza.

12.3 **Drittijiet tal-PI tas-Sieħeb:** Is-Sieħeb għandu jkollu u jiżgura li jżomm id-drittijiet neċessarji kollha, li jinkludu d-drittijiet kollha tal-awtur, it-trademark u drittijiet oħra tal-PI, u s-setgħa u l-awtorità neċessarji kollha biex juża, jopera, jippossjedi (kif applikabbli), jilliċenzja/jissottoliċenzja u jħalli lil Booking.com u/jew kwalunkwe Sieħeb Affiljat jagħmlu disponibbli fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com: (a) is-Servizzi tas-Sieħeb rilevanti, (b) il-Kontenut, u (c) kwalunkwe PI stabbilita jew imsemmija fis-Servizzi tas-Sieħeb u/jew kwalunkwe Kontenut u/jew kwalunkwe informazzjoni oħra li s-Sieħeb jew il-Partijiet Relatati tiegħu jikkondividu ma' Booking.com u/jew kwalunkwe Sieħeb Affiljat li għandha tiġi ppubblikata fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com.

12.4 **Liċenzja mis-Sieħeb:** Is-Sieħeb b'dan jagħti lil Booking.com u lil kull wieħed mis-Sħab Affiljati tagħha (jew, meta rilevanti, se jiżgura l-għoti ta') f'ismu stess u f'isem il-Flotot Finali tiegħu (jekk ikun hemm) liċenzja mhux esklużiva, imħallsa bis-sħiħ, dinjija, ħielsa minn royalties għat-Terminu għall-użu, għar-riproduzzjoni, għad-distribuzzjoni, għall-komunikazzjoni, għat-tqegħid għad-dispożizzjoni bi kwalunkwe metodu u fi kwalunkwe u f'kull tip ta' media, inkluż għall-pubbliku, għall-ikkopjar, għall-wiri, għall-modifika u għall-adattament tal-Kontenut u tal-PI fil-Kontenut għall-finijiet tal-eżerċitar tad-drittijiet ta' Booking.com (u/jew ta' kwalunkwe Sieħeb Affiljat) u għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim, flimkien mad-dritt ta' sottoliċenzjar tal-istess lis-sħab, lill-aġenti u lis-sottokuntratturi tagħha u tal-Affiljati tagħha. Booking.com għandha tkun libera li tissottoliċenzja, tagħmel disponibbli, tiddivulga u tqassam il-kontenut (inkluża l-PI rilevanti) lis-Sħab Affiljati terzi tagħha.

12.5 **Liċenzja minn Booking.com:** Booking.com b'dan tagħti lis-Sieħeb liċenzja mhux esklużiva, imħallsa bis-sħiħ, dinjija, ħielsa minn royalties għat-Terminu biex juża l-Portal tas-Sħab u l-API għas-Sħab ta' Booking.com għall-iskop uniku li jwettaq is-Servizzi tas-Sieħeb u l-obbligi tiegħu f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

12.6 **Aċċertament Addizzjonali:** Kull parti għandha teżegwixxi u twassal id-dokumenti kollha minnufih u twettaq l-atti kollha meħtieġa biex jingħata effett sħiħ lil-liċenzji u drittijiet oħra mogħtija f'din il-Klawżola 12 (u għandha tara li l-partijiet terzi rilevanti kollha jagħmlu dan).

12.7 **Marki**: L-ebda parti ma tista' tuża t-trademarks, l-ismijiet, il-logos jew il-marki tal-parti l-oħra (inkluż fi kwalunkwe materjal ta' reklamar jew ta' pubbliċità) mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-oħra, ħlief li Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha għandhom ikunu intitolati li jippromwovu l-marka/il-logo tas-Sieħeb u ta' kwalunkwe Flotta Finali (inkluż l-isem kummerċjali, it-trademark, il-marka tas-servizz jew indikazzjonijiet simili oħra tal-identità jew tas-sors) fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com u fil-kummerċjalizzazzjoni online, inklużi l-kummerċjalizzazzjoni bil-posta elettronika u/jew ir-reklamar bi ħlas skont il-klikks.

## 13. PROTEZZJONI TAD-*DATA* U SIGURTÀ

13.1 **Protezzjoni tad-*Data*/Sigurtà:** Il-partijiet għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com u mar-Rekwiżiti tas-Sigurtà ta' Booking.com, kif stabbiliti f'appendiċi li huwa mehmuż ma', u jifforma parti minn dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali. Is-Sieħeb għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com u mar-Rekwiżiti tas-Sigurtà ta' Booking.com.

## 14. KONFORMITÀ

14.1 **Konformità**: Is-Sieħeb għandu jikkonforma, u s-Sieħeb għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jikkonformaw mar-Rekwiżiti ta' Konformità ta' Booking.com, kif stabbilit f'appendiċi li huwa mehmuż ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali u jifforma parti minnhom.

## 15. PERSUNAL

15.1 **Ebda Trasferiment ta' Persunal:** Il-partijiet ma jipprevedux li għandu jkun hemm xi trasferiment ta' Persunal minn parti għall-oħra (jew lil kwalunkwe parti terza oħra) skont il-Leġiżlazzjoni dwar it-Trasferimenti b'rabta mal-forniment ta' kwalunkwe Servizz tas-Sieħeb. Jekk iseħħ xi trasferiment, allura kull parti tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-Leġiżlazzjoni dwar it-Trasferimenti.

15.2 **Spejjeż tal-Persunal:** Is-Sieħeb huwa responsabbli għal, u jikkumpensa lil Booking.com u lis-Sħab Affiljati tagħha kontra, l-ispejjeż kollha relatati mal-amministrazzjoni u mal-ħlas tal-Persunal tas-Sieħeb (inklużi s-salarji, il-kumpensi, il-benefiċċji, il-pensjonijiet, u t-Taxxi), inkluża

kwalunkwe pretensjoni li Booking.com, kwalunkwe Sieħeb Affiljat, (jew sieħeb ta' sostituzzjoni) jistgħu jkunu responsabbli għal dawn l-ispejjeż bħala riżultat ta' trasferiment skont il-Leġiżlazzjoni dwar it-Trasferimenti (anki jekk jiġġarrbu wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza ta' dan il-Ftehim).

## 16. KLASSIFIKAZZJONIJIET U REĊENSJONIJIET

16.1 **Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet:** Wara li jirċievi s-Servizzi ta' Trasport, Klijent jista' jitħeġġeġ jipprovdi klassifikazzjoni tal-Vjaġġ u/jew tas-Sewwieq u tali Servizzi ta' Trasport ipprovduti, u, b'mod fakultattiv, jipprovdi reċensjoni, kumment jew feedback dwar il-Vjaġġ, is-Sewwieq u/jew il-forniment tas-Servizzi ta' Trasport ("**Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet**").

16.2 **Użu u wiri:** Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha għandhom id-dritt li jużaw, jikkondividu u juru l-Klassifikazzjonijiet u r-Reċensjonijiet bi kwalunkwe mod li jagħżlu, b'rabta man-negozju ta' Booking.com u/jew tas-Sħab Affiljati tagħha, mingħajr l-approvazzjoni tas-Sieħeb, tas-Sewwieqa jew tal-Flotta Finali (jew ta' kwalunkwe parti terza) u/jew bi jew mingħajr attribuzzjoni lis-Sieħeb u/jew lil kwalunkwe Sewwieq u/jew lill-Flotta Finali (jekk applikabbli). ). Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha jivvalutaw il-Klassifikazzjonijiet u r-Reċensjonijiet f'konformità mal-Politiki applikabbli ta' Booking.com. Booking.com (jew is-Sieħeb Affiljat tagħha) ma humiex responsabbli fir-rigward tal-Klassifikazzjonijiet u r-Reċensjonijiet murija, jew mhux murija, fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com f'konformità mal-Liġi Applikabbli. Is-Sieħeb jirrikonoxxi li Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha għandhom id-dritt li, f'konformità mal-Politiki applikabbli ta' Booking.com, iżommu l-Klassifikazzjonijiet u r-Reċensjonijiet milli jsiru disponibbli fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com, ineħħu Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet, jew jitolbu lill-Klijent jipprovdi verżjoni emendata ta' Klassifikazzjoni jew ta' Reċensjoni, f'każ li tali Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet jinkludu:

a. oxxenitajiet jew kontenut ieħor oġġezzjonabbli;

b. kwalunkwe materjal ta' kummerċjalizzazzjoni jew ta' reklamar;

c. l-isem ta' individwu jew informazzjoni personali oħra dwar individwu; jew

d. ksur tal-liġijiet dwar il-privatezza, Liġi Applikabbli oħra jew tal-politiki dwar il-kontenut ta' Booking.com (jew tas-Sħab Affiljati tagħha).

16.3 **Klassifikazzjoni Minima:** Fil-każ li l-klassifikazzjoni medja tas-Sieħeb, ta' kwalunkwe Sewwieq u/jew, meta applikabbli, tal-Flotta Finali taqa' taħt il-Klassifikazzjoni Minima, Booking.com tinnotifika lis-Sieħeb u tista' tipprovdi perjodu ta' żmien limitat biex dawn jgħollu l-klassifikazzjoni medja tagħhom 'il fuq mill-Klassifikazzjoni Minima. F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-Sieħeb għandu jiddetermina l-azzjonijiet xierqa ta' investigazzjoni, ta' rimedju u ta' titjib li għandhom jitwettqu mas-Sewwieqa u, meta applikabbli, mal-Flotta Finali. Jekk is-Sieħeb, kwalunkwe Sewwieq u/jew, meta applikabbli, il-Flotta Finali jonqsu milli jgħollu l-klassifikazzjoni medja tagħhom 'il fuq mill-Klassifikazzjoni Minima fil-perjodu ta' żmien innotifikat minn Booking.com f'konformità ma' din il-Klawżola, Booking.com tirriżerva d-dritt li ttemm dan il-Ftehim f'konformità mal-Klawżola 20 (*Terminu, Terminazzjoni, Sospensjoni u Restrizzjoni*).

## 17. KUNFIDENZJALITÀ U PUBBLIĊITÀ

17.1 **Obbligi ta' Kunfidenzjalità**: Kull parti:

a. ma għandhiex tiddivulga l-Informazzjoni Kunfidenzjali tal-parti l-oħra lil kwalunkwe parti terza ħlief kif permess f'dan il-Ftehim;

b. għandha tipproteġi l-Informazzjoni Kunfidenzjali tal-parti l-oħra f'konformità mal-grad ta' ħila, ta' attenzjoni, ta' diliġenza, u ta' prospettiva li raġonevolment u normalment ikunu mistennija minn parti kuxjenzjuża u b'ħiliet;

c. għandha tuża l-Informazzjoni Kunfidenzjali tal-parti l-oħra biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet iddivulgata; u

d. għandha tiżgura li kull Parti Relatata li tirċievi Informazzjoni Kunfidenzjali tkun marbuta b'obbligi ta' kunfidenzjalità simili.

17.2 **Divulgazzjonijiet Permessi**: Il-Klawżola 17.1 (*Obbligi ta' Kunfidenzjalità*) ma tirrestrinġix:

a. lil kwalunkwe parti milli tiddivulga Informazzjoni Kunfidenzjali lil: (a) l-Affiljati tagħha (dment, fil-każ tas-Sieħeb, li tali Affiljat ma jkunx Kompetitur ta' Booking.com); (b) is-Sħab Affiljati tagħha; jew (c) il-Persunal jew il-konsulenti professjonali tagħha (jew dawk tas-Sħab Affiljati tagħha) li jeħtieġ li jkunu jafu l-informazzjoni għall-finijiet tal-eżerċitar tad-drittijiet ta' dik il-parti jew tat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim;

b. lil Booking.com mid-divulgazzjoni ta' Informazzjoni Kunfidenzjali lill-Persunal tagħha sal-punt li jeħtieġ l-informazzjoni biex jipprovdi servizzi lill-Booking Holdings Group;

c. kwalunkwe divulgazzjoni ta' Informazzjoni Kunfidenzjali meħtieġa:

   i. mil-Liġi Applikabbli, qorti ta' ġuriżdizzjoni kompetenti jew regolatur; dment li, jekk ikun permess mil-Liġi Applikabbli, il-parti riċeventi tinnotifika minnufih lill-parti li tiddivulga minn qabel u tikkoopera b'mod raġonevoli fit-talbiet mill-parti li tiddivulga fir-rigward ta' din id-divulgazzjoni; jew

   ii. b'riżultat ta' elenkar fi skambju ta' investiment rikonoxxut.

17.3 **Eċċezzjonijiet ta' Kunfidenzjalità**: Il-Klawżola 17.1 (*Obbligi ta' Kunfidenzjalità*) ma tapplikax għal Informazzjoni Kunfidenzjali li:

a. diġà kienet magħrufa mir-riċevitur qabel ma ġiet iddivulgata mill-parti l-oħra (jew f'isimha);

b. issir disponibbli għar-riċevitur fuq bażi mhux kunfidenzjali permezz ta' parti terza oħra;

c. tiġi żviluppata b'mod indipendenti mir-riċevitur mingħajr ma tintuża l-Informazzjoni Kunfidenzjali tal-parti l-oħra; jew

d. tidħol fid-dominju pubbliku b'mod li ma jiksirx dan il-Ftehim.

17.4 **Pubbliċità u Tħabbiriet**: Sakemm ma jkunx meħtieġ li jsir dan mil-Liġi Applikabbli, is-Sieħeb ma jistax joħroġ stqarrijiet għall-istampa jew tħabbiriet dwar l-eżistenza jew l-operat ta' dan il-Ftehim, mingħajr kunsens bil-miktub ta' Booking.com li għalih tkun biżżejjed ittra elettronika. Is-Sieħeb jaqbel li Booking.com tista' toħroġ stqarrija għall-istampa jew tħabbira dwar ir-relazzjoni tagħha mas-Sieħeb u/jew mal-Flotta Finali (meta applikabbli) skont dan il-Ftehim.

## 18. RESPONSABBILTÀ U INDENNIZZ

18.1 **Responsabbiltà Qatt Limitata jew Esklużа**: L-ebda waħda mil-limitazzjonijiet jew mill-esklużjonijiet ta' responsabbiltà f'din il-Klawżola 18 *(Responsabbiltà u Indennizz)* ma għandha tapplika għal dawn:

a. responsabbiltà għal mewt jew għal korriment personali kkawżat min-negliġenza ta' parti;

b. responsabbiltà għal frodi, għal rappreżentazzjoni ħażina frawdolenti, għal imġiba ħażina volontarja jew għal negliġenza serja;

c. kwalunkwe responsabbiltà tas-Sieħeb li tirriżulta skont il-Klawżola 18.5 (*Indennizz* tas-Sieħeb);

d. kwalunkwe responsabbiltà tas-Sieħeb fir-rigward tal-Kummissjoni, tar-Ribassi tal-Volum, tal-Irkupru tal-Ispejjeż, tal-Ammonti Rimborżati, taċ-ċaħdiet tad-debitu jew ta' ammonti oħra dovuti lil Booking.com f'konformità ma' dan il-Ftehim;

e. kwalunkwe responsabbiltà ta' Booking.com fir-rigward tal-bilanċ ta' kwalunkwe Ammont Nett jew Irkupru tal-Ispejjeż, jekk ikun hemm, dovuti lis-Sieħeb f'konformità ma' dan il-Ftehim; jew

f. kwalunkwe responsabbiltà oħra li ma tistax tiġi limitata jew eskluża skont il-Liġi Applikabbli.

18.2 **Esklużjonijiet ta' Responsabbiltà**:

a. **Aġenzija:** Il-partijiet jirrikonoxxu u jaqblu li kull Prenotazzjoni ssir bejn is-Sieħeb, jew il-Flotta Finali, jew is-Sewwieq (kif applikabbli) u l-Klijent rilevanti u li Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha ma jkollhom l-ebda responsabbiltà għall-Klijent, il-Flotta Finali, is-Sewwieq u/jew is-Sieħeb

fir-rigward ta' kwalunkwe kost, spiża, responsabbiltà (inkluża kwalunkwe responsabbiltà għat-Taxxi), korriment, telf dirett, indirett u konsegwenzjali, danni, pretensjonijiet, talbiet, proċedimenti u/jew spejjeż legali mġarrba mill-Klijent, mill-Flotta Finali, mis-Sewwieq u/jew mis-Sieħeb taħt jew b'rabta ma' kwalunkwe Servizz ta' Prenotazzjoni u/jew ta' Trasport u/jew is-Servizzi ta' Aggregatur tal-Pjattaforma (meta applikabbli). Jekk kwalunkwe Klijent iżomm lil Booking.com jew lil kwalunkwe Sieħeb Affiljat responsabbli fir-rigward ta' kwalunkwe kost, spiża, responsabbiltà (inkluża kwalunkwe responsabbiltà għat-Taxxi), korriment, telf dirett, indirett u konsegwenzjali, dannu, pretensjoni, talba, proċediment u/jew spiża legali bħal dawn, allura s-Sieħeb għandu jinforma lil dak il-Klijent li għandu jidderieġi t-talba tiegħu lill-Flotta Finali, lis-Sewwieq u/jew lis-Sieħeb innifsu (skont kif jirrikjedi l-kuntest).

b. **Telf**: Soġġett għall-Klawżola 18.1 *(Responsabbiltà Qatt Limitata jew Eskluża)*, l-ebda parti ma tkun responsabbli lejn l-oħra, kemm jekk f'kuntratt, delitt (inkluża negliġenza), ksur tad-dmir statutorju, b'indennizz jew mod ieħor għal kwalunkwe:

i. telf ta' profitt jew ta' profitt antiċipat;
ii. telf ta' ftehimiet jew ta' kuntratti;
iii. telf ta' negozju u ta' dħul;
iv. telf ta' *data*;
v. telf ta' avvjament jew ħsara lill-avvjament;
vi. telf ta' spejjeż iffrankati antiċipati;
vii. telf jew ħsara indiretta, konsegwenzjali jew speċjali maħluqa b'rabta ma' dan il-Ftehim, u

fil-każ tal-Klawżoli 18.1b i sa vi, irrispettivament minn jekk tali telf ikunx dirett, indirett jew konsegwenzjali.

18.3 **Limitu Massimu tar-Responsabbiltà Reċiproka**: Soġġett għall-Klawżoli 18.1 (*Responsabbiltà Qatt Limitata jew Eskluża*) u 18.2 (*Esklużjonijiet ta' Responsabbiltà*), ir-responsabbiltà aggregata totali massima ta' parti għat-Telf kollu mġarrab kemm jekk f'kuntratt, delitt (inkluża negliġenza), ksur ta' dmir statutorju, taħt indennizz jew mitluba b'xi mod ieħor kontra tali parti mill-parti l-oħra fil-kuntest ta' dan il-Ftehim jew b'rabta miegħu ma għandhiex taqbeż l-ogħla minn fost dawn: (a) 100% tal-Kummissjoni totali mħallsa jew pagabbli mis-Sieħeb lil Booking.com (minbarra l-VAT u/jew kwalunkwe Taxxa applikabbli oħra) fil-perjodu ta' tnax-il (12) xahar immedjatament qabel l-ewwel avveniment li wassal għal talba, jew (b) £10,000 (għaxart elef lira sterlina).

18.4 **Sħab Affiljati:** Booking.com fl-ebda każ ma għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe att jew ommissjoni min-naħa ta' kwalunkwe wieħed mis-Sħab Affiljati tagħha.

18.5 **Indennizz tas-Sieħeb**: Is-Sieħeb għandu f'kull ħin matul it-Terminu u wara jindennizza, jiddefendi u jqis lil Booking.com, lill-Booking Holdings Group u lil kull Sieħeb Affiljat u lil kull wieħed mid-diretturi, mill-uffiċjali, mir-rappreżentanti u mill-impjegati rispettivi tagħhom ("**Indennizzati**") kompletament bla ħsara kontra kull talba, multa, responsabbiltà, kost, spiża, dannu u telf (inkluż kwalunkwe telf dirett, indirett jew konsegwenzjali, telf ta' profitt, telf ta' reputazzjoni u kull imgħax, penali u kostijiet u spejjeż legali u oħrajn (ikkalkulati fuq bażi ta' indennizz sħiħ)) imġarrbin mill-Indennizzati li jirriżultaw minn jew b'rabta ma':

a. kwalunkwe ksur mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu tar-rappreżentazzjonijiet u tal-garanziji stabbiliti fil-Klawżola 4 (*Partijiet Relatati*) u/jew fil-Klawżola 6 (*Garanziji*) ta' dan il-Ftehim;

b. kwalunkwe ksur tal-Liġi Applikabbli mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jew kwalunkwe talba magħmula kontra kwalunkwe Indennizzat minn parti terza li tirriżulta minn jew b'rabta mal-ksur mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu ta' kwalunkwe Liġi Applikabbli;

c. kwalunkwe ksur tar-Rekwiżiti ta' Konformità ta' Booking.com mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

d. kwalunkwe ksur tal-Klawżola 12 (*Proprjetà Intellettwali)* mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

e. kwalunkwe talba minn kwalunkwe parti terza fir-rigward ta' ksur (jew kwalunkwe ksur allegat) tal-PI ta' parti terza minn kwalunkwe wieħed mill-Indennizzati minħabba l-użu tiegħu ta' kwalunkwe kontenut u/jew kwalunkwe PI stabbilita jew imsemmija fis-Servizzi tas-Sieħeb u/jew kwalunkwe Kontenut u/jew kwalunkwe informazzjoni oħra li s-Sieħeb jew il-Partijiet Relatati tiegħu jikkondividu ma' Booking.com biex tittella' fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com;

f. kwalunkwe ksur tal-Klawżola 13 (*Protezzjoni tad-Data u Sigurtà*) mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

g. kwalunkwe ksur tal-Klawżola 17 (*Kunfidenzjalità u Pubbliċità*) mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

h. it-talbiet kollha magħmula mill-Klijenti li jikkonċernaw jew li huma relatati ma' Prenotazzjoni, mal-ipprezzar ta' Vjaġġ, ma' prenotazzjoni eċċessiva, jew ma' prenotazzjoni (parzjalment) ikkanċellata u żbaljata jew ma' ripagament, ma' rifużjoni jew ma' ċaħda tad-debitu (parzjalment) ikkanċellati u żbaljati ta' ammonti mħallsin mill-Klijent jew ma' frodi attwali jew allegata jew ma' rappreżentazzjonijiet żbaljati frawdolenti mwettqa mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

i. kwalunkwe talba magħmula kontra kwalunkwe Indennizzat minn parti terza (inkluż fir-rigward ta' mewt, ta' korriment personali, ta' dannu fuq proprjetà, ta' forniment (jew nuqqas ta' forniment) tas-Servizzi ta' Trasport) li tirriżulta minn jew b'rabta mal-Prenotazzjoni, mal-Vjaġġ, ma' kwalunkwe Sewwieq, ma' kwalunkwe Flotta Finali, ma' kwalunkwe Vettura jew ma' kwalunkwe att jew ommissjoni tas-Sieħeb jew ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

j. kull Telf u talba magħmula kontra kwalunkwe Indennizzat fir-rigward jew b'riżultat ta' responsabbiltajiet imqiegħda fuqhom jew assenjati lilhom għal Taxxi li għalihom is-Sieħeb u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu huma responsabbli jew obbligati skont dan il-Ftehim jew mod ieħor, jew meta l-obbligu ta' ħlas, ta' ġbir, ta' żamma u ta' rimessa jkun skont il-liġi kontra Booking.com jew kontra kwalunkwe wieħed mill-Indennizzati għal, f'isem jew minflok, is-Sieħeb u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu;

k. kwalunkwe Ammont ta' Tnaqqis.

18.6 **Mitigazzjoni**: Kull parti tieħu passi raġonevoli biex ittaffi t-Telf tagħha mġarrab b'rabta ma' dan il-Ftehim.

## 19. ASSIGURAZZJONI

19.1 **Assigurazzjoni Adegwata:** Matul it-Terminu u minn hemm 'il quddiem kif meħtieġ mil-Liġi Applikabbli, is-Sieħeb għandu jżomm, ugħandu jiżgura li s-Sewwieq u, meta applikabbli, il-Flotta Finali jżommu fis-seħħ assigurazzjoni pubblika ta' responsabbiltà ċivili, assigurazzjoni tal-vetturi (li tkopri d-danni u l-korrimenti lil jew ikkawżati minn Vetturi u/jew mis-Sewwieqa u/jew il-passiġġieri tal-Vetturi) u kwalunkwe assigurazzjoni oħra li hija meħtieġa mil-Liġi Applikabbli fit-Territorju fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali tiegħu, f'kull każ ma' kumpaniji tal-assigurazzjoni b'reputazzjoni tajba u b'mhux anqas mill-ammont minimu ta' kopertura tal-assigurazzjoni meħtieġ mil-Liġi Applikabbli fit-Territorju jew ammont ieħor ta' kopertura bħal dan li Booking.com tista' tispeċifika b'mod raġonevoli minn żmien għal żmien.

19.2 **Evidenza tal-Assigurazzjoni:** Fuq talba ta' Booking.com jew ta' Sieħeb Affiljat, is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com u lis-Sieħeb affiljat b'kopji tal-poloz tal-assigurazzjoni u/jew taċ-ċertifikati tal-poloz tal-assigurazzjoni u b'evidenza li l-primjums baqgħu aġġornati mal-ħlasijiet dovuti.

19.3 **Invalidazzjoni tal-Assigurazzjoni:** Is-Sieħeb ma għandu jagħmel xejn u għandu jara li s-Sewwieqa, u (meta applikabbli) il-Flotta Finali ma jagħmlu xejn biex jinvalidaw kwalunkwe polza tal-assigurazzjoni jew jippreġudikaw kwalunkwe dritt jew intitolament skont din u s-Sieħeb

għandu jinnotifika lil Booking.com jekk kwalunkwe polza tiġi (jew tkun se tiġi) ikkanċellata jew jekk it-termini tagħha jkunu (jew se jkunu) soġġetti għal kwalunkwe bidla materjali.

## 20. TERMINU, TERMINAZZJONI, SOSPENSJONI U RESTRIZZJONI

20.1 **Durata:** Dan il-Ftehim se jibda fid-Data Effettiva u, sakemm u sa meta jintemm f'konformità mat-termini tiegħu, għandu jibqa' fis-seħħ u b'effett sħiħ.

20.2 **Raġunijiet għat-terminazzjoni:** Bl-eċċezzjoni tal-Klawżola 20.3 (*Terminazzjoni għall-konvenjenza*), u l-Klawżola 20.5 (*Terminazzjoni Immedjata*), jekk Booking.com ittemm dan il-Ftehim f'konformità ma' din il-Klawżola 20, flimkien mal-avviż li tipprovdi, hija għandha:

a. tipprovdi lis-Sieħeb b'dikjarazzjoni li tistabbilixxi r-raġuni għat-terminazzjoni mill-inqas tletin (30) jum qabel ma tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni; u

b. tagħti lis-Sieħeb opportunità li jiċċara l-fatti u ċ-ċirkostanzi rigward it-terminazzjoni f'konformità mal-proċessi għat-trattament tal-ilmenti deskritti fil-Klawżola 22 ("*Trattament tal-Ilmenti tas-Sieħeb*").

20.3 **Terminazzjoni għall-konvenjenza:** Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' avviż skont il-Klawżola 20.2 (*Raġunijiet għat-terminazzjoni*), dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat f'konformità mad-drittijiet ta' terminazzjoni għall-konvenjenza, jekk ikun hemm, stabbiliti fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt.

20.4 **Drittijiet ta' Terminazzjoni Reċiproka:** Kwalunkwe parti tista' ttemm dan il-Ftehim billi tagħti avviż bil-miktub tal-anqas tletin (30) jum minn qabel lill-parti l-oħra jekk:

a. **Terminazzjoni minħabba Ksur Materjali:** il-parti l-oħra twettaq ksur materjali ta' dan il-Ftehim li fl-opinjoni raġonevoli tal-parti li ttemm ma jistax jiġi rrimedjat jew, jekk jista' jiġi rrimedjat, ma jkunx ġie rimedjat fi żmien erbatax-il (14) jum minn meta jkun wasal l-avviż tal-ksur materjali mill-parti li ttemm. Ksur materjali jista' jinkludi iżda mhuwiex limitat għal ksur mis-Sieħeb u/jew minn kwalunkwe Sewwieq u/jew minn kwalunkwe Flotta Finali li jinvolvi:

   i. ksur tal-Klawżola 4 (*Partijiet Relatati*) u/jew tar-Rekwiżiti ta' Konformità ta' Booking.com;

   ii. ksur tar-Rekwiżiti ta' Sigurtà ta' Booking.com;

   iii. nuqqas ta' konformità mal-Politiki ta' Booking.com;

   iv. ksur tal-Klawżola 6.2 (*Garanziji tas-Sħab*);

   v. ksur, jew ksur suspettat, relatat mas-sikurezza tas-Servizzi ta' Trasport;

   vi. ksur jew ksur suspettat, relatat ma' attivitajiet frawdolenti jew illegali (jew suspettati li huma frawdolenti jew illegali);

   vii. nuqqas persistenti ta' konformità mal-Livelli ta' Servizz;

   viii. punteġġ medju tal-klassifikazzjoni li jkun taħt il-Klassifikazzjoni Minima u nuqqas ta' titjib f'dan biex tinkiseb tal-anqas il-Klassifikazzjoni Minima fil-perjodu ta' żmien ta' rimedju, jekk ikun hemm, innotifikat minn Booking.com lis-Sieħeb;

   ix. Klassifikazzjonijiet u Reċensjonijiet baxxi b'mod persistenti;

   x. livelli għoljin b'mod persistenti ta' lmenti mill-Klijenti meta mqabbla mal-livelli medji għal sħab oħra fit-Territorju u/jew in-nuqqas ta' indirizzar rapidu jew ta' rispons adegwat għall-ilmenti;

   xi. l-espansjoni tal-ambitu ġeografiku tiegħu għall-eżekuzzjoni tas-Servizzi ta' Trasport lil hinn mit-Territorju bi ksur ta' dan il-Ftehim;

   xii. l-użu ħażin tal-API għas-Sħab ta' Booking.com jew tal-Portal tas-Sħab; jew

   xiii. ksur wara ksur ta' dan il-Ftehim b'mod persistenti li, flimkien, jammontaw għal ksur materjali;

b. **Terminazzjoni minħabba Avveniment ta' Insolvenza:** il-parti l-oħra tkun soġġetta għal Avveniment ta' Insolvenza;

c. **Terminazzjoni minħabba Waqfien tan-Negozju:** il-parti l-oħra tieqaf, jew thedded li tieqaf, milli twettaq in-negozju u/jew (fil-każ ta' kummerċjant waħdieni individwali) imut is-Sieħeb;

d. **Terminazzjoni minħabba Forza Maġġuri fit-Tul:** Avveniment ta' Forza Maġġuri jkollu effett materjali negattiv fuq it-twettiq tal-obbligi tal-parti l-oħra skont dan il-Ftehim għal aktar minn tletin (30) jum;

e. **Terminazzjoni minħabba bidla fil-Liġi Applikabbli**: ikun hemm bidla fil-Liġi Applikabbli relatata ma' dan il-Ftehim jew mas-Servizzi jew l-obbligi ta' hawn taħt li b'riżultat tagħha parti:

   i. ma tkunx tista' tkompli tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-Ftehim billi, jekk tagħmel dan, ma tibqax konformi mal-Liġi Applikabbli;

   ii. tkun affettwata b'mod negattiv minn bidla bħal din fil-Liġi Applikabbli b'tali mod li ma jkunx aktar kummerċjalment raġonevoli li jitkompla t-twettiq ta' dan il-Ftehim.

f. **Bidla fil-Kontroll:** meta Booking.com tkun il-parti li tittermina, is-Sieħeb ikun se jgħaddi jew ikun għadda minn bidla fil-Kontroll tas-Sieħeb;

20.5 **Terminazzjoni Immedjata**: xejn fil-Klawżola 20.4 (*Drittijiet ta' Terminazzjoni Reċiproka)* ma jirrikjedi li Booking.com tipprovdi avviż ta' tal-anqas tletin (30) jum tal-kalendarju bil-miktub dwar it-terminazzjoni lil Sieħeb, jew dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal tali terminazzjoni tal-anqas tletin (30) jum qabel ma tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni, u Booking.com tista' tittermina dan il-Ftehim minnufih mal-avviż, meta:

a. is-Sieħeb ma jkunx soġġett għar-Regolament P2B (jiġifieri ma jkunx ibbażat fiż-ŻEE);

b. ikun hemm obbligu legali jew regolatorju li jirrikjedi t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim b'mod li ma jippermettix lil Booking.com tipprovdi avviż ta' mill-inqas tletin (30) jum;

c. ikun hemm raġuni imperattiva skont il-Liġi Applikabbli (inklużi iżda mhux limitati għal każijiet relatati mas-sikurezza tas-Servizzi ta' Trasport u/jew mal-frodi u/jew mal-ksur tad-*data* u/jew ma' kwalunkwe ksur tal-Klawżola 11 (*Tranżazzjonijiet jew Attivitajiet Frawdolenti jew Illegali*)); jew

d. ikun hemm ksur ripetut ta' dan il-Ftehim mis-Sieħeb u/jew kwalunkwe Sewwieq u/jew kwalunkwe Flotta Finali.

20.6 **Terminazzjoni Awtomatika:** Fil-każ li: (a) Sieħeb u/jew is-Sewwieqa u/jew il-Flotta Finali jkunu totalment sospiżi jew ristretti minn Booking.com milli jipprovdu Servizzi ta' Trasport f'konformità mal-Klawżola 20.7 (*Sospensjoni u Restrizzjoni minnBooking.com*) għal perjodu ta' tnax-il (12) xahar jew aktar; (b) Sieħeb ma jibqax jopera n-negozju, allura dan il-Ftehim għandu jintemm awtomatikament.

20.7 **Sospensjoni u Restrizzjoni minn Booking.com**

a. Fil-każ li Booking.com tkun intitolata ttemm dan il-Ftehim skont il-Klawżoli 20.4 (*Drittijiet ta' Terminazzjoni Reċiproka*) jew 20.5 (*Terminazzjoni Immedjata*) hawn fuq, jew f'ċirkostanzi li fihom is-Sieħeb: (i) ikun qed jipprova jirranġa ksur materjali; (ii) ikun ġie nnotifikat li daħal fi Pjan għat-Titjib tal-Kwalità; jew (iii) ikun naqas milli jikkonforma mal-Klawżola 24 (*Żamma tar-Rekords u Awditi*), Booking.com tkun intitolata fid-diskrezzjoni unika tagħha li:

   i. tissospendi jew teskludi minnufih lis-Sieħeb u/jew lil kwalunkwe Sewwieq u/jew lil kwalunkwe Flotta Finali milli jirċievu Prenotazzjonijiet (inkluż billi jiġu esklużi mir-riżultati tat-tiftix applikabbli);

   ii. tissospendi jew tirrestrinġi immedjatament l-aċċess tas-Sieħeb għall-Portal tas-Sħab u/jew għall-API għas-Sħab ta' Booking.com;

   iii. talloka mill-ġdid Prenotazzjonijiet futuri lil sieħeb ieħor;

iv. tnaqqas in-numru ta' Prenotazzjonijiet mibgħuta lis-Sieħeb u/jew lil kwalunkwe Sewwieq u/jew lil kwalunkwe Flotta Finali, jew is-sehem perċentwali jew l-ambitu ġeografiku tiegħu jew tagħhom għal Prenotazzjonijiet potenzjali; jew

v. tnaqqas l-ambitu, il-kapaċità jew il-klassifikazzjoni tas-Sieħeb u/jew ta' kwalunkwe Sewwieq u/jew kwalunkwe Flotta Finali.

b. Ħlief meta l-għoti ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet jikser obbligu legali jew regolatorju li ma jiġux ipprovduti l-fatti/iċ-ċirkostanzi/ir-raġunijiet tas-sospensjoni u/jew tar-restrizzjoni, meta Booking.com tissospendi u/jew tirrestrinġi s-Sieħeb u/jew kwalunkwe Sewwieq u/jew kwalunkwe Flotta Finali skont il-Klawżola 20.7a ta' hawn fuq, Booking.com għandha tipprovdi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex ittieħdet tali azzjoni ta' sospensjoni jew ta' restrizzjoni u tagħti lis-Sieħeb opportunità li jiċċara l-fatti u ċ-ċirkostanzi rigward is-sospensjoni jew ir-restrizzjoni skont il-Klawżola 22 (*Trattament tal-Ilmenti tas-Sieħeb*).

## 21. KONSEGWENZI TAT-TERMINAZZJONI

21.1 **Terminazzjoni jew skadenza:** Mal-iskadenza jew mat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim (għal kwalunkwe raġuni), għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a. kull parti għandha tirritorna minnufih lill-oħra, jew tiddisponi f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-parti l-oħra, l-Informazzjoni Kunfidenzjali kollha u d-*data* u d-dokumenti l-oħra kollha u l-kopji tagħhom iddivulgati jew ipprovduti lilha skont dan il-Ftehim jew b'rabta miegħu u għandha tiċċertifika bil-miktub lill-oħra meta dan ikun tlesta;

b. Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha) iżommu d-dritt li jallokaw mill-ġdid kwalunkwe Prenotazzjonijiet magħmula minn qabel u tali dritt japplika wkoll f'każ li s-Sieħeb ikun ġie sospiż jew ristrett għal kwalunkwe raġuni;

c. soġġett għall-Klawżola 21.1b ta' hawn fuq, is-Sieħeb għandu jonora kwalunkwe Prenotazzjoni eżistenti u għandu jkompli jiżgura li s-Servizzi ta' Trasport applikabbli jiġu pprovduti fir-rigward tal-Prenotazzjonijiet kollha magħmula qabel l-iskadenza jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim ("**Servizzi ta' Wara t-Terminazzjoni**"), u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu fis-seħħ u effettivi bis-sħiħ għal dak il-perjodu sakemm jista' jkun neċessarju sabiex ikunu jistgħu jitlestew is-Servizzi ta' Wara t-Terminazzjoni;

d. Booking.com għandha tagħmel f'isem is-Sieħeb Talba finali għall-Ħlas fi żmien sittin (60) jum mit-terminazzjoni jew mit-tlestija tas-Servizzi ta' Wara t-Terminazzjoni, skont liema minnhom tiġi l-aħħar; u

e. Booking.com għandha tagħmel sforzi raġonevoli biex tipproduċi fattura finali tal-Kummissjonijiet fi żmien sebgħin (70) jum mit-terminazzjoni jew mit-tlestija tas-Servizzi ta' Wara t-Terminazzjoni, skont liema minnhom jiġi l-aħħar.

21.2 **Drittijiet Akkumulati Mhux Affetwati**: It-terminazzjoni jew l-iskadenza ta' dan il-Ftehim ma taffettwa l-ebda dritt, rimedju, obbligu jew responsabbiltà tal-partijiet li jkunu akkumulaw sad-data tat-terminazzjoni jew tal-iskadenza.

21.3 **Obbligi Kontinwi**: Kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim li espressament jew b'implikazzjoni hija maħsuba sabiex tibqa' fis-seħħ wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza tibqa' fis-seħħ u effettiva bis-sħiħ, u dan għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat, għall-Klawżoli 7.10 (*Breakage*), 8 (*Fatturazzjoni u Taxxa*), 9 (*Ammonti Rifużi, Ċaħdiet tad-Debitu u Tpaċija*), 11 (*Tranżazzjonijiet jew attivitajiet frawdolenti jew illegali*), 13 (*Protezzjoni tad-Data u Sigurtà*), 17 (*Kunfidenzjalità u Pubbliċità*), 18 (*Responsabbiltà u Indennizz*), 21 (*Konsegwenzi tat-Terminazzjoni*), 22 (*Trattament tal-Ilmenti tas-Sieħeb*), 23 (*Riżoluzzjoni ta' Tilwim*), 24 (*Żamma tar-rekords u awditi*), 25.5 *(Miżuri proviżorji*), 25.6 (*Avviżi lill-Partijiet*), 25.7 *(Twaqqit tal-Avviżi)* 25.9 sa 25.16 (inkluża).

## 22. TRATTAMENT TAL-ILMENTI TAS-SIEĦEB

22.1 **Ilmenti:** Booking.com għandha fis-seħħ sistema interna għat-trattament tal-ilmenti. Is-sħab jistgħu, skont in-natura tal-ilment tagħhom, jaċċessaw tali sistema interna għat-trattament tal-ilmenti permezz ta' dawn: (1) iċ-Ċentru tal-Għajnuna għas-Sħab, jew (2) il-maniġer tal-kont tagħhom (jekk applikabbli). Meta jissottometti l-ilment tas-Sieħeb, is-Sieħeb għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja: (i) id-dettalji sħaħ tal-ilment, inkluż jekk is-Sieħeb ikunx qajjem il-kwistjoni qabel u liema Territorju tinvolvi (jekk applikabbli); (ii) ir-riżoluzzjoni/l-eżitu preferuti tas-Sieħeb b'rabta mal-ilment; u (iii) jehmeż kwalunkwe dokument ta' sostenn relatat mal-ilment inkluż l-identifikazzjoni tal-Prenotazzjonijiet affettwati u l-għoti ta' raġuni ċara għat-tilwima. L-ilment għandu jiġi rrieżaminat u investigat f'konformità mal-linji gwida interni ta' Booking.com, inkluża l-eskalazzjoni neċessarja fejn meħtieġa. Booking.com jista' jikkuntattja lis-Sieħeb biex tiddiskuti l-ilment. Is-Sieħeb għandu jiġi pprovdut bi tweġibiet relatati mal-ilment (inkluża r-riżoluzzjoni/l-għeluq tiegħu) u b'aġġornamenti matul il-proċess, kif xieraq, permezz tal-posta elettronika jew il-maniġer tal-kont tiegħu.

22.2 **Impatt fuq it-Terminazzjoni, fuq is-Sospensjoni jew fuq ir-Restrizzjoni:** Kwalunkwe lment ippreżentat f'konformità mas-sistema tat-trattament tal-ilmenti msemmija hawn fuq ma għandux jissospendi jew jibdel awtomatikament kwalunkwe terminazzjoni, sospensjoni jew restrizzjoni applikata minn Booking.com skont il-Klawżola 20 *(Terminu, Terminazzjoni, Sospensjoni u Restrizzjoni)*. Jekk Booking.com tagħżel li tirrevoka avviż ta' terminazzjoni, sospensjoni jew restrizzjoni wara lment mis-Sieħeb, hija għandha terġa' tistabbilixxi l-aċċess tas-Sieħeb għall-Portal tas-Sħab u/jew għall-API għas-Sħab ta' Booking.com u tneħħi kwalunkwe restrizzjoni rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

## 23. RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

23.1 **Riżoluzzjoni ta' Tilwim**: Kwalunkwe tilwima li tinqala' b'rabta ma' dan il-Ftehim, fl-ewwel istanza tiġi solvuta f'konformità mal-Klawżola 22.1 (*Ilmenti*). Jekk it-tilwima ma tkunx tista' tiġi solvuta mill-maniġer tal-kont u/jew mit-timijiet tal-finanzi fi żmien erbatax-il (14) jum, it-tilwima tista' tiġi eskalata minn kwalunkwe parti lill-maniġers superjuri għal kull parti, kif nominati mill-partijiet. Jekk it-tilwima ma tiġix solvuta mill-maniġers superjuri fi żmien erbatax-il (14) jum minn meta tiġi eskalata lilhom, it-tilwima tista' tiġi solvuta f'konformità mal-Klawżola 25.15 (*Ġuriżdizzjoni*). Meta pagament ikun soġġett għal ilment jew għal tilwima, tali pagament jista' jiġi sospiż sakemm il-kwistjoni tiġi solvuta.

23.2 **Soluzzjoni Barra mill-Qorti għat-Tilwim:** Jekk tinqala' xi tilwima b'rabta ma' deċiżjoni ta' Booking.com li tillimita l-aċċess għall-Kontenut fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com jew tirrestrinġi l-aċċess tas-Sieħeb għall-Pjattaforma ta' Booking.com abbażi ta' illegalità jew ta' inkompatibbiltà mat-termini ta' dan il-Ftehim, Booking.com tippreferi li l-ewwel tipprova ssolvi t-tilwima permezz tal-proċedura interna għall-ilmenti stabbilita fil-Klawżola 22.1. Jekk it-tilwima ma tiġix solvuta permezz tal-proċedura interna għall-ilmenti, is-Sieħeb jista' jirreferi t-tilwima lil kwalunkwe korp għas-soluzzjoni barra mill-qorti għat-tilwim maħtur kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 21(3) tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u inkluż fil-lista rilevanti ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea.

## 24. ŻAMMA TAR-REKORDS U AWDITI

24.1 **Informazzjoni dwar is-Sewwieqa u l-Flotta Finali**: Fuq talba bil-miktub minn Booking.com, is-Sieħeb għandu jipprovdi minnufih lil Booking.com bl-ismijiet tal-individwi jew tal-kumpaniji u bl-ismijiet kummerċjali, bin-numru tat-telefown u bl-indirizzi għas-Sewwieqa kollha u, meta applikabbli, tal-Flotta Finali li jipprovdu jew li pprovdew Servizzi ta' Trasport skont dan il-Ftehim u/jew kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba b'mod raġonevoli minn Booking.com inkluża kwalunkwe informazzjoni (ulterjuri) li Booking.com hija meħtieġa turi fuq il-Pjattaforma ta' Booking.com skont il-Liġi Applikabbli, li f'kull ħin trid tkun kompluta, aġġornata, preċiża, mhux qarrieqa u konformi ma' kull Liġi Applikabbli. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-talba ta' Booking.com, tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta fi żmien sebat (7) ijiem mit-talba ta' Booking.com. Barra minn hekk, is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com bi kwalunkwe aġġornament tal-informazzjoni fil-pront.

24.2 **Kotba u rekords:** Il-partijiet jaqblu li jżommu sistemi, kotba u rekords kompluti u preċiżi ("**Rekords**") għat-terminu ta' dan il-Ftehim u għal perjodu ta' seba' (7) snin wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tas-Sieħeb, tali Rekords għandhom jinkludu d-dikjarazzjoni tal-prenotazzjonijiet online, ir-rekords finanzjarji tas-Sieħeb u tas-Sewwieqa u, meta applikabbli, tal-Flotta Finali, l-informazzjoni relatata mat-Taxxi bħal prova ta' dikjarazzjonijiet, ċertifikati ta' eżenzjoni u informazzjoni oħra dwar it-taxxa, faxes u/jew ittri elettroniċi biex

jiddokumentaw l-ammont tat-Taxxi għas-Servizzi ta' Trasport u l-kalkoli relatati magħhom, l-isem individwali jew tan-negozju, in-numru tat-telefown u l-indirizz ta' kull Sewwieq (u, meta applikabbli, il-Flotta Finali).

24.3 **Awditjar tar-Rekords:** Booking.com (jew awditur innominat minn Booking.com) jista' jawditja r-rekords tas-Sieħeb. L-awditi kollha jitwettqu b'avviż raġonevoli bil-miktub u mingħajr interferenza mhux raġonevoli fl-attivitajiet kummerċjali tas-Sieħeb. Fuq talba ta' Booking.com, is-Sieħeb għandu, b'mod tempestiv, jipprovdi lil Booking.com (jew l-awditur tagħha) b'assistenza raġonevoli u b'aċċess għall-bini, għall-kotba, għas-sistemi u għall-Persunal tiegħu (u tal-Partijiet Relatati tiegħu) sabiex jiġu spezzjonati u vverifikati r-Rekords. Is-Sieħeb għandu jikseb l-assistenza u l-kooperazzjoni tas-Sewwieqa u, meta applikabbli, tal-Flotta Finali b'awditu u b'talbiet għall-kotba u għar-rekords separati tas-Sewwieqa u/jew tal-Flotta Finali.

24.4 **L-Awdituri jkunu soġġetti għal NDA:** Booking.com tiżgura li kwalunkwe awditur maħtur ikun soġġett għal obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa li jipproteġu l-Informazzjoni Kunfidenzjali tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu (soġġett, dejjem, għal kwalunkwe rekwiżit tal-Liġi Applikabbli jew ta' Regolatur).

24.5 **Assistenza tas-Sieħeb**: Is-Sieħeb għandu jipprovdi assistenza raġonevoli lil Booking.com (u lill-awditur tagħha) biex jappoġġa l-ispezzjoni u l-verifika tar-Rekords u fir-rigward ta' kwalunkwe awditi tat-Taxxa.

24.6 **Riżultati tal-Awditu:** Jekk awditu jiżvela li Booking.com tkun ħallset iżżejjed lis-Sieħeb, is-Sieħeb għandu minnufih iħallas lil Booking.com somma ugwali għall-ammont li tħallas żejjed.

## 25. ĠENERALI

25.1 **Lingwa Ingliża:** Meta l-verżjoni oriġinali bl-Ingliż ta' dan il-Ftehim tkun ġiet tradotta f'lingwi oħra, il-verżjoni tradotta tal-Ftehim bil-lingwa Ingliża tiġi pprovduta biss bħala korteżija u traduzzjoni għall-uffiċċju. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu ma jistgħu jiksbu l-ebda dritt mill-verżjoni tradotta. Fil-każ ta' tilwima dwar il-kontenut jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim jew fil-każ ta' diskrepanza bejn il-verżjoni Ingliża u kwalunkwe verżjoni lingwistika oħra ta' dan il-Ftehim, tipprevali l-verżjoni bil-lingwa Ingliża. Il-verżjoni bl-Ingliż biss tintuża fi kwalunkwe proċediment legali.

25.2 **Kostijiet:** Kull parti tħallas il-kostijiet u l-ispejjeż tagħha stess b'rabta mad-dħul f'dan il-Ftehim, u mal-eżekuzzjoni mat-twettiq tiegħu.

25.3 **Bidla fil-Ftehim:** Booking.com tista' minn żmien għal żmien taġġorna u temenda dan il-Ftehim, soġġett għal avviż bil-miktub minn qabel lis-Sieħeb u perjodu ta' avviż ta' mhux anqas minn tletin (30) jum. Matul il-perjodu ta' avviż, is-Sieħeb jista' jittermina dan il-Ftehim jekk jagħżel li jagħmel dan. Kwalunkwe verżjoni aġġornata jew emendata ta' dan il-Ftehim għandha tissostitwixxi u tipprevali fuq il-verżjoni kurrenti f'dak iż-żmien b'effett mid-data speċifikata fl-avviż. Jekk is-Sieħeb ma jipprovdix tali avviż ta' terminazzjoni lil Booking.com fil-perjodu ta' avviż speċifikat f'din il-Klawżola, il-verżjoni aġġornata jew emendata ta' dan il-Ftehim titqies aċċettata mis-Sieħeb.

25.4 **Avvenimenti ta' Forza Maġġuri:** L-ebda parti ma tkun responsabbli għal ksur ta' dan il-Ftehim u lanqas responsabbli għal dewmien fit-twettiq jew fin-nuqqas ta' twettiq ta' xi wieħed mill-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim ikkawżat minn Avveniment ta' Forza Maġġuri. Il-parti li t-twettiq tal-obbligi tagħha jkun affettwat mill-Avveniment ta' Forza Maġġuri għandha tuża sforzi raġonevoli biex ittaffi l-impatt tal-Avveniment ta' Forza Maġġuri. Hekk kif jiġi solvut l-Avveniment ta' Forza Maġġuri, il-parti impedita għandha immedjatament terġa' tibda l-operazzjonijiet u l-prestazzjoni bis-sħiħ tal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim li kienu affettwati minn tali Avveniment ta' Forza Maġġuri.

25.5 **Miżuri Proviżorji:** Xejn f'dan il-Ftehim ma jipprevjeni lil kwalunkwe parti milli tippreżenta kwalunkwe rikors quddiem qorti biex tikseb miżuri proviżorji (inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni) għal kwalunkwe ksur mhedded jew attwali ta' dan il-Ftehim.

25.6 **Avviżi lill-Partijiet:** L-avviżi jridu jkunu bl-Ingliż u jintbagħtu bil-miktub fuq id-dettalji ta' kuntatt ta' parti kif elenkati fl-Iskeda ta' Quddiem tal-Kuntratt sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor bejn il-partijiet bil-miktub. Kull parti tista' tbiddel id-dettalji ta' kuntatt tagħha billi tagħti avviż bil-miktub lill-parti l-oħra. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-partijiet jistgħu jibagħtu l-avviżi permezz ta' kopja stampata mwassla personalment, b'servizz tal-posta tal-ewwel klassi, b'konsenja internazzjonali reġistrata jew b'kurrier jew bil-posta elettronika jew lil Booking.com billi jressqu talba permezz tal-formola ta' kuntatt fiċ-Ċentru tal-Għajnuna għas-Sħab. L-avviż ma jitqiesx li jkun wasal sakemm il-kopja stampata jew l-ittra elettronika, kif applikabbli, tiġi riċevuta f'konformità mal-Klawżola 25.7 (*Twaqqit tal-Avviżi*).

25.7 **Twaqqit tal-Avviżi:** L-avviżi jitqiesu li ngħataw kif ġej: (a) jekk jitwasslu personalment, mal-konsenja; (b) jekk jintbagħtu b'servizz tal-posta tal-ewwel klassi fl-istess pajjiż, Jumejn (2) tan-Negozju wara d-data tal-impustar; (c) jekk jiġu kkonsenjati b'konsenja internazzjonali reġistrata jew b'kurrier, tliet (3) Ijiem tan-Negozju wara d-dispaċċ; (d) jekk jintbagħtu bil-posta elettronika, fil-ħin tal-konsenja elettronika; u (e) kwalunkwe avviż li jasal għand Booking.com wara l-5pm (ħin tar-Renju Unit) jitqies li ma ngħatax lil Booking.com sal-Jum ta' Negozju li jmiss.

25.8 **Assenjazzjoni u sottokuntrattar:**

a. **Kunsens Ġeneralment Meħtieġ:** Soġġett għall-bqija ta' din il-Klawżola 25.8, l-ebda parti ma hija permessa li tassenja, tittrasferixxi, tinnova jew tissottokuntratta dan il-Ftehim, jew li tissottokuntratta l-obbligi tagħha taħtu, f'kull każ kompletament jew parzjalment, mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-parti l-oħra (li ma għandux jinżamm jew jiddewwem b'mod mhux raġonevoli).

b. **Disponimenti Permessi minn Booking.com:** Booking.com tista', mingħajr il-kunsens tas-Sieħeb, tassenja, tittrasferixxi, tinnova jew tissottokuntratta kwalunkwe dritt u/jew obbligu tagħha jew kollha kemm huma skont dan il-Ftehim lil: (a) kwalunkwe Affiljat ta' Booking.com minn żmien għal żmien, jew (b) kwalunkwe xerrej tal-impriża kummerċjali ta' Booking.com li magħha huwa relatat dan il-Ftehim. Fuq talba ta' Booking.com, is-Sieħeb għandu jeżegwixxi minnufih id-dokumenti kollha meħtieġa biex jagħti effett lil tali tranżazzjoni.

c. **Sottokuntrattar Permess minn Booking.com:** Booking.com u s-Sħab Affiljati tagħha jistgħu, mingħajr il-kunsens minn qabel tas-Sieħeb, jissottokuntrattaw it-twettiq tal-obbligi tagħha u/jew tagħhom skont dan il-Ftehim, inklużi iżda mhux biss is-servizzi tal-klijenti tagħha u/jew tagħhom, l-ipproċessar tal-ħlasijiet u l-funzjonijiet amministrattivi.

25.9 **Separabbiltà:** Jekk kwalunkwe Klawżola (jew parti minn Klawżola) jew dispożizzjoni oħra (jew parti minn dispożizzjoni) f'dan il-Ftehim ma tkunx infurzabbli, valida jew legali għal kwalunkwe raġuni, il-Klawżoli l-oħra (u partijiet minn Klawżola) u d-dispożizzjonijiet (u partijiet minn dispożizzjoni) ta' dan il-Ftehim jibqgħu fis-seħħ daqslikieku ġew eżegwiti mingħajr it-test problematiku li jidher f'dan il-Ftehim (u t-test problematiku jitqies li ġie ssostitwit bl-abbozzar li għandu l-eqreb effett u li huwa infurzabbli).

25.10 **Rinunzja:** L-ebda dewmien jew ommissjoni minn kwalunkwe parti fl-eżerċitar ta' kwalunkwe dritt jew rimedju previst mil-liġi, l-ekwità jew skont dan il-Ftehim ma joperaw biex jirrinunzjaw, jillimitaw jew b'xi mod ieħor jaffettwaw dak id-dritt jew rimedju.

25.11 **L-Ebda Sħubija jew Aġenzija:** Xejn f'dan il-Ftehim ma huwa maħsub biex, jew se jitqies li, jistabbilixxi kwalunkwe sħubija jew impriża konġunta bejn Booking.com u s-Sieħeb. Is-Sieħeb ma għandux l-awtorità jew is-setgħa li jorbot, joħloq responsabbiltà għal, jidħol fi kwalunkwe impenn għal jew f'isem, u lanqas ikun l-aġent ta', Booking.com jew kwalunkwe Sieħeb Affiljat.

25.12 **Ftehim Sħiħ:** Dan il-Ftehim jikkostitwixxi l-ftehim sħiħ u uniku bejn il-partijiet relatati mas-suġġett tiegħu u jipprevali fuq u jeskludi l-ftehimiet jew l-arranġamenti preċedenti kollha magħmula bejniethom li għandhom x'jaqsmu miegħu.

25.13 **Drittijiet ta' Partijiet Terzi:** Dan il-Ftehim mhuwiex maħsub biex jagħti u lanqas ma jagħti xi dritt lil xi persuna li mhijiex parti fih sabiex tinforza kwalunkwe dispożizzjoni li tinsab fih, kemm jekk skont il-Contracts (Rights of Third Parties) Act 1999 jew inkella b'xi mod ieħor, ħlief għal dawn: (a) il-Klawżola 17 (*Kunfidenzjalità u Pubbliċità*), u, meta applikabbli, l-appendiċi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com, li se jkunu infurzabbli minn kull Affiljat ta' Booking.com; (b) is-Sħab Affiljati ta' Booking.com, li għandhom ikunu intitolati li jinfurzaw kwalunkwe dritt espress bħala ta' benefiċċju għalihom u f'konformità mal-Klawżola 3.5 (Sħab Affiljati ta' Booking.com); u (c) kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tipprevedi b'mod espliċitu l-infurzar minn parti terza. Il-partijiet jistgħu jvarjaw jew jitterminaw dan il-Ftehim f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu mingħajr il-kunsens ta' kwalunkwe parti terza.

25.14 **Firem Elettroniċi u Kontropartijiet:** Sakemm il-Liġi Applikabbli ma teħtieġx mod ieħor u soġġetta għall-Klawżola 25.3 (*Bidla fil-Ftehim*), dan il-Ftehim u verżjonijiet ġodda ta’ kwalunkwe dokument li jifforma parti minn dan il-Ftehim jistgħu jiġu miftiehma u/jew eżegwiti permezz ta’ proċessi online jew bl-użu ta’ firem elettroniċi. Dan il-Ftehim u kwalunkwe verżjoni ġdida ta’ kwalunkwe dokument li jifforma parti minn dan il-Ftehim jistgħu jiġu eżegwiti wkoll f’kontroparti waħda jew aktar. Kull kontroparti tikkostitwixxi oriġinal u flimkien huma jikkostitwixxu ftehim wieħed. Jekk data effettiva ma tkunx ġiet iddikjarata f’dan il-Ftehim jew f’verżjoni ġdida tal-Iskeda ta’ Quddiem tal-Kuntratt, huwa jidħol fis-seħħ fid-data meta l-aħħar parti tiffirmah jew tindika aċċettazzjoni permezz ta’ proċessi online jew fid-data speċifikata fl-avviż mibgħut minn Booking.com skont il-Klawżola 25.3 (*Bidla fil-Ftehim*).

25.15 **Ġuriżdizzjoni:** It-tilwim kollu li jirriżulta minn jew b’rabta ma’ dan il-Ftehim għandu finalment jiġi solvut skont ir-Regoli ta’ Arbitraġġ tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ minn arbitru wieħed jew aktar maħtura f’konformità mar-Regoli msemmijin. Il-partijiet jaqblu li jżommu kunfidenzjali l-eżistenza tal-arbitraġġ, il-proċedimenti tal-arbitraġġ, is-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet u d-deċiżjonijiet meħuda mit-tribunal tal-arbitraġġ, inklużi l-aġġudikazzjonijiet tiegħu, ħlief kif meħtieġ mil-Liġi Applikabbli u sa fejn mhux diġà fid-dominju pubbliku. Is-sede u l-post ta’ kwalunkwe seduta fiżika tal-arbitraġġ għandu jkun il-pajjiż tal-liġi regolatorja applikabbli ta’ dan il-Ftehim. Id-“Dispożizzjonijiet dwar l-Arbitratur ta’ Emerġenza” ma għandhomx japplikaw. Il-liġi regolatorja tal-ftehim ta’ arbitraġġ għandha tkun l-istess bħal-liġi regolatorja ta’ dan il-Ftehim. Il-lingwa tal-arbitraġġ għandha tkun l-Ingliż.

25.16 **Liġi Regolatorja:** Dan il-Ftehim, u kwalunkwe kwistjoni, talba (irrispettivament mill-bażi ġuridika) jew tilwima li tinqala’ b’rabta miegħu, huma rregolati bil-liġi Ingliża u ddeterminati f’konformità magħha.

# PROTEZZJONI TAD-*DATA* TA' BOOKING.COM

## PARTI A

### 1. PROTEZZJONI TAD-*DATA*

1.1 Kull parti tiggarantixxi li se tosserva kif xieraq l-obbligi kollha tagħha skont il-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, u kwalunkwe leġiżlazzjoni simili fis-seħħ fil-pajjiż li fih dik il-parti għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha u, fil-każ tas-Sieħeb, anki l-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-*data* u kwalunkwe liġi rilevanti oħra fit-Territorju (kif applikabbli). Kull parti b'dan tiggarantixxi li tikseb, u f'kull ħin iżżomm, kwalunkwe notifika u kunsens meħtieġa skont kwalunkwe Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* kif xieraq għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim.

1.2 Il-partijiet jirrikonoxxu u jaqblu li għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u tal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*:

a. it-termini *Data* Personali, Kontrollur tad-*Data*, Proċessur tad-*Data*, Suġġett tad-*Data*, Proċess/Proċessi/Proċessata/Proċessar u Awtorità ta' Sorveljanza għandu jkollhom it-tifsiriet stabbiliti fil-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;

b. Booking.com f'kull ħin tibqa' l-Kontrollur tad-*Data* tad-*Data* ta' Booking.com;

c. is-Sieħeb għandu jibqa' f'kull ħin il-Kontrollur tad-*Data* għal kwalunkwe *Data* Personali tas-Sewwieqa ("***Data* tas-Sewwieq**");

d. għal kwalunkwe *Data* ta' Booking.com kondiviża mas-Sieħeb minn Booking.com, is-Sieħeb għandu jaġixxi bħala Kontrollur tad-*Data* indipendenti; u

e. sabiex jiġi evitat id-dubju, jekk is-Sieħeb jikkondividi jew jipprovdi aċċess għad-*Data* Personali tal-Klijenti lil Booking.com għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, Booking.com taġixxi bħala Kontrollur tad-*Data* indipendenti ta' dik id-*Data* Personali kondiviża.

1.3 Sabiex jiġu evitati dubji, id-*Data* ta' Booking.com ma tinkludi l-ebda *data* pprovduta direttament lis-Sieħeb, lis-Sewwieqa, lill-Flotta Finali jew lil Partijiet Relatati oħra mill-Klijenti.

### 2. *DATA* KONDIVIŻA

2.1 Sal-punt permess mil-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u soġġetta għall-kundizzjonijiet, għall-garanziji u għall-impenji stabbiliti hawn taħt, Booking.com għandha tipprovdi lis-Sieħeb bid-*Data* ta' Booking.com għall-finijiet tat-twettiq tal-kuntratt tas-Sieħeb, tas-Sewwieq jew tal-Flotta Finali (kif applikabbli) mal-Klijent għax-xiri tas-Servizzi ta' Trasport li jinkludu iżda mhux biss l-assistenza relatata għas-servizz lill-klijenti kif deskritta aktar fil-**Parti B ta' dan l-appendiċi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com** ("**Deskrizzjoni tat-Trasferiment**"). Għall-istess skop deskritt hawnhekk u dettaljat fid-Deskrizzjoni tat-Trasferiment, is-Sieħeb għandu jipprovdi Booking.com bid-*Data* rilevanti tas-Sewwieq.

2.2 Is-Sieħeb jirrikonoxxi u jaqbel li Booking.com hija intitolata tieqaf milli tiddivulga jew tagħmel id-*Data* ta' Booking.com disponibbli fi kwalunkwe ħin u fid-diskrezzjoni tagħha biss. Is-Sieħeb jifhem u jaqbel li d-*Data* ta' Booking.com tiġi pprovduta kif inhi u li Booking.com ma tista' tagħmel l-ebda garanzija jew rappreżentazzjoni espliċita jew impliċita dwar l-eżattezza, il-kompletezza jew l-utilizzabilità tad-*Data* ta' Booking.com. Għalhekk, Booking.com ma tistax tinżamm responsabbli għad-*Data* ta' Booking.com sal-punt massimu permess skont il-Liġi Applikabbli.

### 3. OBBLIGI TAS-SĦAB

3.1 Is-Sieħeb jifhem u jirrikonoxxi li d-*Data* ta' Booking.com fiha d-*Data* Personali tal-Klijenti u għalhekk, is-Sieħeb hawnhekk jaqbel, jiggarantixxi, jagħmel patt u jimpenja ruħu għal dan li ġej:

a. li Jipproċessa d-*Data* ta' Booking.com biss sal-punt, u b'tali mod, li inhu strettament meħtieġ għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u f'konformità mat-termini ta' dan il-Ftehim u mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ma jkunx jista' jipprovdi tali konformità għal kwalunkwe raġuni, huwa għandu jinforma lil Booking.com minnufih dwar l-inkapaċità tiegħu li jikkonforma, f'liema każ Booking.com tkun intitolata tissospendi t-trasferiment tad-*Data* ta' Booking.com u/jew tittermina dan il-Ftehim. Is-Sieħeb ma għandux jiġbor, juża, janalizza u/jew jipproċessa b'xi mod ieħor id-*Data* ta' Booking.com għal kwalunkwe għan ieħor u/jew juża kwalunkwe mezz ieħor għajr dak approvat b'mod espliċitu minn Booking.com;

b. li d-*Data* ta' Booking.com mhux se tintuża għal xi skopijiet kummerċjali, promozzjonali jew ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż iżda mhux limitat għal, li s-Sieħeb ma għandux (i) juża d-*Data* ta' Booking.com biex jibgħat (direttament jew indirettament) kwalunkwe posta elettronika mhux mitluba jew jagħmel kwalunkwe telefonata mhux mitluba, (ii) jiżvela d-*Data* ta' Booking.com lil kwalunkwe parti terza, jew (iii) jużaha għal kwalunkwe għan, ħlief kif stabbilit mod ieħor f'dan il-Ftehim;

c. li jagħmel sforzi kummerċjalment raġonevoli, inkluż l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzazzjonali xierqa, biex jissalvagwardja u jżomm il-kunfidenzjalità u s-segretezza tad-*Data* ta' Booking.com u biex jipproteġiha kontra l-aċċess mhux awtorizzat, l-Ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali, it-telf, id-dannu jew il-qerda u jiżgura li l-impjegati, l-aġenti, il-proċessuri u/jew il-konsulenti tiegħu involuti fl-immaniġġjar tad-*Data* ta' Booking.com jikkonformaw mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mal-obbligi tas-Sieħeb skont dan il-Ftehim;

d. li jistabbilixxi u jżomm prattiki tajbin ta' sigurtà fl-għażla u fl-użu tal-passwords fuq is-sistemi ta' Booking.com (inklużi, iżda mhux limitati għall-Portal tas-Sħab u għall-API għas-Sħab ta' Booking.com) u jiżgura li l-utenti kollha jsegwu dawk il-prattiki. Is-Sieħeb għandu jinnotifika minnufih lil Booking.com f'każ li jintilfu jew jinsterqu l-passwords tas-Sieħeb għas-sistemi ta' Booking.com;

e. li ma għandu l-ebda raġuni biex jemmen li l-leġiżlazzjoni applikabbli għalih ma tippermettilux jissodisfa l-istruzzjonijiet riċevuti minn Booking.com u l-obbligi tiegħu skont dan il-Ftehim u li fil-każ ta' bidla f'din il-leġiżlazzjoni li x'aktarx ikollha effett negattiv sostanzjali fuq il-garanziji u fuq l-obbligi pprovduti minn dan il-Ftehim, huwa jinnotifika minnufih il-bidla lil Booking.com bil-miktub malli jsir jaf, f'liema każ Booking.com hija intitolata tissospendi t-trasferiment tad-*Data* ta' Booking.com u/jew tittermina dan il-Ftehim;

f. li huwa implimenta u għandu jżomm matul it-terminu ta' dan il-Ftehim il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali ta' sigurtà biex jipproteġi d-*Data* ta' Booking.com kontra l-Ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali, l-użu ħażin, id-dannu jew it-telf kif speċifikat fil-**Parti C ta' dan l-appendiċi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com** ("**Miżuri Tekniċi u Organizzazzjonali ta' Sigurtà**") qabel l-Ipproċessar tad-*Data* ta' Booking.com biex tiġi żgurata l-konformità ta' Booking.com mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, u li l-Miżuri Tekniċi u Organizzazzjonali ta' Sigurtà dejjem jiġu osservati bħala standard minimu ta' sigurtà;

g. li jikkontrolla, b'mezzi xierqa, il-konformità tiegħu mal-obbligi tiegħu ta' protezzjoni tad-*data* b'rabta ma' kwalunkwe Servizz tas-Sieħeb ipprovdut lil Booking.com u jipprovdi lil Booking.com b'rapporti perjodiċi (tal-anqas annwali) u bbażati fuq l-okkażjoni bil-miktub dwar kontrolli bħal dawn, inklużi r-rapporti dwar l-aċċertament imsemmija fil-Miżuri Tekniċi u Organizzazzjonali ta' Sigurtà. Awtokontrolli u rapporti bħal dawn għandhom b'mod partikolari jkunu relatati mal-konformità tas-Sieħeb mal-Miżuri Tekniċi u Organizzazzjonali ta' Sigurtà, iżda mhux limitati għalihom, u jinkludu tal-anqas l-istatus tas-sistemi ta' pproċessar tad-*data*, il-perjodi ta' qtugħ irreġistrat tal-miżuri tekniċi ta' sigurtà, il-konformità (jew in-nuqqas tagħha) stabbilita mal-miżuri organizzazzjonali, kwalunkwe ksur tad-*data* u/jew inċident tas-sigurtà li jkun seħħ, theddid perċepit għas-sigurtà u għad-*Data* ta' Booking.com u t-titjib meħtieġ u/jew rakkomandat. Is-Sieħeb għandu jipprovdi wkoll kwalunkwe informazzjoni oħra li Booking.com titlob b'mod raġonevoli;

h. li jikkoopera ma', u jipprovdi l-assistenza raġonevoli kollha lil Booking.com fil-każ (i) li Klijent ikun jixtieq jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' aċċess, ta' rettifika, ta' tħassir, ta' restrizzjoni tal-Ipproċessar, ta' portabbiltà tad-*data*, ta' oġġezzjoni għall-Ipproċessar jew tal-evitar tat-teħid ta'

deċiżjonijiet individwali awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta’ profili, (ii) li Booking.com hija meħtieġa turi konformità mal-obbligi tagħha u teħtieġ informazzjoni jew kooperazzjoni mis-Sieħeb jew (iii) ta’ kwalunkwe talba legalment vinkolanti għad-divulgazzjoni tad-*Data* ta' Booking.com minn kwalunkwe awtorità governattiva (inkluża kwalunkwe aġenzija għall-protezzjoni tad-*data*, aġenzija għall-infurzar tal-liġi jew awtorità regolatorja oħra) jew talbiet mir-regolaturi kompetenti, sakemm ma jkunx ipprojbit legalment mod ieħor, bħal projbizzjoni skont il-liġi kriminali biex tiġi ppreżervata l-kunfidenzjalità ta’ investigazzjoni tal-infurzar tal-liġi;

i. li l-aċċess għad-*Data* ta' Booking.com ikun limitat biss għal dak tal-impjegati, tal-aġenti, tal-proċessuri, tal-konsulenti u tal-Partijiet Relatati tiegħu (“**Persuni Permessi**”) li jeħtieġu aċċess għad-*Data* ta' Booking.com kif strettament meħtieġ għall-fini tat-twettiq tas-Servizzi tas-Sieħeb skont dan il-Ftehim, u li għandu f’kull ħin jibqa’ responsabbli u obbligat bis-sħiħ għan-nuqqas ta’ kwalunkwe Persuna Permessa li tikkonforma mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mat-termini ta’ dan il-Ftehim;

j. li jiżgura li l-Persuni Permessi kollha (i) jiġu informati bin-natura kunfidenzjali tad-*Data* ta' Booking.com, (ii) ikunu ngħataw struzzjonijiet xierqa bil-miktub dwar il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* u dwar l-immaniġġjar tad-*Data* ta' Booking.com; (iii) jissalvagwardjaw u jżommu l-kunfidenzjalità u s-segretezza tad-*Data* ta' Booking.com; u (iv) ikunu konxji li jkunu marbuta bl-istess obbligi imposti fuq is-Sieħeb skont dan il-Ftehim u l-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;

k. li juża metodi prudenti u diliġenti biex jiġi żgurat li l-Persuni Permessi kollha (i) ma jikkopjawx, ma jippubblikawx, ma jittrażmettux, ma jbigħux, ma jxerrdux, ma jirriproduċux, ma jiddivulgawx, ma jiżvelawx u lanqas ma jagħmlu d-*Data* ta' Booking.com disponibbli għal kwalunkwe parti terza mhux awtorizzata; (ii) ma jużawx jew ma jaħżnux id-*Data* ta' Booking.com f’sistema ta’ rkupru jew f’bażi tad-*data* mhux protetta; (iii) jeqirdu minnufih id-*Data* kollha ta' Booking.com u kwalunkwe kopja tagħha (inklużi kopji stampati u elettroniċi) kif meħtieġ mil-Liġi Applikabbli dwar id-*Data*; u (iv) jimmonitorjaw, jinforzaw u jkunu responsabbli għall-konformità tal-Persuni Permessi ma’ din il-klawżola;

l. li fil-każ li (i) kwalunkwe *Data* ta' Booking.com tiġi żvelata mis-Sieħeb (inklużi l-Persuni Permessi tiegħu), bi ksur ta’ dan il-Ftehim jew tal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*; jew (ii) is-Sieħeb (inklużi l-Persuni Permessi) jiskopri jew jiġi nnotifikat b’aċċess mhux awtorizzat, bi Pproċessar mhux awtorizzat jew illegali, kwalunkwe telf, dannu jew qerda tad-*Data* ta' Booking.com (“**Ksur tas-Sigurtà**”), is-Sieħeb għandu jinnotifika minnufih lil Booking.com bil-miktub dwar kwalunkwe Ksur tas-Sigurtà bħal dan, jikkoopera fl-investigazzjoni tal-Ksur tas-Sigurtà, u jieħu l-miżuri kollha biex jintemm dan il-Ksur tas-Sigurtà. Fil-każ ta’ Ksur tas-Sigurtà, is-Sieħeb għandu, bi spejjeż tiegħu stess, iwettaq kwalunkwe azzjoni ta’ rimedju u l-azzjonijiet ta’ rimedju kollha meħtieġa mil-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*; u

m. li jekk jirċievi kwalunkwe lment, avviż jew komunikazzjoni relatati direttament jew indirettament mal-Ipproċessar tad-*Data* ta' Booking.com jew mal-konformità ta’ kwalunkwe Parti mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mal-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fiha, huwa għandu jinnotifika minnufih lil Booking.com bil-miktub u għandu jipprovdi lil Booking.com b’kooperazzjoni u b’assistenza sħiħa fir-rigward ta’ kwalunkwe lment, avviż jew komunikazzjoni bħal dawn.

## 4. TRASFERIMENT TA’ *DATA* PERSONALI

4.1 Jekk is-Sieħeb ikun stabbilit barra tar-Renju Unit, miż-ŻEE jew f’pajjiż li ma jkunx rikonoxxut bħala wieħed li jipprovdi livell adegwat ta’ protezzjoni mill-gvern tar-Renju Unit jew skont il-liġijiet tar-Renju Unit, il-partijiet b’dan jaqblu li l-SCCs u l-Addendum Approvat tar-Renju Unit huma b’dan inkorporati b’referenza u għandhom japplikaw għat-trasferiment ta’ *Data* Personali minn Booking.com lis-Sieħeb.

4.2 Għall-finijiet tal-SCCs u tal-Addendum Approvat tar-Renju Unit, japplikaw it-termini addizzjonali li ġejjin:

a. Il-partijiet jaqblu li josservaw it-termini tal-SCCs mingħajr modifika;

b. Il-Klawżola 7 (Klawżola dwar id-Docking) tal-SCCs hija eskluża;

c. Fil-Klawżola 11 (Rimedju) tal-SCCs, il-lingwa fakultattiva hija eskluża;

d. Il-Klawżola 13(a) (Superviżjoni) u l-Anness 1.C, il-Klawżoli 17 u 18 tal-SCCs għandhom jinqraw flimkien mal-Addendum Approvat tar-Renju Unit;

e. Fl-Anness 1.A (Lista tal-Partijiet), Booking.com hija l-Esportatur tad-*Data* tad-*Data* ta' Booking.com u s-Sieħeb huwa l-Importatur tad-*Data* ta' Booking.com u l-ismijiet u l-indirizzi tal-Esportatur tad-*Data* u tal-Importatur tad-*Data* għandhom jitqiesu li huma inkorporati fl-SCCs u fl-Addendum Approvat tar-Renju Unit;

f. Fl-Anness 1.B (Deskrizzjoni tat-trasferiment) tal-SCCs, id-deskrizzjoni tat-trasferiment hija kif stabbilita fil-Parti B ta’ dan l-appendiċi ta’ dan il-Ftehim;

g. Fl-Anness 2 (Miżuri tekniċi u organizzazzjonali inklużi miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data*) tal-SCCs, il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jiġi żgurat livell xieraq ta’ sigurtà huma dawk stabbiliti fil-Parti C ta’ dan l-appendiċi ta’ dan il-Ftehim;

h. L-informazzjoni meħtieġa għat-Tabelli 1 sa 3 tal-Ewwel Parti tal-Addendum Approvat tar-Renju Unit hija stabbilita f’dan l-appendiċi, il-Parti A, il-Parti B u l-Parti C (kif applikabbli). Għall-finijiet tat-Tabella 4 tal-Ewwel Parti tal-Addendum Approvat tar-Renju Unit, l-Esportatur tad-*Data* jista’ jtemm l-Addendum Approvat tar-Renju Unit meta jinbidel;

i. il-partijiet b’dan jaqblu li l-SCCs għandhom jiġu ssostitwiti awtomatikament bi kwalunkwe klawżola kuntrattwali standard suċċessur jew ta’ sostituzzjoni kif approvata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Addendum Approvat tar-Renju Unit għandu jiġi ssostitwit awtomatikament bi kwalunkwe klawżola suċċessur jew ta’ sostituzzjoni approvata skont il-liġijiet tar-Renju Unit. Kull waħda mill-partijiet għandha twettaq *in bona fide* dawk l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li kwalunkwe klawżola kuntrattwali standard suċċessuri jew ta’ sostituzzjoni u/jew Addendum Approvat tar-Renju Unit suċċessur jew ta’ sostituzzjoni jidħlu fis-seħħ bejn il-partijiet;

j. jekk ikun meħtieġ minn awtorità superviżorja jew mil-liġi, il-partijiet iridu jikkooperaw u jiffirmaw l-SCCs u/jew l-Addendum Approvat tar-Renju Unit separatament; u

k. il-firma ta’ kull parti għal dan il-Ftehim għandha titqies bħala firma tal-SCCs u tal-Addendum Approvat tar-Renju Unit, kif ukoll l-aċċettazzjoni tal-paragrafi 4.2a – 4.2j ta’ hawn fuq.

4.3 Sa fejn permess mil-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, is-Sieħeb jista’ juża d-*Data* ta' Booking.com ulterjorment kif strettament neċessarju għall-konformità tiegħu stess, u għall-finijiet legali u ta’ sigurtà.

4.4 Il-komunikazzjonijiet relatati mal-prenotazzjonijiet, inklużi live chats, posta elettronika u skrins jistgħu jiġu rreġistrati għall-finijiet ta’ monitoraġġ u ta’ taħriġ.

4.5 Booking.com tiggarantixxi li għandha tipproċessa d-*Data* tas-Sewwieqa biss għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim u li d-*Data* tas-Sewwieqa ma tintużax għal skopijiet kummerċjali, promozzjonali jew ta’ kummerċjalizzazzjoni.

4.6 Sabiex jiġu evitati dubji, Booking.com tista’ taqsam ukoll kwalunkwe *Data* Personali miġbura skont dan il-Ftehim fi ħdan il-Booking Holdings Group u mas-Sħab Affiljati tagħha.

## 5. RESPONSABBILTÀ

5.1 Is-Sieħeb f’kull ħin jibqa’ responsabbli u obbligat bis-sħiħ għan-nuqqas ta’ kwalunkwe Persuna Permessa li tikkonforma mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u mat-termini ta’ dan l-appendiċi.

5.2 Xejn f’dan l-appendiċi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com ma għandu jtaffi lis-Sieħeb mir-responsabbiltajiet u mill-obbligazzjonijiet diretti tiegħu stess skont il-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

5.3 Is-Sieħeb jirrikonoxxi li r-rimedji legali jistgħu ma jkunux adegwati biex jipproteġu lil Booking.com kontra kwalunkwe ksur ta' dan l-appendiċi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ta' Booking.com u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt u rimedju ieħor disponibbli għal Booking.com (fil-liġi, fil-kuntratt jew b'xi mod ieħor), is-Sieħeb jaqbel mal-għoti ta' rimedju b'mandat ta' inibizzjoni mingħajr prova tad-danni attwali.

# PARTI B: DESKRIZZJONI TAT-TRASFERIMENT

## 1. KATEGORIJI TA' SUĠĠETTI TAD-*DATA*

Id-*Data* Personali ttrasferita tikkonċerna l-kategoriji li ġejjin ta' Suġġetti tad-*Data*:

- Klijenti
- Sewwieqa
- Is-Sieħeb (meta jkun negozjant uniku)

## 2. L-GĦANIJIET TAT-TRASFERIMENT(I) U L-IPPROĊESSAR ULTERJURI

It-trasferiment isir għall-finijiet li ġejjin:

Is-Sieħeb jipprovdi (jew jiffaċilita permezz tas-Servizzi ta' Aggregatur tal-Pjattaforma) lill-Klijenti ta' Booking.com biex jagħmlu riżervi u jwettqu s-Servizzi ta' Trasport. L-esportatur tad-*data* jaġixxi bħala aġent fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-bejgħ tal-Prenotazzjonijiet tas-Servizzi ta' Trasport ma' diversi sħab, u t-trasferimenti ta' *Data* Personali jsiru bejn il-partijiet għal finijiet li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn:

- it-twettiq ta' kuntratt mal-klijent għas-Servizzi ta' Trasport li jinkludu iżda mhumiex limitati għar-reġistrazzjoni u għall-amministrazzjoni tal-kontijiet, għat-trażmissjoni ta' prenotazzjonijiet mill-Klijenti lis-Sieħeb, lis-Sewwieqa u lill-Flotot Finali (kif applikabbli), għall-assistenza tas-servizz tal-klijenti, għall-amministrazzjoni u/jew għas-sejbien ta' soluzzjoni għal mistoqsijiet, għal ilmenti, għal investigazzjonijiet u għar-rapportar, għall-aġġornamenti ta' kummerċjalizzazzjoni u dwar is-servizz, għall-abilitazzjoni ta' għodod ta' trażmissjoni tal-messaġġi, għall-ġbir tal-analitika għat-titjib tas-servizzi u għar-riċerka, għas-sigurtà, għall-identifikazzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi u għal finijiet legali u ta' konformità.

## 3. KATEGORIJI TA' *DATA* PERSONALI TTRASFERITA

Id-*Data* Personali ttrasferita tikkonċerna l-kategoriji ta' *data* li ġejjin:

Klijenti:

- Isem u kunjom;
- Numru tat-telefown;
- Indirizz tal-posta elettronika (meta applikabbli);
- Post, data u ħin ta' ġbir;
- Post ta' tniżżil;
- Numru ta' referenza tal-prenotazzjoni;
- Rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-passiġġieri;
- *Data* Personali fil-kontenut tal-posta elettronika u tal-messaġġi li tidentifika jew tista' tintuża b'mod raġonevoli biex jiġu identifikati s-suġġetti tad-*data*;
- kwalunkwe *data* oħra li tikkostitwixxi *Data* Personali pprovduta lis-Sieħeb minn Booking.com b'rabta ma' dan il-Ftehim.

Sewwieqa:

- Dettalji ta' kuntatt;
- *Data* tal-vjaġġ (inklużi l-pożizzjonijiet lonġitudinali u latitudinali);
- Ritratt tas-sewwieq;
- Liċenzja tas-sewqan, numru tar-reġistrazzjoni tal-karozza, assigurazzjoni u informazzjoni oħra dwar il-liċenzja (eż. liċenzja tat-taksi, permess ta' dritt tax-xogħol).

Sieħeb (meta negozjant uniku):

- Isem u kunjom;
- Numru tat-telefown;
- Indirizz tal-posta elettronika (meta applikabbli);
- Indirizz tan-negozju.

## 4. RIĊEVITURI

Id-*Data* Personali ttrasferita tista' tiġi ddivulgata biss lir-riċevituri jew lill-kategoriji ta' riċevituri li ġejjin:

- Impjegati, Persuni Permessi, Sewwieqa, Flotot Finali u Partijiet Relatati tal-importatur tad-*data*.

## 5. *DATA* SENSITTIVA TTRASFERITA (JEKK IKUN XIERAQ)

Id-*Data* Personali ttrasferita tikkonċerna l-kategoriji li ġejjin ta' *data* sensittiva:

L-ebda *data* sensittiva jew kategorija speċjali ta' *data* ma hija maħsuba sabiex tiġi ttrasferita, iżda tista' tkun inkluża fil-kontenut jew fl-hemżiet ma' ittri elettroniċi relatati mas-servizz għall-klijenti.

## 6. FREKWENZA TAT-TRASFERIMENT

Id-*data* tiġi ttrasferita fuq bażi kontinwa.

## 7. NATURA TAL-IPPROĊESSAR

Id-*Data* Personali ttrasferita se tkun soġġetta għall-attivitajiet bażiċi ta' pproċessar li ġejjin:

- Ir-riċevuta tad-*data*, li tinkludi l-ġbir, l-aċċess, l-irkupru, ir-reġistrazzjoni, u t-tidħil tad-*data*
- Iż-żamma tad-*data*, inklużi l-ħżin, l-organizzazzjoni u l-istrutturar
- L-użu tad-*data*, inkluż l-analiżi, il-konsultazzjoni, l-ittestjar, it-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet u t-tfassil ta' profili
- L-aġġornament tad-*data*, inklużi l-korrezzjoni, l-adattament, it-tibdil, l-allinjament u l-kombinazzjoni
- Il-protezzjoni tad-*data*, inklużi r-restrizzjoni, il-kriptaġġ u l-ittestjar tas-sigurtà
- Il-kondiviżjoni tad-*data*, inklużi d-divulgazzjoni, it-tixrid, il-permess tal-aċċess jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni
- Ir-ritorn tad-*data* lill-esportatur tad-*data* jew lis-suġġett tad-*data*
- It-tħassir tad-*data*, inklużi l-qerda u t-tħassir

## 8. IL-PERJODU LI MATULU TINŻAMM ID-*DATA* PERSONALI

Id-*Data* Personali ma għandhiex tinħażen għal aktar żmien milli neċessarju għall-fini(jiet) li għalihom ġiet ittrasferita d-*data*, u kif meħtieġ skont il-politiki ta' żamma applikabbli u/jew f'konformità mal-Liġi Applikabbli dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

9. AWTORITÀ SUPERVIŻORJA KOMPETENTI

L-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit

10. PUNTI TA’ KUNTATT GĦAD-DOMANDI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-*DATA*

Esportatur tad-*data*: dataprotectionofficer@rentalcars.com.

## PARTI C: MIŻURI TEKNIĊI U ORGANIZZAZZJONALI

Din il-Parti C (Miżuri Tekniċi u Organizzazzjonali) tiddeskrivi l-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzazzjonali tal-linja bażi li s-Sieħeb għandu, bħala minimu, ikollu fis-seħħ bħala parti mill-operazzjonalizzazzjoni tas-sigurtà tiegħu, sabiex jiżgura li l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-*Data* ta' Booking.com tkun protetta biżżejjed.

B’mod partikolari, is-Sieħeb għandu jkollu miżuri tas-sigurtà li jinkludu salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa għall-protezzjoni tad-*Data* Personali kontra kwalunkwe interferenza li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju f’soċjetà demokratika biex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika, bħal, meta xieraq, il-kriptaġġ, il-psewdonimizzazzjoni u l-anonimizzazzjoni. Dawn il-miżuri ta’ sigurtà tekniċi u organizzazzjonali jridu jippermettu lis-Sieħeb jidentifika l-assi kritiċi tiegħu u jipprevjeni, jidentifika, iwieġeb għal u jirkupra minn kwalunkwe avveniment avvers li jaffettwahom. B’dan il-mod, id-*Data* Personali kollha tiġi mmaniġġjata sistematikament, ir-riskju tas-sigurtà assoċjat għandu jiġi mminimizzat u l-kontinwità tal-operat għandha tinkiseb billi jiġi limitat b’mod proattiv l-impatt ta’ ksur potenzjali tas-sigurtà. B’mod speċifiku, is-Sieħeb irid jikkonforma mal-linji bażi tas-sigurtà stabbiliti fir-Rekwiżiti tas-Sigurtà ta' Booking.com bħala minimu.

# REKWIŻITI TAS-SIGURTÀ TA' BOOKING.COM

Dawn ir-Rekwiżiti tas-Sigurtà ta' Booking.com jiddeskrivu l-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzazzjonali tal-linja bażi li s-Sieħeb se jżomm permezz tas-Sistema ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (ISMS) tiegħu u s-Sieħeb għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jżommu permezz tal-ISMS tagħhom u li s-Sieħeb jopera u jara li l-Partijiet Relatati tiegħu joperaw biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà ta' kwalunkwe *data* (li tinkludi *Data* Personali iżda mhux biss) maħluqa, miġbura, ittrasferita jew ipproċessata bi kwalunkwe mod ieħor u biex jiġu pprovduti servizzi lil Booking.com (u lis-Sħab Affiljati tagħha) b'mod li d-*data* u s-servizzi jkunu protetti biżżejjed f'kull ħin.

Fost affarijiet oħra, is-Sieħeb għandu jkollu u għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jkollhom miżuri tas-sigurtà li jinkludu salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jipproteġu d-*Data* Personali kontra kwalunkwe interferenza li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju f'soċjetà demokratika biex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà nazzjonali, id-difiża u s-sigurtà pubblika, bħal, meta xieraq, il-kriptaġġ, il-psewdonimizzazzjoni u l-anonimizzazzjoni. Dawn il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali ta' sigurtà jridu jippermettu lis-Sieħeb u lill-Partijiet Relatati tiegħu jidentifikaw l-assi kritiċi tagħhom u jipprevjenu, jidentifikaw, jirrispondu għal u jirkupraw minn kwalunkwe avveniment avvers li jisfaw fil-mira tiegħu. B'dan il-mod, id-*Data* ta' Booking.com maħluqa, miġbura, riċevuta jew miksuba b'xi mod ieħor biex tipprovdi s-servizzi lil Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha), għandha tiġi mmaniġġjata b'mod sistematiku, ir-riskju għas-sigurtà assoċjat għandu jiġi mminimizzat u l-kontinwità tal-operat għandha tinkiseb billi jiġi limitat b'mod proattiv l-impatt ta' Ksur tas-Sigurtà potenzjali. B'mod aktar speċifiku, is-Sieħeb irid iżomm, u għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jżommu u s-Sieħeb għandu jkun lest li juri li huwa u l-Partijiet Relatati tiegħu jżommu, il-linji bażi tas-sigurtà li ġejjin bħala minimu:

## 1 IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJU GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ

a. Is-Sieħeb u kull waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jsegwu proċess ta' mmaniġġjar tar-riskju għaċ-ċibersigurtà biex jiddeterminaw, jivvalutaw u jnaqqsu b'mod effettiv ir-riskju għaċ-ċibersigurtà fl-organizzazzjoni u fil-katina tal-provvista tagħhom.

b. Il-proċess ta' mmaniġġjar tar-riskju għaċ-ċibersigurtà tas-Sieħeb u ta' kull waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu huwa infurmat sew mir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà diġà applikabbli (u li dalwaqt se jkunu applikabbli) mil-liġijiet u mir-regolamenti kif ukoll minn ftehimiet li s-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu huma parti minnhom.

## 2 ORGANIZZAZZJONI U GOVERNANZA TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ U POLITIKA U STANDARDS TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ

Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom, permezz ta' taħlita ta' i) politiki, standards u proċessi; ii) l-assenjazzjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet lil individwi u lil timijiet; u iii) l-użu ta' għodod, ta' tekniki u ta' metodi għaċ-ċibersigurtà/tas-sigurtà tal-informazzjoni, programm taċ-ċibersigurtà bbażat fuq il-Qafas taċ-Ċibersigurtà tal-NIST, l-istandards ISO2700x jew standards simili tal-industrija.

## 3 VERIFIKA U KONFORMITÀ TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ

Is-Sieħeb jivverifika l-kompletezza u l-effettività operattiva tas-Sistema ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu tal-anqas darba fis-sena b'mod ibbażat fuq ir-riskju, b'segwitu mis-Sieħeb meta tali awditi jidentifikaw nuqqasijiet fiċ-ċibersigurtà u fis-sigurtà tal-informazzjoni.

Meta s-Sieħeb u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jkollhom għalihom infushom jew għal kontroparti waħda jew aktar tagħhom rapport ta' aċċertamenet indipendenti (pereżempju fil-forma ta' rapporti tal-SOCx tat-tip II, ċertifikati tal-ISO jew ekwivalenti) rilevanti għaċ-ċibersigurtà tagħhom u għad-dipendenza ta' Booking.com fuq is-Sieħeb u/jew fuq il-Partijiet Relatati tiegħu, is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com fuq talba raġonevoli tagħha b'kopja ta' tali rapporti ta' aċċertament indipendenti.

## 4 PROGRAMM GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAT-THEDDID U GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-VULNERABBILTAJIET

a. Il-politiki, l-istandards u l-proċessi taċ-ċibersigurtà/tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu jinkludu prattika ta' mmaniġġjar tat-theddid u tal-vulnerabbiltajiet li l-effettività operattiva tagħha tiġi rrieżaminata mis-Sieħeb u mill-Partijiet Relatati tiegħu tal-anqas darba fis-sena.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jwettqu testijiet tal-penetrazzjoni tal-anqas darba fis-sena biex jivverifikaw li l-infrastruttura, il-prodotti u s-servizzi tiegħu fl-ambitu tal-involviment tiegħu ma' Booking.com ikunu b'saħħithom biżżejjed f'termini ta' sigurtà.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu joperaw sistemi u metodi ta' detezzjoni u ta' ta' prevenzjoni ta' theddid ċibernetiku li jippermettu, fost affarijiet oħra, li jivverifikaw u jaċċertaw jekk id-*data* ta' Booking.com fil-kustodja tas-Sieħeb jew ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu, setgħetx ġiet aċċessata, tbiddlet jew tneħħiet mis-sistemi ta' pproċessar tad-*data* tas-Sieħeb jew tal-Partijiet Relatati tiegħu.

d. Il-prattika ta' mmaniġġjar tal-vulnerabbiltajiet tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu tinkludi proċess ta' skennjar u ta' rimedju li jkopri b'mod prijoritizzat skont ir-riskju r-riżorsi tas-sistema taħt ir-responsabbiltà tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu.

e. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jikkomplementaw il-proċessi ta' mmaniġġjar tat-theddid u tal-vulnerabbiltajiet tagħhom bi ttestjar tas-sigurtà (awtomatizzat u manwali) rikorrenti ta' sistemi u ta' servizzi speċifiċi u ta' riskju ogħla taħt ir-responsabbiltà tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu. Meta s-Sieħeb jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jkunu jiddependu fuq kodiċi tas-sors li jiżviluppaw u jżommu għalihom infushom jew għal Booking.com (jew għal kwalunkwe Sieħeb Affiljat), l-ittestjar tas-sigurtà jinkludi dan il-kodiċi tas-sors biex jiġi mmitigat ir-riskju minn prattiki ta' kodifikazzjoni mhux siguri kif ukoll minn injezzjoni ta' kodiċi mhux awtorizzata jew malizzjuża.

f. Il-vulnerabbiltajiet u kwistjonijiet oħra ta' sigurtà li s-Sieħeb u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jistgħu jidentifikaw bħala riżultat tal-proċessi ta' mmaniġġjar tat-theddid u tal-vulnerabbiltajiet tiegħu u tal-ittestjar tas-sigurtà tiegħu jiġu rrimedjati effettivament b'mod dokumentat u f'perjodi ta' żmien proporzjonati mar-riskju għas-Sieħeb u għall-Partijiet Relatati tiegħu u l-klijenti tagħhom inkluża Booking.com (u s-Sħab Affiljati tagħha).

## 5 OPERAZZJONIJIET TA' SIGURTÀ U RISPONS GĦALL-INĊIDENTI

a. Il-politiki, l-istandards u l-proċessi taċ-ċibersigurtà/tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu jinkludu l-monitoraġġ tal-avvenimenti taċ-ċibersigurtà u l-prattiki ta' rispons għall-inċidenti li l-effettività operattiva tagħhom tiġi rrieżaminata mis-Sieħeb u mill-Partijiet Relatati tiegħu tal-anqas kull sena.

b. Meta s-Sieħeb jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jidentifikaw, jew inkella jsiru konxji ta' inċident ċibernetiku li jkun rilevanti għal Booking.com:

i Is-Sieħeb għandu jinforma lid-dipartiment tas-sigurtà ta' Booking.com fi żmien 48 siegħa minn meta s-Sieħeb jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jsiru konxji tal-inċident;

ii Is-Sieħeb għandu jipprovdi lil Booking.com b'aġġornamenti ta' kuljum dwar l-istatus tar-rispons tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu għall-inċident u jiżgura li s-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jkunu disponibbli għal kwalunkwe mistoqsija relatata li jista' jkollu d-dipartiment tas-sigurtà ta' Booking.com;

iii Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jiġbru u jżommu b'mod komprensiv kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar l-inċidenti li jsiru konxji tagħhom u jwieġbu għalihom, li jinkludu iżda mhux biss i) rekords/rapporti tal-investigazzjonijiet; ii) informazzjoni dwar it-tattiki, it-tekniki u l-proċeduri (TTPs) involuti; iii) l-Indikaturi ta' Kompromess misjuba; u iv) informazzjoni dwar azzjonijiet ta' rispons/rimedju u l-passi biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin.

## 6 RESTAWR TAS-SERVIZZ U REŻILJENZA TAN-NEGOZJU

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandu jkollhom pjanijiet infurmati bir-riskju għal i) rispons għal inċidenti ċibernetiċi; ii) kontinwità tal-operat; u iii) irkupru minn diżastri tal-IT, biex jindirizzaw b'mod proattiv inċidenti kbar li jistgħu jaffettwaw l-organizzazzjoni u l-katina tal-provvista tagħhom.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iżommu dawn il-pjanijiet b'mod li jkunu prattikabbli permezz tal-allokazzjoni tal-persunal, tal-faċilitajiet u tal-komunikazzjoni meħtieġa b'mod raġonevoli biex jippermettu r-rispons, il-kontinwità u l-irkupru neċessarji.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iżommu dawn il-pjanijiet ukoll b'mod li l-partijiet ikkonċernati affettwati internament u esternament, inkluża Booking.com, jinżammu informati dwar l-iżviluppi kontinwi tar-rispons, tal-kontinwità u tal-irkupru, u li l-impatt finanzjarju, operazzjonali u fuq ir-

reputazzjoni għal Booking.com u fuq is-Sħab Affiljati tagħha jiġi mminimizzat.

d. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jappoġġaw iż-żamma tal-pjanijiet ta' rispons, ta' kontinwità u ta' rkupru tagħhom u l-prontezza ta' eżekuzzjoni tagħhom billi jassenjaw rwoli u responsabbiltajiet relatati fl-organizzazzjoni tagħhom.

## 7 PROTEZZJONI TAL-PROĊESSI TAN-NEGOZJU

Meta s-Sieħeb u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jkunu dipendenti fuq persunal jew fuq partijiet esterni għall-ipproċessar tad-*data* għal Booking.com u/jew fuq kwalunkwe wieħed mis-Sħab Affiljati tagħha, is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom ifasslu u jżommu miżuri biex jipprevjenu b'mod speċifiku li l-persunal jew il-partijiet esterni jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet frawdolenti billi jużaw il-proċessi u s-sistemi (bħall-pjattaformi online) li s-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jżommu.

## 8 PROTEZZJONI TAL-UTENTI FINALI

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu, meta applikabbli, jinkludu l-iskrinjar tal-persunal eżistenti/ġdid fil-proċessi tar-riżorsi umani tagħhom.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jżommu l-politiki (inkluż Kodiċi ta' Kondotta), l-istandards u l-proċessi rilevanti tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà sabiex l-azzjonijiet relatati minn persuni individwali li jiksru dawn il-politiki, l-istandards u l-proċessi jkunu jistgħu jiġu evitati, identifikati, irrapportati, investigati u indirizzati b'mod ieħor.

c. Il-kontrolli mistennija tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu (bħal soluzzjonijiet ta' prevenzjoni ta' żvelar ta' *data*, pereżempju) li jappoġġaw il-konformità individwali mal-politiki, mal-istandards u mal-proċessi rilevanti taċ-ċibersigurtà jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli u jiġu ttestjati għall-effettività tagħhom fuq bażi rikorrenti.

## 9 IMMANIĠĠJAR TAL-IDENTITÀ U TAL-AĊĊESS

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iżommu il-proċessi tal-HR u tal-IT b'mod integrat sabiex il-persunal individwali impjegat jew kuntrattat b'mod ieħor mis-Sieħeb jew minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu, jew għalihom, jingħata biss aċċess fiżiku u loġiku għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni għad-durata u għall-finijiet tal-ħidma attwali tagħhom għas-Sieħeb jew għall-Partijiet Relatati tiegħu.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom ifasslu u joperaw ir-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tagħhom sabiex ikunu soġġetti għal i) awtentikazzjoni; ii) awtorizzazzjoni; u iii) kontabilità sistematiċi.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jużaw metodi u għodod standardizzati għall-ħolqien, għall-assenjazzjoni, għall-approvazzjoni, għad-diżattivazzjoni, għat-tneħħija u għar-reviżjoni (inkluża ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid) tal-identitajiet (jew "kontijiet") tal-utenti maħsuba għall-aċċess għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tagħhom. Il-metodi u l-għodod jindirizzaw: i) kemm l-aċċess regolari kif ukoll dak privileġġat għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni; ii) kemm il-kontijiet tal-utent kif ukoll dawk tas-servizz; iii) il-kontijiet u l-kombinazzjoni tagħhom ta' passwords u ta' fatturi oħra ta' awtentikazzjoni.

d. Meta jagħtu dawn il-privileġġi tas-sistema tal-kontijiet, is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom isegwu l-prinċipji tal-inqas privileġġ u tal-ħtieġa ta' tagħrif biex jiżguraw li individwi bi ħtieġa kummerċjali valida u approvata biss ikunu jistgħu jaċċessaw (jew ikollhom kontroll fuq) riżorsi speċifiċi ta' sistemi u ta' informazzjoni u li l-aċċess tagħhom fi ħdan (jew kontroll fuq) dawn ir-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni jkunu limitati għal dak li jeħtieġu fid-dawl tar-responsabbiltajiet tar-rwol/tal-kariga tagħhom.

e. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandu jkollhom miżuri tekniċi biex jipprevjenu u jidentifikaw aċċess mhux awtorizzat għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tagħhom, inklużi, pereżempju, ir-reġistrazzjoni sistematika ta' avvenimenti ewlenin fis-sistemi ta' pproċessar tad-*data* tagħhom, ir-regoli dwar il-kompożizzjoni u l-protezzjoni tal-passwords, limitazzjonijiet tas-sessjonijiet u miżuri biex jiġu żgurati interfaċċi aċċessibbli lil hinn mill-perimetru tan-network tagħhom.

f. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jagħtu kontijiet u aċċess għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tagħhom lil kumpaniji terzi u lill-persunal tagħhom biss wara li s-Sieħeb jew il-Parti Relatata tiegħu jkunu kkonfermaw li dan l-aċċess possibbli huwa rregolat bi ftehim bejn is-Sieħeb (u/jew il-Parti Relatata tiegħu, kif applikabbli) u l-kumpanija terza li jinkludi arranġamenti ta' sigurtà adegwati.

## 10 SIGURTÀ TAL-APPLIKAZZJONIJIET U TAS-SERVIZZI

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom japplikaw prinċipji ta' sigurtà fid-disinn, fil-varar u fl-immaniġġjar tas-settings tal-konfigurazzjoni tas-sigurtà tal-linja bażi għas-sistemi tal-kompjuter tagħhom (bħal kompjuters desktop/laptop u servers u riżorsi bbażati fuq il-cloud).

b. Is-sistemi tal-kompjuter u l-applikazzjonijiet tas-software tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu għandhom isegwu proċessi definiti minn qabel taċ-ċiklu tal-ħajja tal-immaniġġjar u tal-iżvilupp tas-sistemi (CMDB/SDLC) sabiex il-pożizzjoni mistennija taċ-ċibersigurtà/tas-sigurtà tal-informazzjoni tiġi indirizzata: i) mill-evalwazzjoni u mill-akkwiżizzjoni sal-irtirar tas-sistema u ii) sad-definizzjoni tar-rekwiżiti, id-disinn, l-implimentazzjoni, l-ittestjar u r-rilaxx.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom isegwu proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni u tal-bidliet meta jsiru aġġornamenti u bidliet tas-sistema fis-settings, fil-kodiċi u f'karatteristiċi oħra tas-sistemi tal-kompjuter tagħhom.

d. Meta l-proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni u tal-bidliet u r-rieżamijiet, it-testijiet u l-awditi relatati jidentifikaw eċċezzjonijiet u nuqqasijiet oħra fis-sigurtà, is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jindirizzawhom b'mod dokumentat li jkun fih u jnaqqas ir-riskju ċibernetiku minn dawn in-nuqqasijiet.

e. Għall-persunal li jeħtieġ aċċess għas-sistemi tal-kompjuter, għall-applikazzjonijiet tas-software u għal riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni oħra neċessarji skont dan il-Ftehim, is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jiżguraw li jkunu lestew taħriġ dwar is-sigurtà hekk kif is-Sieħeb u Booking.com jistgħu jeħtieġu.

## 11 PROTEZZJONI TAD-*DATA*

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandu jkollhom miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jipproteġu r-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni mit-telf (ta' kunfidenzjalità, ta' integrità u ta' disponibbiltà), fost affarijiet oħra permezz ta':

i Backups ta' kuljum tar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni;

ii Taħlita ta' backups sħaħ u inkrementali (jew ekwivalenti) organizzati fi skedi ta' backups li jitħaddmu bl-użu ta' software affidabbli għall-immaniġġjar tal-backups;

iii Testijiet perjodiċi biex jiġi vverifikat li r-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni, b'mod partikolari meta dawn ikunu kritiċi għas-Sieħeb jew għall-Partijiet Relatati tiegħu jew għal Booking.com jew għal kwalunkwe Sieħeb Affiljat, jistgħu jiġu rrestawrati b'mod effettiv mill-media u mid-*data* tal-backups;

iv Arranġamenti biex: i) tiġi żgurata ħażna ridondanti ta' media ta' backups; ii) tiġi evitata (permezz ta' rotazzjoni, pereżempju) l-akkumulazzjoni bla bżonn ta' media u ta' *data* ta' backup; u iii) jiġi indirizzat ir-rimi sikur ta' media/fajls ta' backup meta dawn ma jibqgħux operazzjonalment meħtieġa;

v Ir-rimi tad-*data* – inkluż minn ambjenti ta' produzzjoni/ittestjar – li huwa organizzat f'konformità mal-politika u mal-iskeda/i ta' mmaniġġjar tal-informazzjoni/tar-rekords tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu u mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli;

vi Prattika ta' klassifikazzjoni tad-*data* f'konformità mal-importanza tagħha għas-Sieħeb, għall-Partijiet Relatati tiegħu u għall-klijenti tagħhom;

vii Kontrolli tal-prevenzjoni tat-telf tad-*data* implimentati biex jiġi evitat żvelar aċċidentali u malizzjuża ta' *data* sensittiva;

viii Arranġamenti għall-kriptaġġ, f'konformità mal-politiki u mal-istandards tas-Sistemi ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu, *data* suffiċjenti wieqfa u fi tranżitu, b'miżuri biex jiġu ssalvagwardjati b'mod effettiv il-kjavi, is-sigrieti, iċ-ċertifikati, il-kontijiet u l-permessi tas-sistema relatati.

## 12 SIGURTÀ TAL-PUNTI TA' TMIEM

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jużaw software u servizzi kontra l-malware biex jipproteġu r-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni u l-persunal tagħhom mill-malware.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jorganizzaw il-proċessi ta' mmaniġġjar tal-konfigurazzjoni u tal-bidliet tagħhom sabiex is-settings tal-konfigurazzjoni tal-linja bażi u

settings oħra tal-konfigurazzjoni tas-sigurtà jinbidlu biss minn persunal awtorizzat/kwalifikat kif xieraq tas-Sieħeb u ta' fornitur terz ta' servizzi - il-fatt li ċerti bidliet fis-sistema (li jinkludu bidliet fil-konfigurazzjoni tas-sigurtà iżda mhux biss) jistgħu jirrikjedu aċċess privileġġat għas-sistemi ma jippermettix lis-Sieħeb jew lill-Partijiet Relatati tiegħu jagħtu lil tali persunal aċċess "amministrattiv sħiħ" b'mod awtomatiku.

c. Meta s-Sieħeb jew kwalunkwe membru tal-persunal tal-Partijiet Relatati tiegħu jkun mgħammar b'apparat tal-computing personali li jippermetti l-ħżin lokali tad-*data*, li tinkludi *Data* ta' Booking.com iżda mhux biss, tali apparat għandu jiġi kkonfigurat biex jikkripta d-*data* maħżuna lokalment hemmhekk.

## 13 SIGURTÀ TAN-NETWORKS U TAL-KONFINI

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jipproteġu l-integrità tan-network tal-kompjuters tagħhom (inkluż meta dan jestendi għal riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni bbażati fuq il-cloud) b'taħlita ta' konfigurazzjoni tan-network, kontroll tal-apparati/tas-sistemi u tal-aċċess għas-servizzi, ir-reġistrazzjoni ta' avvenimenti ewlenin tas-sistemi/tal-utenti u l-monitoraġġ tas-sigurtà biex jiġu identifikati avvenimenti potenzjalment negattivi għaċ-ċibersigurtà.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandu jkollhom arranġamenti biex: i) jipproteġu r-reġistri mit-tbagħbis u ii) jippermettu l-konsolidazzjoni u l-korrelazzjoni tal-avvenimenti fir-reġistri tan-network/tas-sistema/tas-sigurtà/tal-applikazzjoni għal monitoraġġ effettiv taċ-ċibersigurtà u rispons effettiv għall-inċidenti.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jorganizzaw l-iskennjar tal-vulnerabbiltajiet tagħhom f'intervalli regolari inkluż biex jiżguraw li l-apparati fi ħdan in-network tal-kompjuters tagħhom (inkluż meta dan jestendi għal riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni bbażati fuq il-cloud) ikollhom verżjonijiet tasoftware / tal-firmware aġġornati u jkunu ġew korretti bl-aġġornamenti tas-sigurtà/tas-software disponibbli.

## 14 SIGURTÀ TAL-FAĊILITAJIET

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iżommu listi aġġornati tar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tagħhom, inklużi iżda mhux limitati għal apparati tan-networks, għal servers, għal apparati tal-computing għall-utenti finali, għal applikazzjonijiet tas-sistemi, għal interfaċċi interni/esterni u għal riżorsi tas-sistemi bbażati fuq il-cloud.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jużaw klassifikazzjoni dokumentata sabiex kull riżorsa tiġi identifikata mingħajr ambigwità, immaniġġjata u protetta b'modi oħra f'konformità mal-kritikalità tagħha għas-Sieħeb jew għas-Sieħeb Relatat tiegħu.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandu jkollhom arranġamenti ta' protezzjoni fiżika u ambjentali dokumentati biex jipprevjenu aċċess mhux awtorizzat jew ħsara fiżika fil-faċilitajiet tagħhom inklużi r-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni li jinsabu fihom.

d. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jirrestrinġu kif xieraq l-aċċess fiżiku għall-faċilitajiet tagħhom b'mod partikolari iżda mhux limitat għall-postijiet speċifiċi fejn jinżammu t-tagħmir tan-network, is-server u l-installazzjonijiet għall-ħżin tad-*data* elettronika, is-sistemi ċentrali ta' mmaniġġjar tal-IT u l-postijiet ta' ħżin tad-*data* fuq media/stampata.

e. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jagħtu struzzjonijiet lill-persunal tagħhom dwar l-użu responsabbli tal-apparati tal-ħżin portabbli.

## 15 IMMANIĠĠJAR TAL-ASSI

a. Hemm fis-seħħ katalogu komprensiv ta' apparati fiżiċi, ta' pjattaformi tas-software, ta' applikazzjonijiet u ta' sistemi esterni.

b. Hemm klassifikazzjoni komprensiva tar-riżorsi bbażata fuq il-kritikalità u fuq il-valur għan-negozju.

c. L-immaniġġjar tal-assi iseħħ permezz tat-tneħħija, it-trasferiment u d-disponiment ikkontrollati tal-assi.

d. Iż-żamma tal-assi titwettaq b'għodod approvati u qed tiġi rreġistrata.

e. Il-manutenzjoni mill-bogħod approvata tal-assi titwettaq b'mod li jipprevjeni aċċess mhux awtorizzat u qed tiġi rreġistrata.

## 16 IMMANIĠĠJAR TAL-BIDLIET U TAL-KONFIGURAZZJONI

Il-proċessi tal-immaniġġjar tal-konfigurazzjoni u tal-bidliet ikunu stabbiliti, dokumentati u rieżaminati perjodikament. Il-bidliet fis-sistemi tal-informazzjoni jsiru f'konformità ma' dawn il-proċessi.

## 17 IMMANIĠĠJAR TAL-ARKITETTURA TAS-SIGURTÀ TAL-INTRAPRIŻA

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu jirrieżaminaw u jżommu l-arkitettura tas-sigurtà tagħhom mal-organizzazzjoni kollha sabiex il-politiki, l-istandards, il-proċessi u l-għodod għaċ-ċibersigurtà jkomplu jevolvu fl-effettività u fl-effiċjenza tagħhom f'konformità mal-prattiki tajba taċ-ċibersigurtà, mal-mudell tan-negozju tas-Sieħeb jew tal-Parti Relatata tiegħu, mad-dipendenza tiegħu fuq is-sistema u fuq ir-riżorsi tal-informazzjoni, mal-obbligi tiegħu minn liġijiet u minn regolamenti applikabbli u mar-responsabbiltajiet tiegħu vis-à-vis partijiet terzi inkluża Booking.com.

b. Ir-rieżamijiet u l-aġġornamenti rikorrenti mis-Sieħeb u mill-Partijiet Relatati tiegħu tal-arkitettura tas-sigurtà tagħhom għandhom ikunu informati mir-rieżamijiet, mill-ittestjar, mill-awditi u minn żviluppi rilevanti oħra (inklużi inċidenti notevoli) kif osservati fil-proċessi kollha tas-Sistemi ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu.

## 18 IMMANIĠĠJAR TAL-KONTROLLI TAS-SIGURTÀ U MMANIĠĠJAR TAL-PRESTAZZJONI TAL-KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jinkludu fis-Sistemi ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħhom kontrolli tas-sigurtà li l-istabbiliment u l-effettività operattiva tagħhom jiġu ttestjati u rrieżaminati fuq bażi perjodika.

b. Barra minn hekk, il-politiki, l-istandards, il-proċessi u t-taħriġ u l-komunikazzjonijiet relatati tas-Sieħeb u tal-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jagħtu struzzjonijiet lill-persunal biex iżomm lura minn azzjonijiet bħal:

i Il-kondiviżjoni ta' passwords (u mezzi oħra ta' awtentikazzjoni) li, minflok, għandhom jinżammu sigrieti biex jiġu protetti kontijiet individwali;

ii L-installazzjoni mhux awtorizzata ta' software;

iii L-użu ta' software li jkun inkompatibbli ma' kwalunkwe ftehim għall-ħruġ ta' liċenzji u kodiċi ta' kondotta;

iv It-trażmissjoni jew il-kondiviżjoni b'xi mod ieħor ta' *data* (li tinkludi d-*Data* ta' Booking.com) ma' partijiet interni jew esterni mhux awtorizzati;

v L-użu ta' software ta' messaġġi istantanji mhux awtorizzat biex tiġi trażmessa informazzjoni tas-Sieħeb jew ta' Booking.com;

vi Tentattivi biex jinkiseb aċċess mhux awtorizzat għar-riżorsi ta' sistemi u ta' informazzjoni tas-Sieħeb tal-Parti Relatata tiegħu (kif ukoll għad-*Data* ta' Booking.com);

vii L-introduzzjoni konxja ta' malware jew ta' software ieħor possibbilment mhux mixtieq (eż. cryptominers, ransomware, adware, anonimizzaturi, trojans għall-aċċess mill-bogħod) f'networks proprjetarji (bħan-networks tal-kumpanija tas-Sieħeb u/jew tal-Partijiet Relatati tiegħu u/jew ta' Booking.com u/jew ta' kwalunkwe Sieħeb Affiljat) u fuq apparati tal-kompjuter tas-Sieħeb u/jew tal-Partijiet Relatati tiegħu;

viii It-twettiq ta' tentattivi ta' hacking u ta' testijiet tas-sigurtà oħra (eż. skennjar tal-portijiet, skennjar tal-vulnerabbiltajiet, movimenti laterali, attakki ta' tiċħid tas-servizz jew kwalunkwe ttestjar ieħor tal-miżuri tas-sigurtà tas-Sieħeb jew tal-Partijiet Relatati tiegħu (u ta' Booking.com)) sakemm dawn ma jkunux awtorizzati kif xieraq mis-Sieħeb jew mill-Parti Relatata tiegħu u permezz ta' persunal kwalifikat assenjat speċifikament biex iwettaq tali attivitajiet b'mod prudenti u etiku;

ix Id-diżattivazzjoni jew l-evitar ta' kontrolli u ta' karatteristiċi ta' sigurtà fuq networks, fuq sistemi, fuq servizzi, fuq applikazzjonijiet tal-linji tan-negozju u fuq soluzzjonijiet ta' kollaborazzjoni online li jintużaw mis-Sieħeb jew mill-Partijiet Relatati tiegħu (jew minn Booking.com jew minn kwalunkwe Sieħeb Affiljat).

## 19 IMMANIĠĠJAR TAR-RISKJI MINN PARTI TERZA

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jinkludu fis-Sistemi ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħhom enfasi suffiċjenti fuq ir-riskji ċibernetiċi mid-dipendenzi tiegħu fuq partijiet terzi bħall-bejjiegħa u l-fornituri ta' servizzi (inklużi s-servizzi tas-sigurtà).

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iwettqu attivitajiet rikorrenti ta' valutazzjoni/immaniġġjar tar-riskji u ta' governanza biex jidentifikaw u jipprevjenu l-impatt possibbli minn dipendenzi kritiċi fuq tali partijiet terzi, inkluż meta l-partijiet terzi jkunu kritiċi għas-Servizzi tas-Sieħeb lil Booking.com jew lil kwalunkwe Sieħeb Affiljat.

c. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jikkomplementaw dawn l-attivitajiet ta' valutazzjoni/immaniġġjar tar-riskji u ta' governanza b'diliġenza dovuta rikorrenti u bl-użu ta' ftehimiet effettivi vis-à-vis il-partijiet terzi.

## 20 Ammont ta' Persunal tas-Sigurtà

a. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom jiżguraw li jżommu numru suffiċjenti ta' riżorsi taċ-ċibersigurtà/tas-sigurtà tal-informazzjoni b'ħiliet għall-kontinwità u għall-effettività tas-Sistemi ta' Mmaniġġjar tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tagħhom.

b. Is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu għandhom iwettqu attivitajiet ta' taħriġ u ta' komunikazzjoni kull sena fl-organizzazzjoni tiegħu (meta applikabbli) biex iżommu s-sigurtà u s-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*Data* Personali tal-Partijiet Relatati u tal-persunal tiegħu.

# REKWIŻITI TA' KONFORMITÀ TA' BOOKING.COM

## 1. ĠENERALI

1.1 Is-Sieħeb għandu jikkonforma u għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu jikkonformaw mal-istandards u mal-prinċipji fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Fornituri ta' Booking.com, li jistgħu jinkludu t-tweġib ta' kwestjonarju dwar id-diliġenza dovuta, il-parteċipazzjoni f'taħriġ fuq talba raġonevoli ta' Booking.com jew inkella konferma espliċita tal-aderenza mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Fornituri.

1.2 Is-Sieħeb għandu jinnotifika minnufih lil Booking.com fil-każ ta' ksur attwali jew suspettat (kemm jekk mis-Sieħeb kif ukoll minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu) ta' dawn ir-Rekwiżiti ta' Konformità ta' Booking.com.

## 2. KONFORMITÀ KONTRA T-TIXĦIM U KONTRA L-KORRUZZJONI

2.1 Is-Sieħeb għandu jiżgura li t-twettiq skont dan il-Ftehim mis-Sieħeb u mill-Partijiet Relatati tiegħu jikkonforma bis-sħiħ mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli kollha kontra l-korruzzjoni inklużi mingħajr limitazzjoni l-Foreign Corrupt Practices Act 1977 ("**FCPA**") tal-Istati Uniti, l-Bribery Act 2010 tar-Renju Unit u l-liġijiet ta' kwalunkwe territorju ieħor b'ġurisdizzjoni fuq il-partijiet jew fuq kwalunkwe Parti Relatata. Għaldaqstant, is-Sieħeb jaqbel li:

a. fit-twettiq tal-attivitajiet b'rabta ma' dan il-Ftehim, la s-Sieħeb, u lanqas kwalunkwe aġent, affiljat, membru tal-familja jew qarib, jew persuna oħra li taġixxi f'ismu jew f'isem kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu ma joffru, jippromettu, jagħtu, jaċċettaw, jew jawtorizzaw l-għoti ta' kwalunkwe oġġett ta' valur, jew joffru, jwiegħdu, jagħmlu, jew jawtorizzaw li jsir kwalunkwe ħlas, tixħim, ribass, gwadann, ħlas ta' influwenza, ħlas ta' faċilitazzjoni, kickback, jew ħlas illegali ieħor, lil jew minn kwalunkwe uffiċjal tal-gvern, partit politiku, jew kandidat għal kariga pubblika biex jiggwadanja kwalunkwe vantaġġ inġust, jew jinfluwenza kwalunkwe att jew deċiżjoni ta' uffiċjal tal-gvern għal jew f'isem il-kumpanija; u

b. soġġett għal-Liġi Applikabbli, is-Sieħeb għandu jżomm rekord tal-awditjar komplut u jżomm rekords u dokumentazzjoni ta' sostenn tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji kollha relatati ma' dan il-Ftehim għall-perjodu tat-Terminu u għal mhux anqas minn seba' (7) snin wara t-terminazzjoni jew l-iskadenza ta' dan il-Ftehim.

## 3. OBBLIGI TAT-TAXXA U KONFORMITÀ MAL-LIĠIJIET LI JIPPROJBIXXU L-EVAŻJONI TAT-TAXXA JEW IL-FRODI TAT-TAXXA

3.1 B'rabta mal-eżekuzzjoni u mar-remunerazzjoni tagħha skont il-Ftehim, kull parti (inklużi l-impjegati, id-diretturi, l-uffiċjali, l-aġenti u rappreżentanti oħra rispettivi tagħhom u, fir-rigward tas-Sieħeb, il-Partijiet Relatati tiegħu) għandha tħallas bis-sħiħ it-taxxi kollha li huma legalment dovuti minnha fi kwalunkwe ġurisdizzjoni li fiha topera, u ma għandhiex (u, fir-rigward tas-Sieħeb, is-Sieħeb għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu ma għandhomx):

a. twettaq (jew tiffaċilita, tgħin, tassisti, tagħti pariri dwar jew tara t-twettiq ta') kwalunkwe reat ta' qerq fir-rigward tad-dħul pubbliku jew tkun involuta b'mod konxju f'evażjoni frawdolenti ta' kwalunkwe taxxa, jew tieħu passi bil-ħsieb li tagħmel hekk, jew

b. tikser b'mod ieħor jew tieħu kwalunkwe azzjoni li tista' tqiegħed lill-parti l-oħra fi ksur tal-liġijiet applikabbli li jipprojbixxu l-frodi tat-taxxa kriminali, l-evażjoni tat-taxxa u l-faċilitazzjoni ta' dawn.

## 4. KONFORMITÀ MAS-SANZJONIJIET KUMMERĊJALI U EKONOMIĊI

4.1 Kull parti tiddikjara u tiggarantixxi li, għat-Terminu tal-Ftehim, hija (u, meta d-dikjarazzjoni u l-garanzija jingħataw mis-Sieħeb, li kull waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu) mhijiex, u mhijiex konnessa b'xi mod ma', parti minn, involuta fi jew relatata ma', jew taħt il-kontroll, l-immaniġġjar jew is-sjieda ta' persuna li hija:

a. terrorist jew organizzazzjoni terroristika;

b. elenkata fi kwalunkwe lista applikabbli ta' partijiet/persuni sanzjonati (inkluż mingħajr limitazzjoni l-listi ta' partijiet ristretti maħruġa min-NU, mill-Istati Uniti, mill-UE, min-NL u mir-Renju Unit),

c. proprjetà ta', ikkontrollata minn, jew taġixxi taħt id-direzzjoni ta', kwalunkwe persuna jew persuni elenkati f'tali lista, jew

d. normalment residenti fi jew organizzata skont il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni soġġetta għal sanzjonijiet komprensivi jew sanzjonijiet oħrajn fit-territorju kollu imposti min-NU, mill-Istati Uniti, mill-UE, min-NL jew mir-Renju Unit.

4.2 L-ebda parti (u s-Sieħeb għandu jara li l-ebda waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu) ma għandha tesporta, tirriesporta, tibgħat, tbigħ, tforni, twassal, jew b'xi mod ieħor tittrasferixxi kwalunkwe prodott, tagħmir, teknoloġija, jew software, lejn, minn, jew permezz ta' kwalunkwe pajjiż jew persuna - kemm direttament kif ukoll indirettament - bi ksur tal-liġi applikabbli.

4.3 L-ebda parti ma għandha tieħu (u s-Sieħeb għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu ma għandhomx jieħdu) kwalunkwe azzjoni li tikser, jew tqiegħed lill-parti l-oħra fi ksur tas-sanzjonijiet applikabbli (inkluż mingħajr limitazzjoni dawk imposti min-NU, mill-Istati Uniti, mill-UE, min-NL u/jew mir-Renju Unit u minn kwalunkwe territorju ieħor b'ġurisdizzjoni fuq il-partijiet).

4.4 Fuq talba ta' Booking.com fi kwalunkwe ħin matul it-Terminu, is-Sieħeb għandu u għandu jara li l-Partijiet Relatati tiegħu (fil-perjodu ta' żmien meħtieġ minn Booking.com) jimlew bis-sħiħ u jipprovdu lil Booking.com jew lil kwalunkwe konsulent ta' Booking.com (kif innominat minn Booking.com) kwalunkwe kwestjonarju dwar l-iskrinjar jew l-iskrinjar mill-ġdid u/jew dokumenti jew rekords assoċjati kif meħtieġ minn Booking.com għall-finijiet tal-politika tagħha dwar l-iskrinjar tas-sanzjonijiet.

## 5. SKJAVITÙ MODERNA, TRAFFIKAR TAL-BNEDMIN U DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

5.1 Kull parti tiddikjara u tiggarantixxi li, għat-Terminu tal-Ftehim, hija (u, meta d-dikjarazzjoni u l-garanzija jingħataw mis-Sieħeb, li kull waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu) tikkonforma mal-liġijiet applikabbli kollha dwar id-drittijiet tal-impjieg, id-drittijiet tal-bniedem, in-nondiskriminazzjoni u l-iskjavitù moderna, inkluż il-Modern Slavery Act 2015 tar-Renju Unit u l- Uyghur Forced Labor Prevention Act of 2021 tal-Istati Uniti, u b'mod partikolari ma żżomm l-ebda persuna fi skjavitù jew f'servitù, jew torganizza jew tiffaċilita l-ivvjaġġar jew is-soġġorn ta' persuna oħra bil-ħsieb li dik il-persuna tiġi sfruttata.

## 6. KONFORMITÀ MAL-LIĠIJIET DWAR IL-ĠLIEDA KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS U KONTRA L-FINANZJAMENT TAT-TERRORIŻMU

6.1 Is-Sieħeb jiddikjara u jiggarantixxi li, għat-Terminu tal-Ftehim, (i) l-ebda fond (jew parti minnhom) li huwa u/jew kwalunkwe waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu jistgħu jibagħtu lil Booking.com ma jikkostitwixxi rikavat mill-kriminalità, (ii) huwa u l-Partijiet Relatati tiegħu ma għandhomx (kemm jekk b'mod konxju kif ukoll jekk b'raġuni ta' suspett) jakkwistaw, jużaw, jippossjedu, iżommu, jikkontrollaw jew jinnegozjaw b'xi mod ieħor fondi jew proprjetà oħra li tikkostitwixxi rikavat tal-kriminalità, u (iii) huwa u l-Partijiet Relatati tiegħu ma għandhomx b'xi mod ieħor jinvolvu rwieħhom f'xi attività jew isiru involuti f'arranġament li jista' jikkostitwixxi reat skont il-liġijiet applikabbli li jipprojbixxu t-trattament ta' rikavat mill-kriminalità u/jew il-finanzjament tat-terroriżmu.

6.2 Is-Sieħeb jiddikjara u jiggarantixxi li, fir-rigward tal-kont bankarju li għandu jintuża b'rabta mal-Ftehim ("**Kont Bankarju**" ): (i) is-Sieħeb huwa l-uniku detentur u benefiċjarju tal-Kont Bankarju; (ii) il-pagamenti u t-trasferimenti kollha bejn Booking.com u l-Kont Bankarju (u Viċi versa) huma distakkati u ma jiksru l-ebda liġi applikabbli (inklużi b'mod partikolari liġijiet dwar il-ħasil tal-flus, it-tixħim u l-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa, il-finanzjament tat-terroriżmu, is-sanzjonijiet finanzjarji u reati finanzjarji oħra); u (iii) is-Sieħeb u l-Partijiet Relatati tiegħu ma jużawx il-Kont Bankarju (jew kwalunkwe fond ittrasferit lejn jew minn Booking.com) għal ksur tal-liġijiet dwar il-ħasil tal-flus, għal tixħim u korruzzjoni, għal evażjoni tat-taxxa, għall-finanzjament tat-terroriżmu, għal sanzjonijiet finanzjarji jew għal reati finanzjarji oħra.

## 7. MIŻURI INTERNI TA' KONFORMITÀ

7.1 Kull parti għandha, għat-terminu tal-Ftehim, timplimenta miżuri interni raġonevoli (inkluż, iżda mhux limitati għal politiki, għal proċeduri, għal awditi tal-konformità u għal taħriġ) maħsuba biex jiżguraw li hija (u l-impjegati, id-diretturi, l-uffiċjali, l-aġenti u rappreżentanti oħra tagħha u, fir-rigward tas-Sieħeb, il-Partijiet Relatati tiegħu) ma tiksirx dawn ir-rekwiżiti ta' konformità ta' Booking.com.

## 8. KONFORMITÀ MAL-LIĠIJIET APPLIKABBLI DWAR IL-KOMPETIZZJONI

8.1 Kull parti tiddikjara u tiggarantixxi li, għat-Terminu tal-Ftehim, hija (u, meta r-rappreżentanza u l-garanzija jingħataw mis-Sieħeb, kull waħda mill-Partijiet Relatati tiegħu) tikkonforma mal-liġijiet tal-kompetizzjoni applikabbli kollha, inklużi r-regoli li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-użu tad-*data* (inkluża *data* kunfidenzjali) iżda mhux biss.